**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 50 / 2015**

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Anthony Debono**

Illum, 3 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Anthony Debono, ta' disgha u hamsin (59) sena, bin il-mejjet Emanuele u Francesca neé Muscat, imwieled Nadur, Ghawdex fit-13 ta' Jannar, 1956, residenti f' Anna, Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 7856G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex):

Talli fis-sena 2013 u fis-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef Euro (€5000) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn hamest elef Euro (€5000) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u ta' diversi kuntratturi;

3. Bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b' qerq ta' aktar minn hamest elef Euro (€5000) ;

4. fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew talprivat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern jew oggetti ohra;

5. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

6. Irrenda ruhu komplici fil-falsifikazjoni ta' cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern;

7. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku illi, b' abbuz tal-kariga jew impieg tieghu, sar hati ta' wiehed mid-delitti msemmijin fl-Artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Xjentement ghamel uzu minn xi wahda mill-karti msemmijin fl- Artikoli 166, 167 u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Irrenda ruhu komplici fil-falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi nholqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zdiedu jew nbidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

10. Xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skritturi foloz hekk kif imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

12. Ikkommetta talli reati, filwaqt li kien ufficcjal jew impjegat pubbliku, u b' hekk sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Akkuzat ukoll talli:

13. Fis-27 ta' April 2015 u fil-granet ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, ma hallix persuna jew persuni ohra taghti jew jaghtu t-taghrif jew provi mehtiega f' kawza, civili jew kriminali, jew lil xi awtorità kompetenti jew quddiemha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* iddispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija:

- Barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti ai termini tal-Artikoli 23 u 23 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Anthony Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b' hekk illiberatu minnhom.

Finalment, il-Qorti cahdet it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru tal-assi tal-imputat, fir-rigward tal-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti u fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti, liema talbiet saru fic-charge sheet migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana stante li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnhu pprezentat fil-15 t' April, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet enumerati wiehed (1) , tnejn (2) , tlieta (3) u tlettax (13) ; filwaqt li:

2. Thassarha u tirrevokaha f' dik il-parti fejn ma sabitx htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet enumerati erbgha (4) , hamsa (5) , sitta (6) , sebgha (7) , tmienja (8) , disgha (9) , ghaxra (10) , hdax (11) u tnax (12) u minflok ssib lill-appellat Anthony Debono hati ta' dawn l-imputazzjonijiet hawn imsemmija, migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi u fil-parametri relattivi.

Rat lli fis-Sitta u Ghoxrin (26) jum ta' Marzu tas-sena Elfejn u Wiehed u Ghoxrin (2021), l-esponent Avukat Generali ircieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell;

Illi l-aggravju tal-esponent huwa wiehed car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi u konsegwentement ghall-apprezzament zbaljat tal-provi li wassal ghall-liberazzjoni tal-appellat mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, abbazi tal-fatt li l-Onorabbli Qorti filwaqt li kkunsidrat *in funditus* l-elementi u l-applikazzjoni ghal *fattispecie* ta' dan il-kaz, tal-misapproprajazzjoni u dik tal-frodi (kemm tat-truffa kif ukoll tal-frodi innominata) u cioe' tal-imputazzjonijiet innumerati minn wiehed (1) sa tlieta (3) , naqset fl-umli fehma tal-esponent milli taghti d-debita konsiderazzjoni ukoll ghar-reati l-ohra tal-istorn (ossia ir-raba' (4) imputazzjoni) u dawk tal-falsifikazzjoni, uzu ta' kitba jew skritturi foloz, dikjarazzjoni falza kif ukoll li kkommetta tali reati meta kien Ufficcjal pubbliku (cioe' imputazzjonijiet enumerati minn numru hamsa (5) san-numru tnax (12) inklussivi) . Kif ser jigi spjegat iktar il' quddiem f' dan l-appell dawn ir-reati isibu riskontru u jinkwadraw sew fil-fatti kif prezentati fl-Atti ta' dan il-kazu ghalhekk l-esponent jemmen li l-Onorabbli Qorti kellha issib il-htija fuq dawn l-ahhar imputazzjonijiet;

Illi ghall kull buon fini u a skans ta' kull ekwivoku, l-appellant qieghed jikkoncedi li f' dan il-kaz ma jirrizultawx l-ewwel tlett imputazzjonijiet u t-tlettax imputazzjoni u ghaldaqstant m' huwiex jigi intavolat appell fir-rigward ta' dawn l-erbgha imputazzjonijiet. Illi madanakollu l-appellant huwa konvint li l-elementi tal-istorn u l-falsifiazzjoni gew sufficjentement pruvati sal-grad rikjest mil-Ligi u ghalhekk l-esponent qieghed jappella fil-konfront tal-hames (5) sat-tnax (12) -il imputazzjoni.

Illi x-xhud principali f' dan il-kaz huwa Joe Cauchi li kien inghata *status* ta' *Whistleblower ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Informatur, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, nhar il-31 ta' Marzu 2015,[1] fejn huwa inghata protezzjoni taht dan l-att fis-sens li ma kienux ser jittiehdu procedimenti kriminali kontrieh, galdarba huwa jixhed il-verita tal-fatti kif maghrufa minnu.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[2] **Joe Cauchi** jghid li huwa kien kuntrattur jahdem bil-bobcats, excavators kif ukoll jaghmel xoghol ta 'tikhil, conversions, excavation u concrete.[3] Filwaqt li jispjega li ghal diversi snin huwa kien japplika ghal tenders mal-Construction and Maintenance Unit (CMU) fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, madanakollu mill-2012 jghid li *"qatt ma hargu"*[4] iktar tenders *"minghand Toni Debono"* (l-imputat) filwaqt li l-istess imputat kien baqa' jtih ix-xoghol[5] fosthom *"konkos gol-widien, konkos fit-toroq, hitan privati tan-nies.....rampi gor-raba' tal-privat."*[6] Jghid ukoll li bejn is-sena 2006 u s-sena 2012 kien iwettaq ukoll xoghlijiet li jkun tah l-imputat minkejja li dan ix-xoghol ma kienx kopert b' tender. Infatti l-prosekuzzjoni prezentat in atti diversi xoghlijiet li gew imwettqa minn Joe Cauchi allegatament fuq istruzzjonijiet moghtija mill-imputat. L-istess Cauchi jkompli jispjega kif l-imputat kien jidderigieh sabiex johrog *"invoices"* fuq progetti ohra[7] li jkun qed jaghmel dak il-hin il-Ministeru ta' Ghawdex, minflok fuq ix-xoghol li jkun verament wettaq Joe Cauchi bl-ingenji u l-haddiema tieghu. Illi skont Cauchi, dan kien isir billi l-imputat

---

[1] Prezentat mill-Ufficcjal Prosekutur l-Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla u mmarkat bhala Dok IA 7 *a fol.*209 *et seq.*
[2] *a fol.* 213 *et seq.* tal-Atti Processwali.
[3] *Vide fol.* 213 tal-Atti Processwali.
[4] *Vide fol.* 222 tal-Atti Processwali.
[5] *a fol.*222 tal-Atti Processwali.
[6] *a fol.*223 tal-Atti Processwali.
[7] Li ma jkollhomx xejn x' jaqsmu max-xoghol li jkun wettaq Joe Cauchi.

kien jitolbu izid is-sieghat sakemm jaghqqad l-ammont (tal-hlas) li hu (Joe Cauchi) kellu jiehu.

Illi infatti ghax-xoghlijiet imsemmija minn Cauchi (li kienu gew kummissjonati mill-imputat minghajr tender) , l-prosekuzzjoni prezentat l-evidenza inkluz b' permezz tax-xhieda ta' terzi persuni li allegatament Joe Cauchi (fuq struzzjonijiet tal-imputat) ghamel ghal beneficcju tal-istess persuni (li jew kienu s-sidien ta' l-art jew li l-art kienet imqabbla jew mikrija lilhom) .

Illi dan il-metodu ferm konvolut u zbaljat[8] fil-procedura li l-imputat kien qed jadopera sabiex ihallas lil Joe Cauchi, irrizulta mill-provi li kien qed isir sabiex tigi mistura l-intenzjoni vera tal-imputat u cioe' li dawn ix-xoghlijiet kienu intizi sabiex l-imputat jippresta pjacir lill dawn it-terzi persuni, halli dawn tal-ahhar jaghtu l-vot taghhhom lil-mart l-imputat li dak iz-zmien kienet qieghda isservi bhala Ministru ghal-Ghawdex. Il-prosekuzzjoni tellghat numru ta' xhieda (terzi persuni li gawdew mix-xoghlijiet) li jikkorroboraw dak li qed jghid Cauchi. Fosthom insibu lil-George Formosa[9] li fid-depozizzjoni tieghu ikkonferma li huwa sid il-propjeta' gewwa Triq l-Isqof Mikiel Molina kantuniera ma Triq it-Trux fl-Gharb u li ghas-sena 2010 kien gie infurmat mill-Pulizija li hajt partikolari fl-ghalqa tieghu kien fi stat perikoluz u kellu jerga jinbena mill-gdid. Formosa jghid li kien ghamel kuntatt mal-imputat u spjega kif l-imputat wara xi zmien kien qallu li ser jghinu billi jaqlaghlu l-hajt u jaghtih il-gebel. Infatti jikkonferma ukoll li Joseph Cauchi kien wettaq dan ix-xoghol u li huwa jahseb li kien propju l-imputat li kien qabbad lil Cauchi.

Illi telgha jixhed ukoll **Sammy Camilleri**[10] li qal li kien tkellem mal-imputat u qallu biex jirrangaw xi passaggi, iwessghu ir-rampa u jaghti l-concrete. Infatti jghid li Joe Cauchi ghamel xi numru ta' xoghlijiet fl-ghelieqi taghhom. Illi giet prodotta **Anna Aquilina**[11]li kienet marret titlob lill-imputat u lil martu sabiex isir xi xoghol ta' drenagg tad-dar li ghandha fl-Ghasri. Xehdet ukoll li kienet tmur tibki ghand l-

[8] Galadarba kienu qed jizdiedu sieghat fuq progetti ohra.
[9] *a fol.* 1085 *et seq.*
[10] *a fol.* 1095 *et seq.*
[11] *a fol.* 652 *et seq.*

imputat u li huwa kien jghidilha li ser *"naghmluh"*.[12] L-istess xehed **Carmelo Bajada**[13] fejn ikkonferma li huwa kien mar il-CMU fejn kellem lill-imputat dwar xi xoghlijiet li huwa xtaq li jsiru u li diversi xhur wara dawn ix-xoghlijiet saru, filwaqt li kkonferma li dawn ix-xoghlijiet saru minn Joe Cauchi u meta staqsa lil Cauchi, min kien baghthom il-haddiema biex jaghmlu x-xoghol, Cauchi wiegeb: *"Baghtni Toni. Il-Konkos baghtu Toni"*. Ikkonferma ukoll li huwa ma kienx hallas ghal dan ix-xoghol. Ix-xhud **George Victor Vella**[14] iddepona ukoll li kien kellem lill-imputat sabiex isir xoghol relatat ma giebja. Illi l-fatt li numru minn dawn ix-xoghlijiet saru bejn Frar u l-ewwel granet ta' Marzu u cioe' ftit tal-gimghat jew sahansitra granet qabel l-elezzjoni generali tal-2013, ikompli jsahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni li dawn il-pjaciri kienu qed isiru ghal gwadann li f' dan il-kaz huwa ta' natura politiku, bit-tama li dawn it-terzi persuni jaghtu l-vot taghhom lil mart l-imputat galadarba l-imputat ikun taghom is-servizzi li huma jkunu talbu.

Illi huwa ghalhekk li l-prosekuzzjoni temmen li ghandha tinstab htija taht ir-raba' imputazzjoni u cioe' dak tal-istorn. L-artikolu 127 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *" (1) Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entità ohra, jaghmel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew jisraqhom, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni generali perpetwa."*

Il-gurisprudenza nostrana tghallimna li l-elementi ta' dan ir-reat jikkonsistu f'li wiehed ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku filwaqt li jaghmel distornament ta' flejjes ghal vantagg tieghu jew ghal beneficcju ta' persuna ohra. F' dan il-kaz huwa palezi li sar uzu hazin minn flejjes tal-Gvern u/jew hwejjeg mobbli, galadarba dawn ix-xoghlijiet saru b' fondi pubblici minhabba li kienu gew mitluba li jsiru minn individwi

---

[12] *Vide fol.* 654.
[13] *a fol.* 1067 *et seq.*
[14] *a fol.* 1174 *et seq.*

privati (ghall gwadann personali taghhom) u mhux abbazi ta *public policy* jew *policy* tal-CMU. Illi anke *dato ma non concesso*, li kieku kellna naccettaw it-tezi tad-difiza li dawn ix-xoghlijiet jaqghu kollha *entro* ir-remit tal-CMU, madanakollu xorta wahda tissussisti din l-imputazzjoni stante li l-elementi taghha jibqghu sodisfatti galadarba id-decizjoni sabiex jigu utilizzati dawn il-fondi pubblici giet maghmula ghall vantagg tal-imputat (cioe' ta' martu) u ta' terzi persuni ohra. Illi li kieku ma kienx hekk, ghaliex l-imputat holoq sistema konvoluta (bil-falsifikazzjoni ta' *invoices*) sabiex jostor il-pagamenti li kien qed jaghddi lil Joe Cauchi ghall dawn ix-xoghlijiet?[15] liema l-istess Cauchi iddefinixxa din is-sistema bhala *"xoghol ta' tahwid"* minflok ma uza il-proceduri li normalment jigu adoperati mil-CMU bil-kuntratt jew tender. Jekk dawn ix-xoghlijiet kienu entro ir-remit tal-CMU, allura jsegwi i ma kienx ikun hemm ebda problema li dawn jigu mhallsa *above board* bhal kuntratti ohra.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar it-18 ta' Gunju 2020 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kif presjeduta mill-Onorabbli Imhallef Dr Aaron Bugeja, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon**, fejn fir-rigward tal-istorn (maghruf ukoll fit-test Ingliz bhala embezzlement) , l-Qorti irriteniet is-segwenti:

> *"Ir-reat ta' storn huwa reat specjali intiz li jindirizza u jippenalizza l-agir ta' persuni li jkunu qeghdin iwettqu distornament jew sottrazzjoni ta' flejjes jew effetti mobbli fil-vesti taghhom t' Ufficjali Pubblici, u mhux sempliciment bhala suggetti privati, anke jekk huma jkunu qeghdin jezercitaw professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depozitu necessarju."*[16]

Il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza irreferiet ghall insenjament tal-**Professur Sir Anthoy Mamo** f' dan ir-rigward:

> *"The elements of this crime under our law, as appears from the definition which the law itself gives, flow from:-*

[15] Joe Cauchi ma kienx lahaq thallas ghax-xoghlijiet kollha.
[16] Vide pagna 27, Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr Aaron Bugeja, nhar it-18 ta' Gunju 2020.

*(i) the character of the person committing it;*

*(ii) the mode in which it can be committed;*

*(iii) the things in regard to which it can be committed; and*

*(iv) the purpose of private gain.*

*In the first place, the offender must be a "public officer" or "servant". The expression "public officer" is defined in sec. 91. The addition of the word "servant" emphasizes the generality of the expression which thus includes all persons who, in any way, are called upon to discharge any public service, whether in a permanent post or temporarily, whether on payment or otherwise. What is essential is that the offender should have the capacity of public officer or servant, in other words that he should have in his possession or at his disposal the things **misapplied or purloined**[17], by virtue of his office or employment, because that which especially characterises this crime of embezzlement is not the public ownership of the things misapplied or purloined, **but the breach and abuse of public trust**.[18] We shall see that this crime can be committed even though the things belong to private individuals."*[19]

*(..........)*

*"The material element of the crime consists in "misapplying" or "purloining" the money or things. The old Italian text spoke of "distrarre o sottrarre". The first of these two words would connote the idea of misappropriation, the second the idea of theft.*

***Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first, i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession the the thing: he only betrays the trust reposed in him by diverting it from its destination, by using it***

[17] Enfasi tal-esponent.

[18] Enfasi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

[19] Vide pagna 29, Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr Aaron Bugeja, nhar it-18 ta' Gunju 2020.

***unlawfully for his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain****....*"

*We may here quote what Mr. Justice Harding writes although not with reference to the crime under sec. 125.*

*"Embezzlement is a ' crimen interversionis' – that is, it is completed when the lawful ' causa possidendi' is fraudulently substituted by the unlawful ' causa dominii' . As soon as the sum or thing is misapplied (i.e. applied in such a way as to change the original title to possession, which may have been ' causa depositi' , ' causa pignoris' , etc.) there is fraudulent conversion. It is not necessary that the sum or thing be disposed of and lost to the owner."*[20]

*It is, nevertheless, essential that the intent of the agent should be that of making a private gain. This word must not, however, be understood only in the limited sense of "pecuniary profit": whatever the satisfaction or enjoyment the agent intended to obtain in wilfully abusing of the things entrusted to him by virtue of his office, the crime subsists."*[21]

Illi fir-rigward tal-metodu ta' hlas ghas-servizzi li kien jippresta fix-xoghlijiet li kien iqabbdu jaghmel l-imputat, Joe Cauchi jispjega li hu ma seghtax jibghat *invoices* kif isir normalment sabiex johrog il-pagament, galadarba (anke kif spjegat iktar il' fuq) tali xoghlijiet ma kienux koperti b' kuntratti. Cauchi jghid li l-imputat kien imur id-dar tieghu (ta Cauchi) bejn wiehed u iehor darba f' sena fejn l-imputat kien jaghddilu karti miktubin lesti minnu (mill-imputat) , biex imbghad Cauchi kien johrog *invoices* abbazi ta' dawn l-iskritturi. Hawnhekk ix-xoghlijiet li jkun wettaq Cauchi minghajr kuntratt kienu jintefghu fuq kuntratti ohra li m' ghandhomx x' jaqsmu max-xoghol li jkun sar.

[20] Vide pagna 30, Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr Aaron Bugeja, nhar it-18 ta' Gunju 2020.

[21] Vide pagna 31, Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr Aaron Bugeja, nhar it-18 ta' Gunju 2020.

Illi infatti l-Ewwel Onorabbli Qorti f' pagna 12 u 13 tas-sentenza appellata tikkwota l-estratt segwenti mid-depozizzjoni ta' Joe Cauchi:

> *"Kien jaqbad din il-karta, billi hu kien il-manager tas-CMU u kellu xi mija u hamsin (150) haddiem mieghu, jew kemm kellu insomma, hu kien jaf fejn huma l-haddiema, allura kien jaqbad din il-karta, jittikkja fejn jaqbel u jghidli, iktbu ta' Kuljat, iktbu, hemmhekk, ghax hemmhekk hu ghandu lhaddiema. U x' hin dik il-karta tigi biex tghaddi mid-direttur, dik tghaddi."*
>
> *"Ghax fil-works hemm il-haddiema hemmhekk. Ma jista' jmeri hadd li m' hemmx haddiema"*

Cauchi ikompli jixhed li hemm sebghin invoice li l-ebda wahda ma hi korretta u li ma kienx thallas ghal kollha. Joe Cauchi kien imbghad johrog l-invoices fuq struzzjonijiet tal-imputat u jaghddihom lill-istess imputat u ftit ta' zmien wara kien jircevi ic-cekk. Illi il-prosekuzzjoni ezebiet Dok JC fl-atti li jinkludu l-*invoices* u *payments for works, hand-written notes, documents listing all the works carried out by Joe Cauchi, pending payments for specific works, various letters of acceptance, copy of the logbook of* vehicle *JCB200* u *analysis carried out by Inspector Ian Joseph Abdilla*. Illi dan id-dokument fih l-evidenza li tikkorobora dak li qal Joe Cauchi fir-rigward ta' kif kien qed jithallas tax-xoghlijiet li kien qed iwettaq fuq struzzjonijiet tal-imputat minghajr ebda kuntratt. Illi fil-mori tal-proceduri kien gie appuntat mill-Qorti Dr Martin Bajada bhala espert kaligrafiku[22] fejn fid-depozizzjoni tieghu jghid li ghamel analizi komparattiva tal-kitba u l-firem ma Dok JC, Dok MG u Dok CF tal-atti processwali. Mir-rapport ta' Bajada jirrizulta li 208 firma gew identifikati li setghu saru mill-imputat Anthony Debono. Il-maggor parti ta' dawn il-firem instabu fuq Local Purchase Orders (LPOs) u *c-certifikazzjoni fuq l-invoices huma ta' Anthony Debono*. Infatti instab kitba kemm tal-imputat Anthony Debono kif ukoll ta' Joe Cauchi, fejn dak kollu li huwa b' linka hamra nkiteb minn Joe Cauchi, mentri il-kumplament inkiteb minn Anthony Debono. Illi ghalhekk jirrizulta kjarament li l-imputat kien qieghed jitlob lil Joe Cauchi jwettaq ix-

[22] *a fol.* 1117 *et seq.* tal-atti processwali.

xoghlijiet imsemmija fl-atti processwali u wara kien ikun l-imputat stess li jghidlu u jidderigieh kif ghandu johrog l-*invoices* iffalsifikati sabiex ikun jista japprovalu l-hlas ghalihom huwa stess.

Illi anke ghal grazzja tal-argument, dato ma non concesso, li jekk wiehed kellu jabbracca t-tezi tad-difiza, li il-CMU kellu *remit* sabiex jaghmel dawn ix-xoghlijiet, fothom moghdijiet fil-kampanja, rampi ghal-artijiet agrikoli u xoghol iehor bhal dan li rrizulta minn dan il-kaz li l-imputat talab lil Cauchi jaghmel, allura hawnhekk l-esponent jistaqsi, x' kienet ir-raguni ghalfejn l-imputat talab lil Cauchi jaghmel dan ix-xoghol u ma bghatx direttament il-haddiema tal-CMU jaghmlu dan? U multo magis, ghalfejn l-imputat dahal f' certu riskju u xoghol zejjed sabiex johloq sistema ta' pagamenti bl-ghan li dawn ix-xoghlijiet li kienu qed isiru jigu mistura ma progetti ohra li kienet qed taghmel il-CMU? Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-prosekuzzjoni hija tal-fehma li l-falsifikazzjoni u l-uzu ta' dokumenti falsifikati gew ukoll sufficjentement ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-segwenti gurisprudenza nostrana fir-rigward tal-falsifikazzjoni:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali ul -falz ideogiku hi spejegata mill-awturi b' dan il-mod; filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materali tieghu, fil-faz ideologiku d-dokument ikun iffalsifat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu. Fi kliem Manzini jkun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu) ,* ***<u>mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"[23].</u>*** *Ghall-finijiet tad-dottirna in tema ta` falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni a` fatti jew*

[23] Enfasi tal-esponent.

*dikjarazzjoni ta` volonta`. S' intendti, b' kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkudi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f' dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b' mezzi mekkanici, b' mezzi indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg..." ."*[24]

Illi finalment, x-xhieda ta' Joe Cauchi hija korroborata minn evidenza ohra fl-atti processwali kif inghad iktar il' fuq f' dan ir-rikors tal-appell, filwaqt li Cauchi baqgha konsistenti fid-depozizzjoni tieghu anke waqt il-kontro-ezami komprensiv tal-abbli avukat difensur. Illi l-Artikolu 638 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Illi ghaldaqstant meta wiehed jgahrbel il-provi imresqa f' dan il-kaz, isib li fil-kaz in ezami, legalment u ragonevolment l-imputat appellat kellu jigi misjub hati tal-akkuzi li jirrigwardaw l-istorn u l-falsifikazzjoni kif migjuba kontra tieghu u dan ghaliex dawn l-istess akkuzi gew pruvati oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dan fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2021 u dak in-nhar stess il-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti kif preseduta tghaddi ghas-sentenza finali taghha .

Ikkunsidrat,

Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[25] '

[24] L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) kif presjeduta mill-Onorabbli Imhallef Vincent De Gaetano, nhar is-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Galea.
[25] Deciza 31 ta Lulju, 2008. Appell Numru 141/2008.

*hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[26]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[27]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[28]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[29]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[30]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case –*

[26] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[27] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[28] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[29] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[30] 1969] 1 QB 276.

*including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[31]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[32] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Busuttil,**[33]

*"din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.*

---

31 Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
32 Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.
33 Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 2021.

*Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni.* ***Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija."***

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[34] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[35]

Illi ghalhekk m'hemmx dudbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u

[34] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[35] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[36] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*. Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[37] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [38] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[37] 1997 Edition Para 10-3.
[38] 1952.

*possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[39]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie

[39] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[40] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[41] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunflingenti, dik esposta mill-prosekuzzjoni li tinsisti li l-akkuzat huwa hati tar-reati li huwa jinsab rinfaccat bihom u dik proposta mid-difiza li l-*whistleblower*, li fuqu qedgha principarjament isserrah il-kaz taghha l-prosekuzzjoni, assolutament mhux kredibbli. Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex taghmel ezercizzju fejn sejra tezamina fid-dettal dak li intqal minn kull xhud migjub jixhed kemm mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza.

---

[40] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[41] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

Ikkunsidrat ulterjorment,

**<u>L-allura spettur Ian Abdilla</u>**[42] xehed nhar it-12 ta' Mejju 2015 u spjega kif nhar it-8 ta' Marzu, 2015, il-permanent secretary fil-Ministeru t' Ghawdex, Joseph Borg talab il-Kummisarju tal-Pulizija jinvestiga allegazzjonijiet dwar Anthony Debono li kien qed jaghmel affarijiet hziena, fejn whistleblower Ghawdxi kien approwcja l-awtoritajiet dwar l-operat tas-Sur Anthony Debono li sa Marzu 2013 kien jokkupa l-kariga ta' *officer in charge* gewwa l-Construction and Maintenance Unit (CMU) fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex. L-allegazzjonijiet kienu li s-Sur Debono kellu xi skema li jipprovdi xoghlijiet lil individwi privati fil-kostitwenza tal-mara tieghu, tal-ex Ministru Giovanna Debono u dawn ix-xoghlijiet kienu jithallsu mill-budget tal-Ministeru. Dawn ix-xoghlijiet kienu jinkludu tqieghid ta' cement u concrete, kostruzzjonijiet go postijiet privati u toroq ghal liema xoghlijiet qatt ma hareg tender. Xehed illi meta gew infurmati b'dan kollu nhar it-8 ta' Marzu, 2015, kienu gew issigilati l-binjiet kollha fejn seta' kien hemm dokumenti li jinteressaw lill-pulizija sabiex tigi ssalvagwardjata l-evidenza fi hdan il-Ministeru. Hu spjega kif inhu mqassam il-Ministeru t' Ghawdex u li l-imputat kien il-head ta' CMU minn 2005/6 sa Marzu 2013.

F'*meeting* li sar nhar id-9 ta' Marzu 2015 inghad illi kuntrattur bl-isem ta' Joseph Cauchi, maghruf bhala is-Sansun kien qalilhom li kien ghamel xi xoghlijiet, ghal-liema xoghlijiet hu kien ghadu ma thallasx. Fir-rigward tax-xoghlijiet li kien imqabbad minn Anthony Debono, kien hemm ix-xoghol iktar dubjuz u kien iktar questionable. Hu xehed li l-pulizija giet infurmata illi dawn ix-xoghlijiet kienu saru f'postijiet privati jew biex jinqdew nies privati u dawn kienu tqabbdu minghajr tender izda b'direct order.

Jghid li is-Sur Joseph Portelli ikkonfermalu li Cauchi kien qallu li baqalu jiehu madwar €50,000. Portelli kien qal lil Cauchi sabiex dwar ix-xoghol li kien qabbdu l-imputat, kellu jmur ikellem lilu biex jithallas ta' dan ix-xoghol. Nhar l-1 t' April 2015 is-Sur Joseph Cauchi inghata l-istatus ta' *whistleblower*. Meta l-pulizija kellha f'idejha c-certifikat tal-whistleblower ltaqghet ma Joseph Cauchi ghal diversi drabi tul l-

[42] Fol. 27 tal-atti processwali.

investigazzjoni u Cauchi ha lill-pulzija f'hafna postijiet. Fl-ewwel meeting tieghu mal-pulizija Cauchi spjega li hu kien fil-buisness tal-kostruzzjoni u li kien jaghmel conversions ta' farmhouses u anke kien jaghmel xoghol mal-Ministeru ghal Ghawdex. Qal ukoll li kien rebah diversi period contracts ghal uzu ta excavators u bobcats. Dan kien jaghmlu billi jipprovdi bobcat ghal numru ta' sieghat. Jghid li bejn 2006 u 2012 il-Ministeru ghal Ghawdex ma hargix iktar period contracts ghal bobcats u excavators. Minkejja dan hu xorta baqa' joffri s-servizzi tieghu l-CMU. Cauchi spjega lil pulizija li f'2004 l-imputat ha post certu Paul Lanzon u waqt li kien ghadu ghaddej il-period contract ta' 2006 beda jqabbdu jaghmel xoghol fil-privat. L-ewwel bicca xoghol kien kostruzzjopni ta' giebja bejn in-Nadur u l-Qala u wara dan baqa' jaghmel xi xoghlijiet ohra. Hu spjega lil pulizija li hu kellu period contracts ghas-snin 2004, 2005 u 2006 u ma hargux iktar kuntratti sa 2012. Hu baqa' jipprovdi servizzi ta' skavar fil-perjodu 2006, 2012.

Fl-ewwel intervista ta' deskrizzjoni generali tax-xoghol li ghamel fil-privat. F'intervista ohra spjega fid-dettal x'kien ghamel u anke ha l-pulizija f'postijiet fejn kien ghamel xi xoghlijiet. L-ewwel gurnata kien semma li apparti l-giebja kien hadem f'xi barriera ta' Sammy Camilleri. Dan ta' l-ahhar kellu wkoll barumbara u ghelieqi gewwa l-Gharb li ghal dawn ix-xoghlijiet kien ghad baqa' xi disat elef euro (€9,000) pendenti. Kien ghamel xi xoghlijiet fl-Gharb li kien ghad baqa' xi tlettax-il elf euro (€13,000) x'jithallas taghhom. Ghamel ukoll xi xoghlijiet lil familja Portelli l-owners tar-restaurant Brookies. Cauchi qal li qatt ma seta' johrog invoice direttament ghal dawn ix-xogholijiet ghax ma kienux covered bit-tender. L-imputat kien jghidlu allura kif ghandu johrog dawn l-invoices. Probabilment kien jindikalu xoghol iehor fejn kien hemm haddiema ta' CMU, u johrog l-invoices fuqhom. Allura kemm l-invoices u kemm il-pagamenti kienu foloz. Hafna minn dawn il-pagamenti kienu ghaddew. Cauchi kien qallu li s-Sur Debono dejjem tah struzzjonijiet sabiex jaghmel dawn ix-xoghlijiet. Cauchi qal li kellu madwar hamsin elf euro (€50,000) pagamenti pendenti.

Bhala materjal tal-concrete Cauchi qal lill-pulizija li dejjem gie pprovdut lilu u normalment dejjem *through* l-imputat. Wara l-elezzjoni ta' 2013, Cauchi kien mar jilmenta ma Portelli li rrifjuta li jhallas ghal dawn ix-xoghlijiet u qallu sabiex imur ikellem lill-imputat. Cauchi qallu li l-imputat ghaddielu ghaxart elef (€10,000) fi flus

kontanti u f'2014 rega' ghaddielu ghaxart elef (€10,000) fi flus kontanti. Wara dan Cauchi kkalkula li kien bqalu jiehu tletin elf euro (€30,000). Minn dawn it-tlettax-il elf euro (€13,000) relatati mall-Kunsill Lokali ta' l-Gharb u disat elef euro (€9,000) fuq bilanci ta' xoghol ta' Sammy Camilleri. L-imputat kien qal lil Cauchi sabiex ikellem lil Camilleri f'dan ir-rigward.

Pprezenta prospett immarkat bhala Dok IJ-A 01 u li fih jinkludi dokumenti li gew mghoddija lill-pulzija minn Cauchi. JC-B-1 sa JC-B-23 huma kollha pagamenti li Cauchi rcieva minghand il-Gvern abbazi ta' invoices li huwa hareg. Minn JC-B-1 sa JC-B-21 huma kollha invoices foloz. Dawn l-invoices kienu bla data u kien l-imputat stess li kien qallu sabiex jgholli r-rata tal-kiri ta' bobcat biex il-bilanc li kellu pendenti jinqata' iktar milghajr. Fl-ahhar imbghad beda jhoss li kellu jinkludi d-dati. Huma l-ahhar zewg dokumenti biss JC-B-22 u JC-B-23 li huma tajbin. Dok JC-H huwa dokument b'analazi li prepara hu fejn jinkludi dokumenti li skontu fihom il-kitba ta' l-imputat; Dok. JC-D tinkludi lista tax-xoghlijiet kollha li ghamel Cauchi meta mqabbsd m' CMU; Dok JC-E jinkludi l-pendenzi li baqalu x'jiehu Cauchi; Dok JC-F jinkludi l-letters of acceptance u Dok JC-G huwa *logbook* ta' high-up bin-numru tar-registrazzjoni JCD 200 li ilu garaxxjat mit-2007. Il-Qorti ghandha ssib invoices li jitkellmu fuq hire ta' high-up wara l-2007. Il-pulizija kienet ottjeniet mill-Ministeru il-corresponding payments ta ma' Dok. JC-B-01 sa Dok. JC-B-23. Ipprezenta wkoll Dok. MG jirrelata ghal dokumenti li hu gabar mill-Ministeru t'Ghawdex. F'dan id-dokument hemm 23-il pagament li jikkorispondu mal-invoices imsemmija iktar il-fuq. Dok CM jinkludi dokumenti relattivi ghal dawk it-23 pagament izda ssib biss dawk li jikkorispondu ghall-ewwel 16, u dan ghaliex meta CMU caqalqu l-ufficini taghhom dawn gew meqruda. Hu gharaf il-firem tieghu fuq id-dokumenti.

Wara l-ewwel intervista mas-Sur Cauchi nhar l-1 t' April 2015, l-ghada hu ha l-pulizija f'22 lokalita'. Gie pprezentat Dok. PW li jikkontjeni sett ta' ritratti li ttiehdu ghal kull bicca xoghol li saret. Nhar l-14 t' April 2015, Cachia rrilaxxa stqarrija dettaljata lill-pulizija. Gie spjegat x'xoghlijiet li saru u fejn. Mir-ricerki li saru jirrizulta li l-maggoranza tal-propjetajiet jappartjenu l-Gvern.

Kien gie mitkellem Pietru Debono wiehed mill-propjetarji ta' P & J Debono maghruf bhala Bazoru. Mistoqsi dwar materjal li ghadda f'postijiet privati, hu wiegeb li ma kienx cert pero kull supply li huwa pprovda lis-CMU kien ipprovdiha direttament fuq struzzjonijiet ta' Anthony Debono. Pietru Debono kkonferma li qatt ma ntalab jaghmel xi invoice falza. Il-Pulizija illinkjat dak li qalilha Cauchi ma dokumenti li sabu ghand Pietru Debono.

Mitkellem minnu s-Sindku tal-Gharb David Apap, jghid li fuq ix-xoghol tal-ground il-kbir tal-Gharb kien fi stat hazin u kien talab lill-imputat sabiex jirrangah. L-istess talab l-ghajnuna sabiex jigi trangat il-ground five-a-side u platform f'Wied Gulja, l-imputat accetta li jghinu. Apap spjega li la hu kien kellem lil Debono, l-ebda minn dawn ix-xoghlijiet ma kien responsabbli ghalihom il-Kunsill. Ghalhekk meta Cauchi invoicja l-Kunsill, irrifjutaw li jhallsuh.

Mitkellma l-familja Portelli li kellha l-Brookies, jghidu li jafu li saret wine cellar imma ma jafux min ghamilha ghax kien jiehu hsieb kollox missierhom u li kien miet. Dwar il-hajt li sar fid-dar ta' David Portelli dan qal li qatt ma qabbad lill-imputat biex jirrangalu xi haga fil-propjeta' tieghu. Fir-rigward tat-triq li kienet taghti ghall-propjeta' fl-isqaq ta' Xirfi, George Debrincat, li jigi t-tifel tas-sid li kien miet, qal li kienu jiehu hsieb kollox missieru ghalhekk ma setgha jghidilhom xejn. Fir-rigward ta' bicca xoghol ohra rigwardanti hajt fi Triq l-Isqof Mikiel Molina fl-Gharb, George Formosa kien qal li din it-Triq hija privata, tieghu u ta' martu u wara li kien tkellem ma Debono dan il-hajt kien sar minghajr hu ma hallas xejn. Kien sar ukoll sqaq bil-concrete gewwa Triq is-Sellum, fejn wiehed mill-ko-propjetarji qal li dan kien sar wara li hu kien kellem lil Debono.

Giet mitkellma wkoll Maria Dolores Grima, li quddiem id-dar taghha, gewwa Triq ic-Cangar tac-Cawla, Victoria, kienet saret triq. Hija qalet li gili marret tkellem lil Debono sabiex din issir. Qalet ukoll li hi tghix Malta u meta darba telghet sabitha miksija konkos. Mitkellma Anna Aquilina li ghandha propjeta' fi Triq il-Kanun, Ghasri, qalet li marret ghand diversi persuni biex isirilha d-dranagg fil-propjeta' taghha, u wiehed minnhom kien Anthony Debono. Tikkonferma li xi hadd ipprova jaghmlilha d-drenagg imma dan ma sarx.

Kien gie mitkellem George Victor Vella, propjetarju ta' ghalqa gewwa l-Qala fejn kien sar gibjun. Ikkonferma li Cauchi kien haffirlu l-giebja imma ma jiftakarx jekk kienx Lanzon jew Debono l-imputat li qabbdu. Debono kien qabel li jissuplixxih bil-bricks u anke biex jibni l-giebja. Vella qal li Debono mar ikellmu u qallu sabiex ma jghidx li l-giebja saret b'rizorsi ta' CMU u li thaffret minnu u minn missieru. Vella qal li ma setghex jghid hekk ghax missieru kien mejjet meta thaffret.

Spjega li Coronato Calleja kien qal li ghandu propjeta' biswit l-iskola ta' Kercem li ghaliha ma kellhomx access. Kien kellem lil Debono u kien qallu li ma kelliex tkun problema li jaghmlu dan l-access. Debono ma talbux favuri jew pjaciri ta' dan imma kulhadd jaf li hu Nazzjonalist u li kien jaf lill-missier l-ex Ministru Giovanna Debono. Qal ukoll li Sammy Camilleri kien spjega li kien hallas lil Cauchi sabiex jaghmillu xi xoghlijiet fil-propjeta' privata tieghu. Hu qal li qatt ma talab lil Debono jaghmillu xoghlijiet fil-propjeta' privata tieghu izda kien jghinu jaghmel affarijiet fil-kampanija li kienu jgawdu minnhom ukoll nies ohra.

Nhar it-28 ta' April 2015, gie arrestat u interrogat Anthony Debono li ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda tal-pulizija. Nhar il-5 ta' Mejju 2015, Debono rega gie nterrogat u ghal darba ohra ddecieda li ma jezercitax id-dritt tal-avukat u li ma jwiegeb ghall-ebda domanda.

In kontro-ezami jghid illi sa dak il-punt ma rrizultax illi l-imputat direttament ha xi flus direttament hu. Qal ukoll li ma jirrizultalux illi huwa akkwista xi propjeta' b'mod dirett jew indirett.

L-allura **spettur Ian Abdilla**[43] rega' xehed nhar id-19 ta' Mejju 2015 u pprezenta kopja ta' tlett ledgers li gew elevati mis-CMU.

Nhar id-19 ta' Mejju, 2015, l-**allura Spettur Ian Abdilla**[44] rega' xehed in-kontro ezami. Dan ikkonferma li l-investigazzjoni bdiet ufficjalment nhar it-8 ta' Marzu, 2015. Bejn

[43] Fol. 82 tal-atti processwali.
[44] Fol. 100 tal-atti processwali

it-8 ta' Marzu u l-1 t' April sar enfasi biex jifhmu s-sistema, gew ezaminati dokumentazzjoni u gew mitkellma madwar tnax (12)-il ruh. F'dan il-perjodu ma kienx ghadu gie mitkellem Joe Cauchi u dan billi kien ghadu ma nghatax ic-certifikat tal-whistleblower. Mistoqsi jekk sarx uzu hazin tal-fondi pubblici ghax saru x-xoghlijiet fil-football ground tal-Gharb, jghid li kien hemm akkuzi ohrajn relatati u li hawnhekk ghal dan ix-xoghol Cauchi kien ghadu qas thallas. Ikkonferma illi rrispettivament ta' xi problema li qatt seta' kellu Cauchi biex jihallas, s-CMU fl-imghoddi ghamlet xoghlijiet varji ta' football grounds. Ikkonferma wkoll illi fuq il-ground tal-football tal-Gharb m'hemm ebda uzu hazin ta' fondi pubblici. Fir-rigward il-football pitch 5-a-side tal-Gharb, saru xi xoghlijiet u thallsu minn fondi pubblici. Jghid li l-imputat seta' jghin il-Kunsill tal-Gharb b'mod finanzjarju fil-5-a-side football ground u CMU kellha r-remit li taghmel dan. Fir-rigward il-pjattaforma tal-Gharb xehed illi sar uzu hazin u dan ghax saret minn organizzazjoni privata. Xehed illi qatt ma ra d-dokument li esebiet id-difiza u cioe' l-Annual Reports of Government Departments tas-sena 2011 fejn fih hemm imnizzel ' The main objective of the Construction and Maintenance Unit is that of rendering services in construction and maintenance areas to the general public, voluntary organisations and other Government entities'. Jikkonferma li ghal bicca xoghol ta' Garrija, il-concrete gie supplit minn P and J Debono. L-invoices ta' P and J Debono ma kienux foloz ghax dan kien covered b'period contract. Ikkonferma wkoll li Cauchi qallu li kien imur ghandu Debono u jghidlu kif jaghmel l-invoices. Ghalkemm Debono kien sab il-hin biex jaghmel l-invoices tas-snin 2013, 2012, 2011, 2010,2009, 2008 u 2007, din ta' l-Gharb ta' 2006 baqghet qisha fl-arja.

Fir-rigward tal-bicca xoghol ta' concrete li sar barra r-residenza ta' dar ta' Germaniza/Awstrijaka li jisimha Bridgita qal illi l-art jista' jkun illi hija art privata ghax ma nstabux dokumenti li hija art pubblika u ma kienx hemm xi xatba jew tabella biex ma tidholx. Fuq il-hajt fi Triq l-Isqof Molina gewwa l-Gharb sostna li huwa privat u dan ghaliex kien qallu is-sid. Qal li ma jafx hemmx policy fuq dangerous structures fi hdan ic-CMU.

Fejn jidhol Sammy Camilleri l-ewwel jghid illi dan qallu ghax-xoghol illi hu personalment qabbdu, hallsu, imma hemm xoghlijiet li seta' ghamel hu ghax qabbad lil Debono jghinu fihom u ghal dawk ma hallsux hu. Iktar tard jikkonferma li Sammy

il-Geziz qallu li hu qatt ma qabbad lil Debono jghamillu xoghol fil-privat u Cauchi qallu li thallas elfejn euro (€2,000) pero' fadallu jiehu tlettax-il elf euro (€13,000) u dan ta'hafna xoghlijiet fosthom toroq li jaghtu ghall-ghelieqi ta' Sammy u drainage. Jkompli jikkonferma li Sammy qallu dak li qabbadtu jien personalment thallas ghalih. Il-Geziz kien qallu li l-unika haga lil talab lil Debono kien biex jaghmel diversi toroq fil-kampanja. Fir-rigward il-passaggi fil-kampanja ikkonferma li CMU kellu remit jaghmel dan ghax huwa parti mix-xoghol tieghu

Ix-xoghol gewwa Triq Sdieri, Gharb, kien f'passaggi rurali u kien hemm partijiet maghluqa anke b'rixtellu. Illi gewwa mir-rixtellu jghid li ma kienx hemm 10cm biss ta' concrete. Xehed illi rampi fl-agrikoltura li huma passaggi pubblici jaqghu taht ir-remit ta' CMU. Fuq Wied l-Infern gewwa z-Zebbug fejn Cauchi kien gie mqabbad jaghti filata konkos fuq triq ezistenti ma ghalqa. Huwa xehed illi jidher illi x-xoghol sar specifikament biex jigi agevolati s-sid ta' dik l-ghalqa partikolari ghax ix-xoghol sar mill-bidu sa tmiem l-ghalqa. Ikkonferma li sid l-ghalqa ma jafux min hu.

Fir-rigward tal-propjeta' ta' Anna Aquilina gewwa Triq il-Kanun fl-Ghasri, jghid li x-xoghol li ried isir kien mid-dar tas-Sinjura biex jitqabbad mal-main tal-Gvern li sussegwentament dak il-main skoprew li kien main privat tal-Gozo farmhouses u twaqqfu milli jkomplu bix-xoghol.

Trejqet il-Harrub fil-Belt Victoria u Fontana jghid li hi t-triq mhux mnizzla bhala wahda mit-toroq li ghandu l-gvern. Mistoqsi hux konxju mill-fatt illi din it-triq, hija wahda mit-toroq illi meta taghmel ix-xita tkisser ir-raba' kollha, qal li mhux konxju. Mistoqsi jekk tkellimx mal-bdiewa u man-nies tal-akwati, jghid li le. Ikkonferma li hu parti mir-remit tas-CMU li jikkreja lqugh ghall-ilma.

Fir-rigward l-issue ta' Maria Dolores Grima, ma kienx hemm oggezzjoni li din hija triq pubblika. Fuq il-pont li tkabbar skond Cauci sabiex jaghti vantagg lil Ino ta' Frenc, dan jinsab go Wied tal-Gvern. Fil-kaz ta' Cornoato Calleja li kellu Farm u ma kellux access ghalih, dan kien mar ikellem lil Debono u kien ser isir zvilupp fuq propjeta' tal-gvern izda beda u gie abbandunat. Dwar l-Isqaq Xifi gewwa Kercem ikkonferma li dawn moghdijiet varji fil-kampanja li jibqghu jaghtu sa dar privata. Ikkonferma wkoll li dawn jaqghu within the remit ta' CMU pero wara accena illi mhux fil-privat.

Punti 17 u 18 qablu li jirrigwardjaw passagi fir-raba' u allura jaqaw *within the remit* ta'CMU. L-ahwa Portelli li kellhom il-Brookies cahdu li kienu qabbdu lil Debono sabiex jaghmlilhom xi xoghol ta' skavar. It-tfal ta' Portelli jafu li kien hemm *wine cellar* imma min ghamila, min tqabbad u min thallas ghaliha ma jafux. Mistoqsi jekk Cauchi qallux li meta haffer ghal *wine cellar* ghamilx xi xoghol ta' skavar fil-hajt li hemm f'dik il-kantuniera li jitilghu minnha biex jitilghu ghar-Rabat, jghid li ma qallux.

Xehed ukoll illi fir-rigward tat-triq Tas-Sellum bejn il-Victoria u x-Xaghra tkellem mal-familja Zammit u Bajada. Ikkonferma li kienu qalulu li dik it-triq qedgha fi propjeta' privata li kienu wirtu l-familja Zammit u Bajada. Qal li s-Sur Bajada kien qalilhjom li ma sar xejn fil-hajt fl-ilqugh tal-ilma u saret triq. Xehed illi l-area adgustanti ma' dik it-triq hija tal-Gvern u hadd ma semmilhom li meta jsir xoghlijiet min-naha tas-CMU, konsegwenza ta' dawk ix-xoghlijiet jinqalghu problemi tal-ilma.

Rigward il-kwistjoni tal-giebja jghid li thaffret mill-missier u l-iben fi zmien meta kien hemm Paul Lanzon. Jghid li din saret sabiex jingabar l-ilma fiha ghax hemmhekk kellu r-raba' is-sinjur. Mistoqsi jekk qabel thaffret din il-giebja kienux saru xoghlijiet ta' toroq fil-vicinanzi li konsegwenza taghha l-moviment tal-ilma kienu gew *changed completely* jghid li s-sinjur kien qalilhom li ma kienx jaf ezatt jekk hux qabel jew wara li saret il-giebja kienet saret it-triq. Mistoqsi dan sarx minhabba l-fatt illi t-triq li saret gabet maghha ilma enormi li qed ikisser ir-raba' wiegeb li hadd ma qallu hekk lanqas is-sid tal-istess raba'. Jghid li lil Lanzon ma kellmux dwar dan.

**l-allura Supretendent Ian Abdilla**[45] rega' xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, u pprezenta erba' ritratti, aerial photos, tal-iskola ta' Kercem u nhar is-6 t' April, 2016,[46] ipprezenta vera kopja tal-minuti tal-Kunsill Lokali ta' Kercem, kif ukoll il-Minuti tal-iskola primarja ta' Kercem.

**<u>Joseph Cauchi</u>**[47] xehed nhar is-26 ta' Mejju 2015 u qal illi hu kuntrattur u jahdem bil-*bobcats, excavators* , xoghlijiet ta' excavation ecc. Kellu kumpanija bl-isem Joe Cauchi Developments li ghalaqha f' 2006 u llumjahdem f'ismu. Kien ilu jaghmel xoghol ghal

---

[45] Fol. 880 tal-atti processwali.
[46] Fol. 960 tal-atti processwali.
[47] Fol. 213 tal-atti processwali.

gvern minn 1996, kienu johorgu tenders, gieli hadhom u gili le, imma l-bicca l-kbira kien johodhom. Gharaf lill-imputat fl-awla u jghid li dan dahal x-xoghol wara Pawlu Lanzon f'CMU u kien ghajjatlu biex itih ix-xoghol. Xehed li l-ewwel tender kien f'2004. Qal li kien hemm xi flus pendenti ghax-xoghlijiet li 99% minnhom fil-privat, li kien qabbdu Anthony Debono u ma kellux cans li johodhom. Jghid li kien kellem lil Simon Busuttil dwar dan, kif ukoll lil David Agius u Chris Said. Kellem ukoll lil Joyce Dimech, lil Perm. Sec. ta' qabel u lid-Direttur Portelli. Baghat email lil Portelli nhar it-12 ta' Settembru, 2014.

Xehed illi kemm il-darba cempel lil Toni Debono ta' Giovanna jsaqsih ghall-flus, u dejjem jghidlu tini cans issa nirrangalek u fakkar li dawn ix-xoghlijiet kienu bla kuntratti. Qal li kien hemm tender f' 2006, imbghad rega' kien hemm fl-2012. Fil-perjodu ta' bejniethom qatt ma hargu tenders. Hu xorta baqa' jahdem f'dan il-perjodu. Kien ghamel xoghol ta' konkos fil-widien u toroq, hitan privati tan-nies, rampi tar-raba' gol-privat u giel anke xtara gebel.

Jghid li Anthony Debono kien imur ghandu qisu darba f'sena. Qabel kien jibghat invoice, imma mbghad ma kellux kuntratti allura ma setax. Debono gieli gablu karti miktubin minnu lesti, biex imbghad hu kemm jipprepara l-invoice. Gili anke mar id-dar tieghu u kien itih struzzjonijiet ta' x'jikteb. Dawn l-invoices kien ikollhom ukoll xi dettalji nieqsa bhad-data u invoice number.

Spjega li Debono kien ikun jaf fejn hemm il-haddiema ta' CMU u kien jghidlu x'jikteb. X'hin tasal ghand id-direttur din kienet tghaddi. Mistoqsi jekk ix-xoghol li hemm fuq id-dokument JC-C li huwa handwriting ta' Toni Debono, dan wiegeb li hemmhekk ma sarx. Hu spjega li Debono kien jgholli r-rati sabiex jaqta' l-ammont minn banda ohra u ta' l-ezempju tal-heliport. Fir-rigward ta' Invoice D 15 jghid li qatt ma hadem bil-high-up mas-CMU u li f'2013 il-high-up tieghu kien igaraxxjat. Ghaldaqstant, ix-xoghol li gie mnizzel ma sarx u sar banda ohra. Jaccena illi minn 70 invoice l-ebda wahda m'hi korretta. Xehed illi biex jigi kkonfermat invoice hix tajba, wiehed ghandu jirreferi ghall-*workings* tieghu u jara inhadmitx, ghax l-invoices seta' kien imgieghel biex jaghmilhom.

Spjega illi fl-email li kien baghat lid-direttur kien qallu li dan ix-xoghol kollu sar ghall-voti u jghid illi Debono qabel l-elezzjoni tat-2009 tal-MEPS kien baghatu jaghmel

xoghol u qallu biex jiehu hsieb jaghmilha ghax 'dawn mhux ha jivvutaw'. Mistoqsi ghala certu postijiet imsemmija hafna drabi, jghid li ma jistax jirrispondi u l-inqas haga baqa' juza ezempju Ta' Garrija ghax kellu n-nies hemmhekk.

Qal li l-invoices mbghad kien itihom lil Toni, u dan kien johodhom id-dipartiment u jiffirmahom u hu kien jircievi karta ffirmata minn ghandhom u wara zmien kien jircievi c-cekk. Spjega li t-timbru u l-firem ta' fuq l-invoices ma jidholx fiha hu. Qabel kien jircievi karta ohra ffirmata minn George Pace li kien jiehu hsieb il-karti s-CMU. Meta kien jircievi l-*payment*, kien jibghatulu biex itihom il-fiscal receipt.

Nhar it-2 t' April ha lilll-pulizija jaraw certu postijiet. Mistoqsi dwar il-ground il-kbir tal-Gharb gewwa Triq Tumas Cassar jghid li qala' zewg hitan ghax is-Sindku ried ikabbar il-ground. Jghid li meta mar fuq il-post kien hemm prezenti Toni Debono u David Apap Agius u d-direzzjonijiet fuq ix-xoghol kien taghhomlu Debono. Fuq hlas ma tkellmux. Ix-xoghol sar f'2006 u lil Toni ma setax jibghatlu invoice ghax bla tender. David kien canvasser tal-mara ta' Debono u kellhom argument u Toni waddabhom fil-genb. Qal li meta Debono tah pagament minnhom fid-29 ta' Dicembru, Sammy Camilleri kien lest li jhallas xi haga izda fuq Agius Apap kellu problema. Ghamel ukoll xoghol fuq il-5-a-side tal-Gharb u fuq il-post prezenti meta tqabbad jaghmel dan kien hemm is-Sindku Agius Apap u Debono. Hu qala' u ghamel il-livelli. Ix-xibka ma jafx minn fejn giet imma, l-konkos gabu minn PJ Debono, Ta' Bazoru. Meta kien jghidli biex nohrog invoice, tal-ground kien jaqbizhom. Isemmi wkoll ix-xoghol ta' Wied Gulja, tal-platform. Qabdu jaghmel dan ix-xoghol Agius Apap u Debono ssuplixxih bil-gebel, imbghad kompla xtara l-gebel hu. Qal li kellu jithallas minghand Debono imma meta sar jaf li Debono u Agius Apap ma ghadhomx jitkellmu invoiceja lil Agius Apap. Filwaqt li huwa ma jihadx li hu ghamel ix-xoghol, jichad li hu qabbdu u ghalhekk ghadu ma thallasx sa llum.

Ir-raba' post jirrigwardja triq fejn il-fabbrika tan-nara tal-Fontana. Din saret qabel l-elezzjoni tal-MEPs, f' Mejju 2009 ghax kien hemm xi nies ma kienux ser jivvutaw. Hu u huh wettewh bil-concrete. Jghid li hu thallas parti minnu meta Debono tah zewg pagamenti ta' ghaxart elef euro (€10,000) -il wiehed.

Il-hames post li ha lill-pulzija kien parking area fi triq it-Trux. Kienu ltaqghu u prezenti kien hemm hu, Debono u Brigetta, mara Germaniza. Din area privata u din hallsitu

tax-xoghol, imma l-konkos hallas ghalih il-gvern. Qal li f' 2009 diga' kellu hafna flus pending u kellu cans jigbor dawn, meta qal lil din Brigetta bis-sitwazzjoni qablet li thallsu tal-flus tax-xoghol.

Is-sitt post jirrigwardja hajt fi Triq l-Isqof Nikiel Molina, l-Gharb. Jghid li Toni Debono kien tah struzzjonijiet biex jaqla' kollox. Fit-Triq ta' Sdieri, l-Gharb sar *leveling of concrete.* Toni kien hadu hemm u ghamel xi tlett bicciet xoghol hemm. Qal li hemm hekk kollha ghelieqi privati u kien ghad baqa' bilanc pendenti dovut minghand Toni Debono ghax dejjem hu qabdu.

Post iehor kien Wied l-Infern, iz-Zebbug, triq li saret s-Sibt tal-elezzjoni u minn hemmek marru fuq triq ohra, triq fuq triq tal-konkos. Toni dakinhar mar jurihom ix-xoghol li ried isir u telaq. Kien hemm Giovanni u Gori wkoll. Xehed li dan kien nhar id-9 ta' Marzu 2013, il-gurnata tal-elezzjoni. Sid l-ghalqa ltaqa' mieghu dakinhar, jaf li miz-Zebbug u jahseb li jahdem l-isptar imma ismu ma jafux. B'referenza ghal meta ha lill-pulizija fuq gholja z-Zebbug u wrihom *general view* tal-kampanja taz-Zebbug, u spjega bicciet tax-xogholijiet ohrajn li ghamel fl-ghelieqi li kienu saru fuq diversi perjodi, fuq tul taz-zmien.

Mistoqsi fuq ix-xoghol li kien sar gewwa Triq il-Kanun, l-Ghasri, hu qal li Toni Debono kien qabbdu jmur iqabbad d-dranagg minn god-dar ta' certu wahda Renance jew ommha ghal gol-main. Jispjega li mar huh biex jaghmel l-excavation u xtara drainage fittings minn butu u ghadu ma thallasx. Kien cempillu certu Pawlu Scicluna tal-Gozo farmhouses u kienu argumentaw ghax Scicluna qallu li kien ser iqabbad ma dranagg tieghu. Il-main kien main privat, allura l-haddiema ghalqu kollox u telqu.

Fir-rigward ta' Trejqet il-Harrub fi Triq San Martin, xehed illi Toni Debono cempillu gurnata qabel biex jiltaqghu l-ghada fuq bicca xoghol. Dan kien it-8 ta' Marzu. Waqt li kienu hemm cemplet wahda lil Toni fuq il-mobile u ghaddilu l-mobile u qaltlu jekk ma jaghmlilix r-rampa f' Wied il-Mielah ma kienux ser jivvutaw. Jghid li lil din il-mara ma marrux jaghmluhila. Jghid li Toni ma qallux ejja ghax mhux se jivvotaw. Kompla jghid li ghamlu triq konkos m'ghola metru u li Debono qatt ma semma lqugh tal-ilma. Hemmhekk hemm il-ftuh u l-ilma jmur ghall-wied u jghid li Debono qatt ma semmielu fuq bdiewa li kienu qed igorru. Dan ix-xoghol ghadu ma thallasx lanqas.

Fuq it-Triq Tac-Cawla li tinsab ir-Rabat Ghawdex jghid illi Toni Debono qabbdu jaghmel it-triq kollha konkos u dan fl-4 u 5 ta' Marzu, 2013. Fir-rigward tax-xoghol ta' Wied il-Lunzjata jghid li beda nhar id-9 ta' Marzu, 2010 u hadu hemm Toni Debono. Kien gie l-bidwi wkoll. Saret excavation tal-giebja u wessghu t-triq. PJ Debono pprovda l-konkos. Ghal dan ix-xoghol la saret invoice, u anqas ma thallas. Fuq din ma jiftakarx li Debono kien mar u qallu fuq xiex ghandu johrog l-invoice.

Spjega illi fil-11 ta' Frar, 2013 mar l-iskola ta' Kercem ma' Toni. Dan ta' l-ahhar kien spjegalu li kellha tinghalaq triq u tinfetah ohra. Prezenti kien hemm ukoll is-sindku ta' Kercem. Jghid li ma jafx ghala sar hekk ghax dik it-triq kienet tajba. Ma semmiex quddiemu li kien gej xi progett hemmhekk. Id-Direttur Joseph Portelli kien ordnalu li jregga' kollox ghal kif kien, u hekk ghamel. Xehed li ma jafx min hu Coronato Calleja u ma jafx ta' min hu l-farm indikat.

Bicca xoghol ohra kienet dik ta' Sqaq ta' Xirfi jew tan-Nahli f'Kercem. Dan sar f' 7 ta' Marzu, 2013. Toni kien mar fuq il-post u qallu ghamel din il-konkos, minhabba ragel xih li kien go wheelchair. Kienet triq bl-asphalt u ried li tinghata l-konkos u hekk sar. Kien gie wiehed jghidulu tad-Dudu u wkoll ried il-konkos u qalli biex naghmilulu u sar ukoll. Fuq dan la hareg invoice u qas thallas. Ma harigx invoice ghax Debono ma kienx mar id-dar tieghu jghidlu kif ghandu johrogha.

Fir-rigward ta' l-Ghadira ta' San Raflu jghid li din triq twila hafna u jista' jkun ghamilha kollha hu u jista' ghamel bicciet minnha. Bhala xoghol saret f'bicciet fuq struzzjonijiet ta' Debono. Fuq ir-Rih tad-Dwejra, jghid li triq twila madwar mitejn metru u ghamilha kollha f'darba. Kien qabbdu Toni Debono jaghmilha imma ma jafx meta saret u ghadu ma baghat invoice lil hadd dwarha.

Post iehor kien il-farmhouse ta' David Portelli, li x-xoghol taghha sar f' Lulju ta' 2005. Toni Debono kien qallu biex jaqlalu hajt u hekk kien sar. Il-bini tal-hajt ma sarx minnu. F'dan il-kaz la hareg invoice u qas thallas. Fir-rigward tal-Brookies restaurant, kien mar ma' Toni u f'23 ta' Marzu 2005 qalghu faccata ta' terrace u hammlu wine cellar taht it-terrace. Nizlu qisu disa' filati ta'gebla Ghawdxija. Dan ix-xoghol ried isir minn barra. Ma jafx jghid Roger, li llum mejjet, kienx prezenti. Jghid li Debono qallu mur u ara x'ghandu bzonn dan, bhas-soltu. Lil tal-Brookies qatt ma bbiljahom.

Fis-6 ta' Marzu, 2013 saru xi xoghlijiet ta' konkos fi Triq tas-Sellum. Ir-Road Construction ipprovda l-konkos. Jghid li debono ma qallux ghalxiex ried jaghmel din it-triq. Xogholu kien xi jrid Toni u mhux ghal min ried jaghmilha u ghalxiex. Ikompli biex jghid li lqugh ta' l-ilma ma ssemma mkien. Fuq hlas u fuq invoices jikkonferma li ma sar xejn. Jghid li t-triq ta' wiehed mix-Xaghra imma ma jafx x'jismu.

Xehed illi nhar l-4 u 7 ta' Marzu 2005 mar ghand George gewwa n-Nadur. Dan kien jahdem is-CMU u kellu xi haga mhaffra u ghamluhilu kif ried hu.

Xehed illi Sammy Camilleri Tal-Geziz hu habib hafna ta' Toni Debono, jahdem mal-Melita u ilu jafu mill-1987 ghax joqghod fit-triq tieghu. Hu kien hammillu l-barriera, kien ghamel xoghol ta' *excavation* fil-barriera, gol-barumbara u fir-raba'. Darba kienu wkoll ghaddewlu dranagg. Il-pipijiet biex jahdem gabhom mis-CMU u sabhom fuq il-post. Min-naha tieghu kemm ghamel trinka, ghamlu l-pipijiet u telqu. Jghid li Toni kien qallu 'Iva dan dejjem irid!' ghax dejjem kien jitlob ix-xoghol. Fir-rigward tal-barumbara kienu wittew rampa, xoghol ta' *excavation.* Jghid li Sammy kien jghidlu jekk ma jghallsekx Toni kellimni. Kien kellmu u tah madwar €2000. X'hin wrih il-kont qallu ara kif tirranga mieghu.

F'2012 kien hareg tender u Debono ghalhekk kellu c-cans inizzel it-tender fl-invoice. Hu jghid illi ghad baqalu erbgha u tletin elf, disa' mija u hamsa u disghin elf euro (€34,995) pendenti bhala bilanc. Hu jaqta' mill-iktar kont pendenti antik, u ghalhekk ghalih ghandu sa 2006 imhallas u parti mit-2007 ukoll.

F' 8 ta' Frar 2014 kien tkellem ma Debono u saqsih ghall-flus. Fi Frar 2014, Debono kien mar u ghaddilu ghaxart elef euro (€10,000) cash u qallu 'Titkellimx li tajtek dawn il-flus ghax bhalek ghandi lil min naghti. Kollha nhallaskom wiehed, wiehed." Jghid li kien tah karta bil-letterhead bhala rcevuta. F' Dicembru 2014, mar tah ghaxart elef euro (€10,000) f'cash u qal li qallu li dawn il-flus minn halq uliedu kien qed johodhom u li minghand Sammy kien kapaci jiehu xi haga, imma minghand Agius Apap, le. Meta mill-bilanc ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u hamsa u disghin elf euro (€34,995) jitnaqqsu l-ghoxrin elf euro (€20,000) jibqa' erbatax-il elf, disa' mija, hamsa u disghin euro (€14,995) u jekk izzid il-VAT jitilghu ghal tmintax-il elf hames mija, hamsa u dighin euro u tmienja u erbghin centezmi tal-euro. (€18,595.48).

In kontro-ezami, mistoqsi jekk l-iskop tat-tahdiditiet kollha li kellu ma diversi nies, kienx biex jigbor flusu, wiegeb li iva. Jikkonferma li wasal sa dan il-punt ghax kien ghadu ma thallasx. Jkompli sabiex jghid illi nhar 17/10/2014 mar il-Ministeru u l-avukat Grazio Mercieca qallu li dan kien kaz ta' whistleblower. Ikkonferma illi meta kellem lil Joe Portelli, qallu li ma kellux x'jaqsam u sabiex ikellem lil Debono. Ikkonferma li qal b'dan kollu lil Simon Busuttil ukoll. Jahseb li qallu hu li Debono kien qed jaghmel xoghol fil-privat. Lil David Agius batlu e-mail wahda u ma kienx hemm kommunikazzjoni bil-fomm. Rigward il-bicca xoghol tal-*whistleblower* jghid li mar il-Whistleblower Unit f'Kastilja, qalulu li kellu bzonn avukat u mar ghand Dr Robert Abela. Minn dakinhar li mar il-Whistleblower Unit sa meta cempillu s-Sur Stivala, ma kien kellmu hadd iktar dwar dan. Kien jikkomunika dwar dan biss mal-avukat tieghu. Jghid li ma marx ghand nies iktar jitkellem dwar dan, hlief ghal dawk li diga' semma.

**Joseph Cauchi**[48] rega' xehed nhar it-23 ta' Settembru, 2020, fejn ikkonferma li l-kwistjoni kollha li wasslet ghal dan il-kaz kienet ghax hu kien fadallu jigbor xi pagamenti marbutin ma tnejn u ghoxrin (22) sit differenti. Fir-rigward tax-xoghlijiet tal-Gharb qal li hu kien talab il-flus lil Toni u talabhom ukoll lil David. Qal li kien qabbdu Anthony Debono u David qallu li hu vera kien hadem imma ma kienx qabbdu hu.

Ikkonferma illi hu thallas ghax-xogholijiet li ghamel b'*direct order* minghand Joseph Scibberas, l-inginier Jeffrey Muscat, hu l-Perit Alex Bigeni u li kien irrefera ghalihom fl-email li kien baghat lil Portelli mmarkat bhala JC1. Dan ix-xoghol kien li sar fl-*Experimental Farm* u thallas ghalih meta beda l-Qorti. Mistoqsi ghala xi drabi jghid li x-xoghol qabbdu Toni Debono u drabi ohrajn jghid illi qabbdu David Apap, kif kien ghamel fl-email li kien baghat lil Chris Said, jghid li m'ghandux risposta ghal dik il-mistoqsija. F' email li kien baghat lil David Agius kien ukoll semma li baghat ittra bl-avukat bhala Sindku tal-Gharb. Ghall-ewwel qal li hu ma baghatx ittra ufficjali, imbghad qal li nesa fuqha, izda meta d-difiza semmitlu l-avukat li ffirmaha u li din tinstab fl-atti u saqsih ukoll jekk skontu x-xoghol kien qabbdu jaghmlu Toni Debono ghala kien baghata lil Apap, wiegeb illi x'hin ikollok bzonn tigbor flusek trid tigborhom.

48 Fol. 1568 tal-atti processwali.

Fir-rigward il-ground tal-Gharb jghid li jaf li l-kuntrattur tal-concrete thallas. Mistoqsi mid-difiza jekk kellux x'jaqsam max-xoghlijiet ta' grounds ta' futbol ohrajn li kien hemm fir-registri tas-CMU. Qal li kien involut fix-xoghlijiet tal-ground ta' Kercem imma ma jafx thallasx, qal li nesa. Mistoqsi thallasx tal-ground tal-Gharb hu wiegeb li ma jafx li thallas minn xejn ghax hu jaqta' minn fuq ghal isfel. Stqarr li ma jafx li l-Gharb Football Ground hu propjeta' tal-Gvern. Meta d-difiza rrimarka li meta sar l-access kien hemm tabelli sahansitra li jghidu li dan kien iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u mill-Ministreu ta' Ghawdex qal li ma kienx hemm tabelli u jekk kien hemm tabelli hu xorta mhux ser jaghti kaz.

Fir-rigward il-*five-aside ground* qal li tal-konkos u tax-xibka thallsu imma hu le ghax kien bla tender u dan minkejja li gew indikati zewg *letters of acceptance*. Mistoqsi jekk hu kien qieghed jghid li ma thallasx ghax ma kienx hemm tender, kif jista' jispjega kif thallas ghas-snin l-ohrajn u cioe' mill-2007 sa 2012 u dan meta ma kienx hemm tender, hu wiegeb li ma jafx, Debono kien imur id-dar tieghu, kienu jirrangaw il-karta u jibghatomlu. Id-difiza accenat illi l-argument tieghu li hu ma thallasx ghax ma kienx hemm tender, ma jaghmilx sens skond Portelli u hu qal li jgiddbu.

It-tielet progett, li jirrigwardja l-pedestall fl-Gharb, mistoqsi ghaliex ma kienx qal lil Portelli li dan ix-xoghol kien jaqa' fir-remit tas-CMU, hu wiegeb li jinterssah li jithallas u qatt ma sema' li s-CMU jista' jghin lil tal-festi u allura saqsa ghalxiex hu ma thallasx fejn gie mwiegeb mid-difiza li skontu kien ghax ix-xoghol kien fil-privat u bla tender.

Spjega illi fir-rigward ta' Garrija jew kif hu rreferha ghaliha bhala Fontana Fireworks Factory, huwa seta' johrog invoice fuq hemm ghax Debono kien qabbad lil xi hadd jaghmel xi xoghlijiet, gebel tas-sejjieh hemmhekk. Id-difiza rrimarkat illi fil-workings tieghu referenza ghal Fontana Fireworks Factory hemm darbtejn biss, fejn ghalihom hu thallas u hu wiegeb li ma jistax ikun u dan minhabba l-concrete.

Fil-kaz ta' Triq it-Trux gewwa l-Gharb, li hu qal li kienet parking area tal-klijenta tieghu Brigitta. Mistoqsi jikkonfermax li din taghti ghar-raba' hu nnega billi qal li fuq ix-xellug taghti ghal propjeta' privata. Fuq rimarka tad-difiza li skond ix-xhud Malcolm Scerri, din hija propjeta' tal-gvern, iwiegeb li mhux vera. Parzjalment dan kien thallas minn Brigitta u tal-konkos li hadmu mieghu dawn kollha thallus. Hu baqa'

jsostni li ma thallasx ghax ma kellux tender. Spjega li lil Brigitta kien hargilha invoice ghola minn dik li kien ta lis-CMU ghax fil-privat jithallas iktar.

Il-hajt fi Triq l-Isqof Mollina gewwa l-Gharb qal li ma jaqbilx mad-difiza li kien hajt perikoluz. Wara li saret referenza ghar-rapport tal-pulizija li kien jghid li kien hemm hajt perikoluz fi triq l-Isqof Molina, qal li jaqbel mad-difiza. B'referenza ghax-xhieda ta' Anthony Debono n-Niksu illi meta jkun hemm hajt illi huwa perikoluz jaqa' wkoll fil-funzjoni tas-CMU u qal li jaqbel basta jithallas u li kiku kellhom il-kont mill-bidu ma kienitx tasal s'hawn. Hu baqa' jsostni li ghal dawn it-22 bicca xoghol ma marx ghandu sabiex jaghmlu l-invoices. Tas-snin 2007, 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012 baqghu johorgu invoices imma ma jafx x'kienet ir-raguni ghalxiex ma dahhalx dawn. Ikkonferma li dan il-hajt izomm l-ghalqa, art li jahdem u jbiegh ward niexef George Formosa n-Nabbu u li hu ghola iktar mit-triq.

Is-sit numru 8, fi Triq Ta' Sdieri Gharb jew tat-Tmintax. Hu kien qal li ma thallasx ghax dan ix-xoghol sar fil-privat. Dan ix-xoghol sar nhar it-8 ta' Marzu, 2013 u mistoqsi fuq il-fatt li hu kien qal lill-pulizija li hu ma thallasx ghax ix-xoghol sar fil-privat, wiegeb '*Jien fejn naf fejn hu tal-privat u fejn mhux tal-privat. Jien id-dar tieghi biss naf li hi tieghi*'.

Qal li tal-Hamra u Ta' Kuljat ma jafx fejn qedghin. Id-difiza rrimarkat illi skond dak li pprezenta Malcolm Xerri, Wied l-Infern hu maqsum f'Ta' Kuljat, Ta' Sdieri u Tal-Hamra, u wara dan l-ispunt qal '*ghalija xi muntanja minn hemmhekk*'. Sussegwentament qal '*Ta' Kuljat naf biha, Wied l-Infern naf biha imma l-ohrajn…*' '*Tal-Hamra ma nafx biha*'. Ikkonferma illi fuq l-invoices u l-workings tieghu kien inizzel l-ismijiet jew il-laqmijiet ghand min ikun hadem u mhux bil-lokalita'.

Mistoqsi ghala ma kienx thallas ghall-*farm access roads* li hu wera lill-Ispettur mill-gholja taz-Zebbug, hu wiegeb li ma kellux tender u Debono kien ihallsu x'hin irid hu.

Fir-rigward ta' 11, Triq il-Kanun, Ghasri qal li x-xoghol kien bdih imma ma komplihx minhabba li l-main tad-dranagg kienet tal-farmhouses. Dan ix-xoghol sar nhar is-7 ta' Marzu, 2013 u kien imnizzel fil-wokings tieghu bhala 'Renance Ghasri'. Skond il-workings tieghu, il-haddiema ghamlu seba' sieghat izda fix-xhieda tieghu fol. 281 kien qal li l-haddiema ghamlu tlett sieghat u nofs u telqu 'l hemm. Mistoqsi dwar dan wiegeb 'il-fittings min ser ihallashom?'u qal li dawk parti mill-bill. Gie spjegat lilu li dawn kienu apparti fuq il-kont u li kienu jammontaw ghal wiehed u hamsin euro u

erbghin centezmu (€51.40) hu spjega illi billi kien hemm zewg haddiema bis-seba' euro (€7.00)-il wiehed u mbghad trid taghmel times erba' euro u hamsa u sebghin centezmu (€4.75). Ix-xoghol sar sussegwentament taht amministrazzjoni laburista. Hu baqa' jargumenta li peress li ma kellhomx tender messu waqqafhom.

Fuq Trejqet il-Harrub fi Triq San Martin jew kif irreferi ghaliha hu Victoria next to Panzier, dan ikkonferma li ghamel il-konkos fit-triq. Qal li din mhux fil-privat saret. Id-difiza rrimarkat illi din it-triq saret nhar id-9 ta' Marzu, 2013, fejn gimgha wara, l-imputat gie mibdul minn Anthony Debono n-Niksu u ghalhekk l-imputat Debono ma setghax jirrispondi ghalxiex hu ma kienx thallas. Mistoqsi ghax ma hallsux Portelli, ippretenda li jhallsu Debono, hu wiegeb *'dejjem hu kien ihallasni'* u *'ghax l-ahhar ghoxrin elf (€20,000) hu tahomli'*. Hu staqsa *'Mela allura kif taghtini ghoxrin elf (€20,000)? Ghax tahomli? Hekk ghall-pjacir? Ghax inti ghidt l-ewwel kelma li ma naccettahiex, li rrikatajtu? Jien irrikattajt lil Toni?'* Hu sostna li qallu biss *'Dawn il-flus meta se nigborhom?'*

Fir-rigward tac-Cawla fir-Rabat, fejn giet imwessa t-triq, dan ikkonferma li ma thallasx ghalih bhala xoghol ta' konkos ghax kien xoghol fil-privat. Sussegwentament irrimarka *'Jekk int qed tghid li mhux privat ma nafx jiena..'* Mistoqsi jekk jafx li meta jsir *road widening* hija l-obbligu tal-Gvern, tal-Public Works sabiex jaghmel it-triq hu wiegeb li jahseb li dan jafu kulhadd.

Fix-xoghol li sar f' Wied il-Lunzjata gie mistoqsi ghaliex ma harigx invoice u hu wiegeb illi ma setax johrog invoice ghax sar parti mix-xoghol ghall-privat u parti Triq tal-Lunzjata u sar gibjun. Id-dfiza rrimarkat illi hu thallas ta'dan ix-xoghol u saqsitu jekk hemmx bicca ta' Wied il-Lunzjata li ghadu ma thallasx. Hu wiegeb illi Wied il-Lunzjata jkun hemm haddiema tas-CMU hin kollu jahdmu fuq xoghlijiet differenti, allura kienet facli li jaqbdu u jnizzlu Wied il-Lunzjata. Mistoqsi mid-difiza *'Naf li mort Wied il-Lunzjata drabi ohra, u hemm pagamenti ohra li rcivejt ghal Wied il-Lunzjata'* hu wiegeb *'U ma hdimtx hemmhekk. U ma hdimtx hemmhekk..'* Rega gie mistoqsi *'ma hdimtx?'* hu wiegeb *'Ma tafx li ma hdimtx hemmhekk..'*

Ikkonferma li meta marru l-iskola ta' Kercem biex jaraw fuq ix-xoghlijiet, kien hemm prezenti Toni Debono u s-Sindku ta' Kercem. Hu kien qala' l-hajt u certu sigar is-Sindku hadhom mieghu. Ikkonferma li jaf li dan mhux xoghol fil-privat.

Dwar ix-xoghlijiet li saru fi sqaqien go Kercem fosthom sqaqien fl-Ghadira ta' San Raflu u sqaqien li jaghtu ghad-Dwejra. Irrimarkat mid-difiza illi dawn huma *farm access roads* u ghalhekk jaqghu fir-remit tas-CMU, hu saqsa allura ghalxiex hu ma kienx thallas. Hu kkonferma li sa llum ghadu ma thallasx.

Tal-Lingi Portelli farmhouse kien sar xoghol fuq hajt fl-2005 u jghid li ma harigx invoice ghax kien jahdem postijiet u Toni Debono kien jghidlu sabiex ibiddel l-isem u minflok jikteb li hadem go post inizzel li hadem go post iehor. Irrimarkat mid-difiza illi allura fi hmistax (15)-il sena dan qatt ma sab il-hin sabiex imur ghandu u din l-invoice issir, hu jghid *'Jekk inu l-verzjoni tieghi qed tghid li ma thallastx jiena ma nafx ta' fejn thallast. Jien ghedt li fil-bidu x'hin bdejna llum, li jien naqta' minn fuq. Sewwa? Naqta' minn fuq. Issa hemmhekk jista' jkun li mhallas.* Sussegwentament mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk jaqbilx li ma thallasx ghax skontu x-xoghol sar fil-privat, hu wiegeb li jaqbel.

Fir-rigward tal-Brookies restaurant qal li kien hammel biss gibjun li kellhom u li wara huma kienu ghamluha wine cellar. Hu spjega li waqqa' l-hajt u dahal il-gewwa u dan ix-xoghol ma sarx fit-triq.

Ix-xoghlijiet li saru fi Triq tas-Sellum, Xaghra ukoll ma thallasx ghalihom u ma ghamilx invoice. Hu spjega illi wiehed mix-Xaghra kien qallu *'ghamilli minn hawn sa hawn'* u ghalhekk assuma li kienet propjeta' tieghu. Hu sostna li jekk ma kienx imur Toni jghidlu kif johrog invoice ma setax johrog invoice. Mistoqsi kienx jaf li sa mill-1980 il-Gvern kien jibghat il-haddiema u jsewwu dawn il-hitan wara x-xita u jaghmlu x-xoghol li ghamel hu fis-6 ta' Marzu, hu wiegeb li dan ma kienx jafu. Mistoqsi jekk ippruvax johrog invoice jew qabadx u dahhal f'rasu li ma jistax johrog invoice, hu wiegeb illi s-sistema ma kienitx kif qed jghid u li l-invoice kellu jaghmilha meta jghidlu Debono.

Fuq ix-xoghlijiet ta' Sqaq ta' Hatar, Qala li hu nizzel fil-workings tieghu bhala 'George Nadur Gibjun', hu qal li baghtu Toni Debono, mar, sab toqba mhaffra u kompliha hu. Hu talab lid-difiza sabiex issib dan ix-xoghol f' 2005 fl-invoices u jkun jaf thallasx jew le. L-avukat difensur gibidlu l-attenzjoni li f' 2005 kellu tender u li anzi mhux suppost isibha ghax hu kien qed jghhid li ghal dawn it-tnejn u ghoxrin (22) bicca xoghol ma thallasx, inkluz din il-bicca xoghol. Spjega li llum sar jaf li hemmhekk tal-Joint Office u qal '*issa jien fejn naf ta' min hu?*'. Saqsa li la dan ix-xoghol kien f'remit tas-CMU, x'kien

izomm lil Toni li ma kull bicca xoghol li jaghmel jaqbad u jhallsu? Allura, hu baqa' jsostni li xi haga hazina kien hemm. Hu tenna li llum tghallem li Toni kellu s-seta' li jaghmel li ghamel u allura seta' jhallsu u ma kienux joqghodu jiggieldu dwar dan.

Fir-rigward ta' Sammy l-Geziez qal li hu kien thallas ghax-xoghol li kien ghamillu d-dar. Ghax-xoghol tar-rampi u ghax-xoghol tal-passaggi, li huma *farm access roads* ma hallasx. Hu sostna li jrid jithallas ghal dak kollu li hu ghamel u li Sammy Camilleri gideb u ghadu ma hallsux.

**Joseph Cauchi**[49] rega' xehed nhar id-9 ta' Dicembru, 2020, in kontro-ezami fejn ikkonferma li ma jafx illi Ta' Kuljat u Tal-Hamra Road huma parti minn Wied l-Infern, izda jaf li mar jahdem f'Wied l-Infern f'certi toroq fir-raba'. Qal li hemm falz fihom bhala invoices huwa li ma jaqblux mal-postijiet kollha fejn sar ix-xoghol. Qal li f' Wied Mielah ma ghamilx *farm access roads* u hitan tas-sejjieh. Fir-rigward ta' Qasam San Gorg Kercem jghid li ma jafx fejn hu ezatt. Lil persuna maghruf bhala l-Gidra kienu ghamlulu rampa fil-main road tar-Rabat u dan nhar l-4 u 6 ta' Dicembru, 2006.

Fid-19 ta' Ottubru 2006 saru xi xoghlijiet f'Wied Siekel, il-Fontana u dan skond il-*workings* tieghu u hemm ukoll invoice li tikkorisspondi ma dan. Mistoqsi kif dawn qed jaqblu jekk suppost l-invoices ivvintati, hu wiegeb li ma jaqblux kollha. Mistoqsi mid-difiza *'Inti mhux kollha ghidilna, ghidtilna li dawn lanqas wahda ma hi ser taqbel. Issa x'se tghidli? Sibtlek wahda taqbel ezatt. Sibtlek l-ohrajn ta' Wied l-Infern… x'se tghidli fuqha din? Ghandek xi spjegazzjoni?* Hu wiegeb *'Le, ma ghandix spjegazzjoni'.*

Fuq Ta' Spissi, x-Xewkija, gie suggerit mid-difiza li hemmhekk jghidulu Merkanti Street, Xewkija, izda hu qal li ma jafux x'jghidulu. Skond il-*workings* tieghu, sa dan il-punt, kien hemm iktar sieghat milli kien hemm indikat fuq il-handwritten invoice. Id-difiza staqsiet illi jekk dan falz kif jista' jkun bdew jaqblu l-*hand written notes*. Hu ma kienx jaf iwiegeb dwar dan. Irrimarka illi wiehed ghandu jsaqsi lill-haddiema li ghamlu x-xoghol. B'referenza ghal xoghol fl-Marsalforn, specifikament Ghar Qawqla ukoll irrizulta li kien hemm invoice li kkorispondiet mal-workings u mistoqsi li dawn suppost ma jikkorispondux ghax l-invoice falza hu wiegeb li m'ghandux spjegazzjoni.

Fir-rigward tal-pedestall tal-Gharb, hu qal li jista' jkun qieghed Virtu Street jew Wied Gulija. Ghal mistoqsija li qed jghid li l-invoice falza ghax ghandha inqas sieghat minn

[49] Fol. 1665 tal-atti processwali.

dak li nizzel hu fil-workings, hu qal li d-difiza qed thawwad zewg affarijiet li m' ghandhomx x'jaqsmu. Bhala invoice jghid li harigha l-ewwel lill-Kunsill u ma accettahix.

Ikkonferma li nhar l-1 ta' Gunju, 2005 hu kien il-Muxar u fl-invoice kien hemm imnizzel li dan hadem erba' sieghat gewwa Wied tas-Saqwi l-Munxar mentri hu kellu mnizzel sitt sieghat. Hu qal li c-cheques kienu johorgu kollha l-istess, elf euro jew taht l-elf euro.

Fir-rigward tal-Mulett qal li dan hu laqam fl-Gharb u hemm zewg familji, wahda fl-Gharb u wahda Kercem. Hu qal li t-triq li saret hi fl-istess post fejn hemm il-kamra tan-nar t' Abdilla. Id-difiza accenat illi Toni Debono nfatti ma kitiblux biex jikteb 'Triq tal-Mulett' li ma tezistix izda 'Ta' Abdilla, limits of Gharb'. Hu kiteb 21 ta' Mejju, 2007 mar Sam, Triq tal-Mulett, sitt sieghat bis-Solar-35. Fl-invoice li hu qed jallega li falza qedgha 'Ta' Abdilla limits of Gharb' u hija mahruga fl-istess sena. Hu kkonferma li marru jahdmu lil tal-Mulett fejn kienu rrangaw it-triq ghall-kamra li ghandu tal-ghasafar. Mistoqsi jekk ghandux spjegazzjoni peress li dak li hu qed jallega bhala invoice ivvintat, qieghed jaqbel mal-workings tieghu, hu qal li m'ghandux spjegazzjoni ghal dan.

Fir-rigward ta' Triq is-Summien Kercem u Xlendi road, Fontana ukoll ikkombaccaw il-workings mal-invoices. F' tal-Fontana jidher li bhala sieghat hemm iktar imnizzlin fil-workings milli fl-invoice. F'ta' Sdieri l-Gharb ukoll fil-workings kien hemm imnizzlin iktar sieghat milli kien hemm imnizzel fl-invoice. Mistoqsi kienx izid is-sieghat biex jithallas izjed, hu wiegeb li le.

Hu qal li xoghol bil-high-up mas-CMU qatt m'ghamel. Irrimarkat mid-difiza illi mill-workings tieghu nhar it-3 u 7 ta' Frar 2005 hu kien qieghed Kercem b'high up, hu qal li m'ghandux spjegazzjoni ghal dan.

Invoice ohra li allega li hi falza tirrigwardja xi xoghlijiet illi saru f' Lulju 2004. Irrimarkat mid-difiza illi sa Ottubru 2004 kien ghad hemm is-Sur Paul Lanzon flok Toni Debono, hu jghid li dan mhux minnu.

Hu kkonferma li lil tal-Ministeru kien qalilhom li huwa xoghol bla tenders u parti minnu sar fil-privat. Mistoqsi dwar il-karattru tieghu hu wiegeb illi *'Jekk insib min jipprova jgiddibbni jew jaghmel…iva nkun hekk'*. Accenat mid-difiza li l-Ministeru ma

hallsux hu qal *'inti thallas xoghol ta' avukat iehor? Jew tithallas tieghek?'* Izda ftit iktar tard, mistoqsi *'Skont int min kellu jhallas?'* hu wiegeb is-CMU kienu jhallsu. Sussegwentament accena, meta gie suggerit li kellu jmur is-CMU sabiex jithallas, *'Kif tmur is-CMU jekk m'ghandekx tenders ta' qabel!'* Hu ikkonferma illi meta ma thallasx minghand is-CMU beda jigri wara Toni Debono personalment.

In ri-ezami spjega li hu kien johrog l-invoices kif kien jghidlu Debono u meta kien isemmilu dawk li kienu ghadhom pendenti kien jghidlu li dawk ghad iridu jaslu ghalihom. Mistoqsi ghaliex hu insista li l-invoices huma vvintati hu qal ezempju li ma jafx fejn hi Saint Leonard Street, Victoria. Hu meta Debono kien imur ghandu u jtih l-indirizzi ma kien jghidlu xejn u jaghmel l-invoices kif kien jghidlu. Hu qal li kien jaqta' minn fuq u jibqa' bir-running balance. Mistoqsi fuq certu postijiet li hemm fuq l-invoices bhall-Ghadira, limits of Kercem u *farm road*, il-Harrax, limits of Victoria jghid li ma jafx x'inhuma.

**L-Ispettur Rennie Stivala**[50] xehed nhar id-19 ta' Mejju 2015 illi nhar it-8 ta' Marzu 2015 is-Sur Joe Borg bhala segretarju permanenti gewwa l-Ministeru t' Ghawdex, kien talab lill-Kummisarju tal-Pulizija jinvestiga xi allegazzjonijiet li kienu hargu fuq il-Maltatoday rigward l-imputat fejn kien gie allegat illi dan kien holoq sistema fejn kien qed isir xoghol fil-privat li mbghad jigu mhallsa mill-Ministeru t' Ghawdex. Dakinhar stess u cioe', nhar it-8 ta' Marzu jghid li saret laqgha quddiem il-Ministeru t'Ghawdex u gew issigillati xi ufficini fejn seta' kien hemm xi dokumenti relevanti.

Nhar id-9 ta' Marzu, 2015 jghid li tela' l-Ministeru t' Ghawdex flimkien ma ufficjali ohrajn tal-pulizija sabiex tinbeda l-investigazzjoni. Sar meeting fejn intqal li f'Settembru 2014, Joe Cauchi maghruf bhala Ta' Sansun kien tkellem mad-Direttur Joe Portelli rigward pagamenti pendenti ghal xoghlijiet li kien ghamel imqabbad minn Toni Debono. Portelli kien qallu biex ikellem lil Debono dwar dan u ma hallsux. Portelli qal li ma kienx jaf b'dan ix-xoghol kollu u ma kienx awtorizzah. Kien sar meeting fejn Cauchi kien qalilhom li kellu jiehu madwar hamsin elf euro (€50,000) ghal xoghlijiet li kien qabbdu Debono. Il-Pulzija giet infurmata b'dan dakinhar.

[50] Fol. 85 tal-atti processwali.

Fost il-pendenzi li Cauchi kien fadallu x'jiehu minghand il-Gvern kien hemm dawn ix-xoghlijiet li saru m'CMU fuq ordni ta' Debono.

Joseph Portelli kien gie nterrogat u qabel gie moghti d-debita twissija u inghata d-dritt li jikkonsulta m'avukat, fejn kien tkellem ma' Dr Charles Galea. Hu spjega illi kien ilu direttur responsabbli ghad-Direttorat tal-Izvilupp u l-Progetti ghal madwar dsatax (19) -il sena u Debono kien lahaq bhala officer in charge tul il-kariga tieghu. Hu stqar illi Debono gieli kien jordna xoghlijiet illi hu ma jkunx approva. Qal li hu kien jiffirma ghall-hlasijiet ta' dawn ix-xoghlijiet biss meta Debono jkun iffirma qablu biex b'hekk ir-responsabbilta' taqa' fuq il-persuna li jkun ordna x-xoghol. Dan kollu kien ipoggih f'certu diffikulta' u kien anke ddiskutih mal-ex-Ministru Giovanna Debono. Dan qal li din kienet qaltlu li dak li jordna zewgha kellu l-barka taghha wkoll. Ikkonferma li kien tkellem ma Cauchi u zamm ferm li l-ammont mitlub ma kienx dovut minghand il-Ministeru.

Jghid li gie mitkellem Joseph Sciberras, principal technical officer fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, fejn qal li r-relazzjoni li kellu mal-imputat kien fuq xoghol. Dan kien spjega li l-unika problema li kellu mieghu kienu fuq nies illi Debono kien jaqla' mill-guy ta' Sciberras u jibghathom fuq xogholijiet.

Gie mitkellem Mario Camilleri, assistent direttur taht Joseph Portelli li spjega illi fis-CMU normalment kien Debono li kien jivverifika u jiccertifika li x-xoghol ikun sar komplet. Gew mitkellma wkoll Reno Grech, Assistent Direttur tal-Progetti bejn 2010 u 2013 u lil George Pace li kien skrivan tas-CMU ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Joseph Buttigieg li kien serva bhala supervisor mas-CMU taht Debono gie mitkellem u qal lu hu kien jiccertifika x-xoghlijiet illi kien imur hu fuq il-lant jara jsiru u jarahom jintemmu. Xoghlijiet ohra kien jghaddihom lil Debono biex il-karti jiffirmahom hu.

Gew mitkellma wkoll supplier u/jew kuntratturi bl-ismijiet Mario Bugeja, Teddie Grima, Piju Attard u Peter Paul Said kollha cahdu li tqabbdu jaghmlu xoghol fil-privat. Louis Vella stqarr li qatt ma ta' servizzi lis-CMU meta kien hemm Toni Debono.

Gie mitkellem ukoll Pietru Debono maghruf bhala il-Bazoru u spjega li jaghti diversi servizzi lill-Ministeru t' Ghawdex. Hu ma tantx seta' jghid min fejn ihallsu Debono

ghax hu kien johrog invoice lill-*consortium* bl-isem ta' Apex, imbghad Apex tigbor il-flus mill-Ministeru u thallas lilu.

Fl-1 t' April 2015, il-Kummissarju tal-Pulzija kien avza lit-tim investigattiv li Joe Cauchi kien inghata c-certifikat ta' whistleblower. Dakinhar stess Cauchi rrilaxxa stqarrija. Cauchi qal kemm kien ilu jahdem mal-Ministeru u kif mit-2006 waqfu johorgu tenders u beda jinghata x-xoghol b'direct order, b'Debono jtih ix-xoghol b'mod dirett u anke xoghol fil-privat. Cauchi qal li baqa' ghaddej hekk minn 2006 sa 2012. Wahda mill-ewwel bicciet ta' xoghol kienet giebja bejn il-Qala u n-Nadur fuq art privata u li wara thallas ghaliha mill-Ministeru. Cauchi qal ukoll li kien intalab jaghmel xi xoghol fil-barriera ta' Sammy Camilleri. Dan ta' l-ahhar kien hallsu elfejn, tmien mija u sitta' u tmenin euro (€2,886), pero' kien jonqsu jigbor madwar disat elef euro (€9,000). Cauchi semma wkoll xi xoghlijiet li kienu saru ghall-Kunsill Lokali tal-Gharb li jammontaw ghal madwar tlettax-il elf euro (€13,000) u li ghadu ma thallasx. Xoghlijiet ohrajn li semma kien fir-restaurant li kellhom il-familja Portelli bl-isem Brookies, xoghol qrib kamra tan-nar fil-Fontana, triq privata f' Kercem, diversi moghdijiet fil-kampanja, xoghol ta' drenagg f'residenza privata gewwa l-Ghasri, parkegg privat f'residenza barra mill-Gharb u hajt fi propjeta' privata wkoll fl-Gharb.

Debono kien jaghti struzzjonijiet lil Cauchi dwar kif ghandu johrog l-invoices. Dan kien jghidlu biex inizzel xoghlijiet ohrajn li kien jaf li kienu ghaddejin u allura Cauchi qal li dawn kollha kienu dikjarazzjonijiet foloz. Cauchi tenna li hafna mix-xoghlijiet li saru fil-privat specjalment dawk qrib tal-elezzjoni ta' 2013 ghadu ma thallasx taghhom. Kien kellem id-Direttur Joseph Portelli li qallu li la ma approvahomx hu u ma ordanhomx hu dawn ix-xoghlijiet, ma kienx ser ihallas ghalihom. Kellem lil Debono u dan qallu li kien ser jghinu, u ghaddielu ghaxart elef (€10,000) fi flus kontanti. Ftit wara ghaddielu ghaxart elef (€10,000) ohra fi flus kontanti u ghalhekk kien fadallu jigbor madwar tletin elf (€30,000).

Cauchi spjega kif wahda mill-invoices kienet turi kiri ta high up f'2013, meta l-high up tieghu kien ilu ggaraxjat sitt snin, u ghadda l-log book lill-pulzija biex jikkonferma dan. Cauchi wera lill-pulzija wkoll xi noti ta' struzzjonijiet ta' kif kellhom johorgu l-invoices, skond Cauchi miktubin minn Debono.

Xehed ukoll illi nhar it-2 t' April, 2015 daru tnejn u ghoxrin post ma' Cauchi fejn hu ndikalhom fejn kienu saru x-xoghlijiet. Fis-6 u 7 t' April sar ezercizzju ta' gbir ta'dokumenti relatati mal-pagamenti ta' Cauchi mill-Ministeru ta' Ghawdex. Nhar l-14 t' April saret it-tieni ntervista ma Joe Cauchi fejn ta' rendikont iktar dettaljat u qal ukoll li hafna mix-xoghlijiet kienu ordnati li jsiru qrib l-elezzjonijiet. Gew mitkellma l-beneficcjarji ta' dawn ix-xoghlijiet fosthom David Apap Agius, Paul u David Portelli tal-Brookies, George Debrincat, George Formosa, Annette Zammit, Carmel Bajada, Maria Dolores Grima, Anna Aquilina, George Victor Vella, Coronato Calleja u Sammy Camilleri.

Sar xoghol ukoll biex jigu rintraccati ricevuti ta' hlas, noti ta' *deliveries* tax-xoghol u anke invoices li kienu saru specjalment relatati ma' Pietru Debono ta' P &J Debono illi Joe Cauchi spjega illi maggjorment kien jahdem bihom. Kienu inghataw access ghall-kotba tax-xoghol li diversi minnhom gew elevati. Xehed illi l-pulzija rnexxilha ssib id-*delivery notes* tal-konkos li gie moghti fil-postijiet kollha li semma Cauchi illi hadem ghal Toni Debono. Id-*delivery notes* irrizultaw kollha kontrafirmati mill-imputat Debono. Ingabru wkoll dokumentazzjoni minghand Joe Cordina relatata mal-hlasijiet u dokumenti originali li hu kellu min-naha tieghu minhabba li hu kien imexxi l-consortium Apex.

Fit-28 t' April gie arrestat Anthony Debono, u gie mitkellem 6 darbiet, fejn kull darba dan ezercita d-dritt tieghu tas-silenzju. Hu ghazel li ma jikkonsultax m'avukat. Hu sostna li hu u anke forsi l-familja tieghu bdew jintuzaw bhala ballun politiku. Fit-29 t' April inghata l-police bail. Fil-5 ta' Mejju 2015 rega gie mitkellem u dan rega ghazel li ma jikkonsultax m'avukat u li jezercita d-dritt tas-silenzju.

**John Borg**[51] xehed nhar it-2 ta' Gunju 2015 fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru t' Ghawdex. Spjega illi nhar it-8 ta' Marzu 2015 deher rapport fil-MaltaToday dwar allegat xoghol li sar Ghawdex, ittihdet decizjoni li jsir rapport sabiex il-pulzija tinvestiga dan. Dakinhar stess gew team ta' pulzija li ssigilaw l-ufficini relattivi.

L-ghada 9 ta' Marzu jghid li kien spjega lill-pulzija illi f' Ottubru 2014, kien hemm persuna li ried ikellmu dwar xi flus li kellu jiehu. Kien kellem lid-Direttur Portelli fejn

[51] Fol. 385 tal-atti processwali.

spjegalu li kellu jithallas ta xi xoghlijiet u li kien baghtlu email. Portelli kien irceviha nhar it-12 ta' Settembru imma lilu kien baghtilu nhar l-10 t' Ottubru.

Fis-17 t' Ottubru sar meeting ma' Cauchi fil-prezenza tal-Ministru. Meta semma x-xoghol fil-privat, il-Ministru ma xtaqx ikompli l-meeting u allura dan tkompla fil-prezenza ta' chief of staff in-Nutar Christian Zammit, kif ukoll l-advisor tal-Ministru Grazio Mercieca.

Xehed illi hu ilu f'dik il-pozizzjoni minn April 2014 u ma Debono qatt ma ltaqa'. Waqt il-meeting is-Sur Mercieca qallu li jista' jinkrimina ruhu u qallu li qabel ikompli jista' jigi protett bil-*Whistleblower Act.* Kien ghaddilhom lista tax-xoghlijiet li saru fil-privat. Spjega kif Cauchi kien qalilhom li Debono kien jghidlu biex johrog invoice fuq xi Wied mentri x-xoghol ikun sar fil-privat. Kien qalilhom ukoll li hemm *around* hamsin elf euro (€50,000) bilanc x'jithallas u 75% minnhom xoghlijiet li saru fil-privat.

Spjega illi f' 8 ta' Marzu 2015 gew issigillati diversi ufficini u sussegwentament gew elevati diversi dokumenti.

**Mario Calleja**[52] xehed nhar it-2 ta' Gunju 2015 fejn qal li hu jokkupa l-pozizzjoni ta' Direttur Generali Operations fil-Ministeru t' Ghawdex u li ilu l-Ministeru mill-1988. Ikkonferma li ilu jaf lil Debono ghal diversi snin bhala ufficjal tal-Gvern u indikah fl-awla. Qal li ghamel zmien jahdem il-Public Works, in charge ta' CMU. Spjega illi s-CMU jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni, kostruzzjoni tal-retaining walls, bini ta' hitan tas-sejjieh u resurfacing ta' *farm access roads.* Debono ma kienx jikkomunika mieghu rigward xoghol ghax kien jikkomunika direttament mas-Sur Portelli. Fost id-dokumenti li gew elevati, gie elevat il-personal file tas-Sur Debono u xi payment vouchers.

**Anna Maria Vella**[53] xehedet nhar it-2 ta' Gunju 2015 fejn qalet li hi tokkupa l-pozizzjoni ta' Senior Principal ghal Ministeru t'Ghawdex u Customer Services. Spjegat li lil Debono tafu di vista u li kien impjegat mas-CMU minn 13/08/1987 sa 11/03/2013.

[52] Fol. 390 tal-atti processwali.
[53] Fol. 394 tal-atti processwali.

**l-allura Supretendent Paul Vassallo**[54] xehed nhar is-7 ta' Lulju 2015 u qal li nhar it-8 ta' Marzu 2015 flimkien ma' pulizija ohrajn gie ordnat sabiex jitla' Ghawdex jiltaqa' mal-Perm Sec. tal-Ministeru t' Ghawdex u jigu sigillati xi lokazzjonijiet u dan peress li kien hemm xi files fihom fejn kien hamm l-allegazzjoni li seta' kien hemm xi haga ta' tahwid fihom.

Nhar is-17 ta' April 2015 kien mar gewwa l-barriera ta' Bazoru fin-Nadur fejn Assunta Debono kienet ghadditlu xi kotba tal-ircevuti, xi *invoice books* u *delivery books* u taghha rcevuta fuq il-post.

**L-allura spettur Yvonne Farrugia**[55] xehedet nhar is-7 ta' Lulju 2015 flimkien ma' pulizija ohrajn giet ordnat sabiex titla' Ghawdex ghal meeting li sar fuq barra tal-Ministeru t' Ghawdex fejn prezenti kien hemm il-Perm Sec. John Borg, Joseph Portelli li kien id-Direttur tal-Projects and Development, Mario Calleja bhala Direttur Generali Operations u Eugene Bugeja bhala Assistent Direttur Corporate Services. Kienu gew issigillati diversi ufficini fejn kien hemm dokumenti li potenzjalment setghu ikunu relevanti ghall-investigazzjoni. Gie ssigillat ukoll il-bini gewwa x-Xewkija maghruf bhala Kajselli u l-Works Department stores gewwa r-Rabat. Qalet illi dan sar ghax kien hemm allegazzjoni fuq uzu hazin ta' rizorsi tas-CMU ghall-uzu privat.

**PC 1305 Silvio Zammit**[56] xehed nhar is-7 ta' Lulju 2015 u qal li nhar it-8 ta' Marzu 2015 flimkien ma' pulizija ohrajn gie ordnat sabiex jitla' l-Ministeru t' Ghawdex biex jissigillaw xi ufficini fejn kien hemm xi allegazzjonijiet li saru fil-konfront tas-Sur Anthony Debono. Gew issigillati l-ufficini li kien indikalhom il-Perm. Sec. u kienu gew issigillati wkoll il-bini gewwa x-Xewkija maghruf bhala Kajselli u l-Works Department stores gewwa r-Rabat.

Spjega li kien akkumpanja wkoll lis-Supretendent Vassallo nhar is-17 t' April meta mar ikellem lil Assunta Debono ta' P and J Debono, fejn kienet ghadditilhom xi dokumenti.

---

[54] Fol. 417 tal-atti processwali.
[55] Fol. 419 tal-atti processwali.
[56] Fol. 421 tal-atti processwali.

In kontro-ezami jghid li hu kien qed jakkopanja s-superjuri tieghu u kull ma kien involut biex jissigilla u kien wahhal il-katnazzi mal-bibien.

**WPS 103 Marcelle Mifsud**[57] xehedet nhar is-7 ta' Lulju 2015 flimkien ma' pulizija ohrajn giet ordnata sabiex titla' Ghawdex gewwa l-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jigu ssigillati diversi ufficini u kmamar li fihom seta' kien hemm xi evidenza li ghandha x'taqsam mal-allegazzjoni li saret fil-konfront ta' Anthony Debono, allegazzjoni ta' uzu hazin minn rizorsi ta' CMU. Kienu gew issigillati wkoll il-bini gewwa x-Xewkija maghruf bhala Kajselli u l-Works Department stores gewwa r-Rabat.

Nhar id-9 ta' Marzu 2015 bdew bl-investigazzjonijiet u flimkien ma PC 288 Patrick Farrugia evelvaw diversi dokumenti mill-Ministeru, fosthom *payment vouchers*, invoices u *commitments lists*. Mis-CMU gew elevati tlett ledgers.

Nhar it-2 t' April flimkien mal-Ispetturi Rennie Stivala u Ian Abdilla iltaqghu ma Joseph Cauchi gewwa l-Gharb u ha hadhom fil-postijiet fejn kien allegat li saru dawn ix-xoghlijiet. Wara dan marru d-dar ta' Cauchi fejn ghaddilhom xi dokumenti, migbura go file fosthom noti bil-kitba ta' Debono bi struzzjonijiet ghal Cauchi kif ghandu johrog l-invoices.

Nhar is-6 t' April flimkien mal-Ispetturi Rennie Stivala u Ian Abdilla u PS 476 Shaun Friggieri marru flimkien il-Ministeru u sabu l-payment vouchers li kienu relatati ma' tlieta u ghoxrin (23) *remittance advice* li kien ghaddilhom Cauchi fil-file.

Nhar id-29 ta' April kienet prezenti ghar-raba' intervista li saret lil Anthony Debono fejn inghata t-twissijiet kollha skond il-ligi u rrinunzja ghall-jedd tal-parir legali.

Nhar id-9 ta' Mejju marret mal-Ispettur Abdilla gewwa s-CMU fejn gew mghoddija l-*committments sheets* relatati mar-*remittance advices* li kien ghaddielhom Joseph Cauchi.

Qalet ukoll li kienet prezenti ghal diversi stqarrijiet li l-Ispettur Abdilla ha lin-nies li kienu propjetarji tal-postijiet li jissemmew fejn saru x-xoghlijiet.

---

[57] Fol. 424 tal-atti processwali.

In kontro-ezami tghid li ma tistax tghid l-allegazzjoni kontra Debono minn fejn kienet gejja ghax hi hadet struzzjonijiet minghand is-superjuri taghha fejn qalulha li kienu sejrin jissigillaw post sabiex tigi ppreservata evidenza li tista' tkun relatata ma' dokumentazzjoni li jinsabu fil-Ministeru u fis-CMU. Mistoqsija mid-difiza jekk Joseph Portelli, George Pace, Marthese Attard, Mariosa Vella, Maryanne Pace, Alexandra Vella, Denise Galea, Joseph Sciberras, Mario Calleja u John Borg ghamlux xi allegazzjoni fil-konfront ta' Debono, hija tghid li le. Hi qalet li semghetu jilmenta li kien ghadu ma thallasx ta' dawn ix-xoghlijiet. Qalet ukoll li semghet li ser jinghata l-protezzjoni ta' *whistleblower* l-ewwel darba nhar it-2 t' April, 2015. Qabel din id-data jekk il-pulizija tkellmet ma Cauchi ma kellmitux fil-prezenza taghha.

**PS 476 Shaun Friggieri**[58] xehed nhar is-7 ta' Lulju 2015 fejn qal li l-involviment tieghu beda nhar id-9 ta' Marzu meta kien tela' ma xi kollegi tieghu gewwa l-Ministeru t' Ghawdex fejn gew elevati certu dokumenti fosthom *commitments list* ta' bejn is-snin 2012 u 2015, kif ukoll xi invoices.

Nhar it-2 t'April flimkien mal-ispetturi Stivala u Abdilla kienu saqu wara Joseph Cauchi u dan sabiex urihom ix-xoghlijiet li kien ghamel u wara baqghu sejrin id-dar tieghu fejn hemmhekk kien ghaddilhom xi files li kienu jikkonsistu f'xi xoghlijiet li hu kien ghamel.

Nhar is-6 t' April flimkien mal-Ispettur Abdilla marru flimkien il-Ministeru u gabru xi dokumenti li kellhom x'jaqsmu mal-investigazzjoni.

In kontro-ezami jghid illi hu ma kienx jaf b'dawn il-postijiet li Cauchi beda johodhom fihom minn qabel. Qal li fil-prezenza tieghu ma ssemmewx flus. Spjega li dahal fid-dar ta' Cauchi wara imma ma dahalx fid-diskussjoni dwar il-file.

**PC 896 Robert Zammit**[59] xehed nhar is-7 ta' Lulju 2015 u qal li nhar is-7 t' April 2015 kienu marru l-Ministeru t' Ghawdex, fejn kienu gew elevati xi dokumenti.

[58] Fol. 433 tal-atti processwali.
[59] Fol. 436 tal-atti processwali.

Nhar it-13 t' April, 2015, xehed li kienu marru l-Lands Department u l-Land Registry sabiex jistabilixxu liema huma l-artijiet tal-gvern .

Nhar is-17 t' April, 2015 kien ukoll xhud ta' statement ta' David Apap, li huwa s-Sindku tal-Gharb.

Nhar il-21 ta' April, 2015 kienu marru ghand l-Accountatnt Josef Cordina fejn kien ghaddilhom invoices payments tal-consortium tal-concrete li taghha kien jaghmel parti minnha Pietru Debono.

Nhar it-22 t' April, 2015, kien xhud ta' statement ta' George Spiteri, George Debrincat u George Formosa.

Nhar it-23 t' April, 2015, kien xhud ta' statement ta' Anne Zammit.

Nhar is-27 t' April, 2015 kienu baghtu ghal tlett min-nies ohra, Anna Aquilina, Maria Dolores Grima u Coronato Calleja.

Nhar it-28 t' April, 2015, kien ukoll xhud ta' statment ta' Anthony Debono li gharaf fl-awla. Gharaf ukoll il-firem relattivi fuq l-istqarrijiet.

In kontro-ezami jikkonferma li Anthony Debono gie arrestat darba u ghamel kwazi 48 siegha arrestat. Jikkonferma wkoll li Debono ezercita d-dritt tas-silenzju u qal il-kliem li kien qed jintuza bhala ballun politiku. Sa fejn jaf hu Joseph Cauchi ma kienx arrestat u interrogat. Xehed li nhar it-8 ta' Marzu ma kienx xoghol.

**PC 288 Patrick Farrugia**[60] xehed nhar is-7 ta' Lulju, 2015 fejn qal li nhar id-9 ta' Marzu, 2015, hu u s-surgent 103 Marcelle Mifsud elevaw xi dokumenti u *payment vouchers* minn gewwa l-Ministeru ghal Ghawdex. Sussegwentament marru l-ufficini tas-CMU u elevaw il-ledgers.

**PS 559 Jason Spiteri**[61] xehed nhar is-7 ta' Lulju, 2015 u kkonferma rapport CFJ01 folio D 1296 sa 1298. Dan kien rigward hajt perikoluz, li wara li kien kellem lis-sid, George Formosa, l-ghalqa kien irrangaha. Qal li ma jafx min kien ghamlu dan ir-rapport. Qal

[60] Fol. 441 tal-atti processwali.
[61] Fol. 442 tal-atti processwali.

li ma jistax jikkonferma jekk dan kienx il-post li kienu qed jitkellmu fuqu, b'referenza ghas-sett ritratti. Spjega li ma kellux x'jaqsam ma' Debono imma jafu ghax persuna pubblika u jista' jkun li gieli kellmu. Hu ndikah fl-awla.

**Dottor Christian Zammit**[62] xehed nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qal li kien jipprattika bhala nutar u li bhalissa kien Chief of Staff fil-Ministeru t'Ghawdex. Spjega illi nhar is-17 t' Ottubru, 2014 sar meeting ma' Joseph Cauchi fejn prezenti kien hemm il-Perm Sec. John Borg, Grazio Mercieca, Amity Gauci u Marthese Attard. Is-Sur Cauchi beda jaghmel diversi allegazzjonijiet fi zmien illi Debono kien imexxi s-CMU. Hu indika lill-imputat u spjega li Cauchi kien qalilhom li kellu jiehu xi flus pendenti, madwar hamsin elf euro (€50,000) u li madwar hamsa u sebghin percentwal (75%) tax-xoghlijiet saru fil-privat. L-invoices kienu johorgu li x-xoghol sar go xi wied mentri fil-verita' jkun sar fil-privat.

Spjega li semma l-Brookies Restaurant, postijiet fl-Gharb u xi postijiet ohrajn li ma jiftakarx. Cauchi kien mar b'file shih, izda lilu personali ma kienx ghaddielu karti. Waqt il-laqa' semma li dan kien kaz ta' *whistleblower*.

Kien tkellem mas-Sur Borg bhala kap tac-civil u ddecieda li jaghmel xi investigazzjonijiet interni b'kawtela. Qal li hu halla f'idejn is-Sur Borg. Spjega wkoll illi gimghat jew xhur wara kien cempillu Cauchi u qallu li xtaq jiltaqa' mieghu izda mhux fil-Ministeru. Kien mar jiltaqa' mieghu u mar fejn it-tieqa tal-karozza tieghu, kien agitat u qallu li kien imbezza ghax kien qed jirriskja li jaharqulu kollox. Kien avzaw li kien ghaddej process intern u kien issuggerilu li jfittex avukat ta' stoffa sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu. Din il-laqgha saret fix-Xitwa u qabel dahlu l-pulizija.

**Marthese Attard**[63] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2015, fejn qalet illi hi communications officer gewwa l-Ministeru ghal Ghawdex. Spjegat illi nhar is-17 t' Ottubru giet imsejjha ghal-laqgha fejn prezenti kien hemm ukoll Christian Zammit, il-Perm Sec., Grazio Mercieca, Amity Gauci u Joseph Cauchi. Cauchi beda jurihom xi files u jghidilhom dwar xoghlijiet li kien ghamel taht l-amministrazzjoni l-ohra. Qalet

[62] Fol. 464 tal-atti processwali.
[63] Fol. 468 tal-atti processwali.

illi hi ma kienitx tafu u dakinhar qalilhom li hu kuntrattur. Cauchi kien qalilhom li baqalu jiehu madwar hamsin elf euro (€50,000) f'bilanc pendenti tax-xoghlijiet li kien ghamel u li saru f'propjeta' privata u li per ezempju kienu jinkitbu li saru f'widien. Hu qalilhom li kien imqabbad minn Anthony Debono li hi gharfet fl-awla. Ftakkret li semma xi kantina u sqaqien imma ma tiftakarx iktar. Spjegat illi ma regghetx ratu aktar, imbghad halliet f'idejn il-Perm Sec bhala kap tac-Civil.

**Amity Gauci**[64] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qalet li hi tokkupa l-kariga ta' co-ordinator fil-Ministeru ghal Ghawdex. Spjegat li kienet imsejjha ghal-laqgha fis-17 t' Ottubru, fejn Joseph Cauchi kien qed jghidilhom li hu ghandu x'jigbor ghal xoghlijiet li hu kien ghamel fil-passat fuq ordni ta' Anthony Debono. Kien semma li l-bilanc pendenti kien ta' madwar hamsin elf euro (€50,000).

Lis-Sur Cauchi ma kienitx tafu, pero kien qalilhom li hu kuntrattur. Qalet li hu prattikament beda jinsisti ghall-flus. Semma' xi LAs li kienu johorgu mid-Dipartiment tat-DPD, pero' qal li kien jaghtih xi ordnijiet ukoll is-Sur Debono. Spjegat li hi taf is-Sur Debono ghax Ghawdxija u ndikatu fl-awla. Ma tiftakarx li kien ghamel xi allegazzjonijiet waqt il-laqgha. Qalet li semma xi garaxxijiet, sqaqien u kantini. Kellu rendikont car in terms of paperwork. Minn dakinhar ma kelliex iktar x'taqsam u hadha f'idejh c-Civil.

In kontro-ezami qalet li din il-laqgha ma damitx iktar minn siegha. Waqt il-laqgha semma l-Gharb, il-futbol ground u s-Sindku. Ma tiftakarx li semma platform. Hu semma garaxxijiet u kantini waqt ir-rakkont tieghu filwaqt li ghamel referenza ghall-karti li kellu. Ikkonfermat illi Cauchi kien ilmenta wkoll dwar xi xoghlijiet li ghalihom ukoll kien ghadu ma thallasx u li kienu saru fil-farm tax-Xewkija. ma kienitx taf jekk Cauchi ghadux jaghmel xoghlijiet Ghawdex.

**George Pace**[65] xehed nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qal li jahdem bhala skrivan is-CMU fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u ilu hemm tnejn u ghoxrin (22) sena. Spjega li xogholu hu ta' *procurment officer*, jaghmel LPOs (Local Purchase Orders) skond l-

[64] Fol. 471 tal-atti processwali.
[65] Fol. 476 tal-atti processwali.

invoices u jghaddihom ghall-hlas. Hu jzomm records ta' dawn. Jghid li hemm tlett ledgers, wiehed ghar-ramel u z-zrar (hard spalls), iehor ghal franka stone u iehor ready mix u concrete. Din is-sistema kien bdiha hu fuq parir tal-works. Qal li s-Sur Debono kien il-head tieghu ghal madwar ghaxar snin.

Spjega illi normalment invoices kienu jigu quddiemu. Normalment l-invoices ikunu ffirmati mis-supervisor illi jkun ircieva x-xoghol. Imbghad hu jaghmel LPO u jiccertifika l-invoice u jaghtiha lil head tieghu. Il-head, u dak iz-zmien Debono, kien jaghmel timbru *certified correct*. Wara l-invoice mal-LPO titla' t-Tezor Ghawdex. Meta l-ammont kien ikun konsiderevoli, kien jiffirma wkoll id-Direttur li dak iz-zmien kien Joseph Portelli. Wara li jiffirmahom Portelli ma kienx jaf x'jigri minnhom.

Qal li s-Sur Cauchi ilu jafu bhala kuntrattur li kien jiehu tenders fuq bobcats, excavators u *hiring of machinery*. Ix-xoghol li kien jinghata hu kien bil-period contracts u ma jafx qatt inghatax xoghol b'direct order. Period contracts gili harget is-CMU lil Cauchi. Kien jikkonferma ma haddiehor fuq il-period contract li ghalih hu ma kellux ledger. Hafna drabi kien jafda lil Cauchi li kien jghidlu li nbidlet it-tender u jghidlu kemm fadallu. Hafna drabi kien jigri hekk imma meta jigi daru mal-hajt kien jipprova jikkomunika mal-Accounts, it-Tezor.

Muri bosta dokumenti, ghalkemm jindika li xi firem jahseb li huma ta' Anthony Debono, hu qal li ma jistax jahlef fuq firem ghax fuq il-firma tieghu stess seta' jahlef. Spjega li qatt ma hareg fuq lant tax-xoghol, dejjem fuq l-iskrivanija. Hu ma setax jikkwerja fuq invoices.

In kontro-ezami qal li s-CMU ilha mwaqqfa madwar tnejn u ghoxrin (22) sena u li wara li rtira is-Sur Paul Lanzon kien gie is-Sur Debono floku. Ikkonferma li saru xi xoghlijiet hekk kif imnizzel fil-ledgers fuq Sannat, Kercem u Xewkija football grounds. Xehed illi s-CMU jaghmlu hafna xoghol lil NGOs u sahansitra hemm min idur il-grounds u jiehu hsiebhom. Spjega illi gili saru xi xoghlijiet fil-korsa taz-zwiemel u teatri. Ikkonferma illi parti mill-budget taghhom imur ghal toroq pubblici. Hemm ukoll l-*sports facilities* u *access farm roads*. Ikkonferma li jaqghu taht ir-remit tas-CMU issues ta' gharghar li jinkludi tindif ta' triq u li jergghu jinbdew hitan li jkunu waqghu. Ikkonferma dak li qal id-difiza meta ghamel referenza ghal Dok JG1 dwar ir-remit ta' CMU u tenna li gili kien hemm PQs illi kkonfermaw dak li qal hu. Mistoqsi jekk

innutax xi haga hazina fid-dokumenti u cioe' anke LPOs li ghamlu referenza ghalihom il-prosekuzzjoni wiegeb illi kiku kien jaf li hemm xi haga hazina kien jigbed l-attenzjoni u ma jidholx fiha. Mistoqs mid-difiza jekk Cauchi kienx jipprovdi hiring of various types of machinery, iwiegeb illi jahseb li kien qed jghid sew. Ikkonklkuda billi qal illi s-suppliers kollha jgibu l-invoice according ta'dak ix-xoghol illi jkunu ghamlu fuq dak is-site of work.

**George Pace**[66] rega'_xehed nhar id-19 ta' Frar, 2020, in kontro-ezami fejn ikkonferma illi hu penzjonant u li kien ghamel tnejn u ghoxrin sena s-CMU, u hadem ma nies kemm qabel u kemm wara l-imputat. Xogholu kien li jaghmel il-Local Purchase Orders (LPOs). Biex jaghmel dan, irid ikun hemm invoice jew requisition biss u l-invoice issir wara. Requisition hija talba ghax-xoghol li jkunu jridu jissuplixxu fuq is-site of work. Ikkonferma wkoll illi l-invoice li mbghad johrog l-LPO maghha tkun qed issir ghax ikun hemm bzonn li jsiru xoghlijiet. Qabel mad-difiza meta qal li x-xoghol seta' johrog b'tender, period contract jew direct order. Is-sistema' kienet hekk taht Lanzon, l-imputat u Debono n-Niksu. Fi zmienu qal li meta jehles il-process tal-LPO, din tmur il-Vetting Section fit-Tezor. Jekk anke kien ikun hemm zball zghir, kemm hu zghir, kien ikollu jerga' jibda kollox mill-gdid u jqabbzuwilu fuq cucata. Jekk ma jkollhom xejn hazin hafna drabi kienu jmorru ghand Portelli d-Direttur sabiex jiccertifika, imbghad it-Tezor, il-Payments Section, jipprocessaw l-invoice ghall-pagament. Spjega illi l-ircevuti gili kienu jaslu ghandhom u gili kienu jmorru direttament ghand it-Tezor. Hu kien izomm kopja tal-LPO u l-originali dejjem tmur it-Tezor.

In ri-ezami spjega li hu kien johrog l-LPO mis-sistema, jaghtiha l-officer in charge u jiccertifikaha, mbghad tmur ghand id-Direttur. Spjega u kkonferma illi l-unika diffikulta' ta' hlasijiet, kienet tirrigwardja lejn l-ahhar tas-sena ghax il-vot ikun wasal biex jispicca jew intuza kollu u jkunu qed jistennew il-financial year li jmiss. Bhala dewmien ta' pagamenti jghid li qatt ma kien hemm xi kuntrattur li lmenta maghhom ghax ma thallasx. L-aghar ipotesi li kellu per ezempju hlasijiet dovuti f' Novembru, Dicembru jithallsu f' Jannar.

[66] Fol. 1532 tal-atti processwali.

**Mariosa Vella**[67] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2015, fejn qalet li l-pozizzjoni taghha kienet EO Executive Officer is-CMU. Kienet ilha hemm mis-sena 1996 u xogholha filing, pero' tiehu hsieb leave u petrol. Gharfet lill-imputat u tghid li kien head tal-ufficju. Qalet li qatt ma marret fuq lant tax-xoghol u qatt ma ccertifikat xoghlijiet. Is-Sur Debono qatt ma ghaddielha dokumenti ghall-hlas.

**Maryanne Pace**[68] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qalet li hi tahdem bhala senior principal fl-accounts tal-Projects and Development fil-Ministeru t'Ghawdex u kienet ilha tlettax (13)-il sena.

Spjegat illi jigu LPOs u l-invoices li jkunu *certified correct* u bhala accounts johorgu l-payment voucher. Huma jzommu kopja u jibghatu l-originali u zewg kopji lit-Tezor biex minn hemmhekk jinhareg ic-cekk. L-LPOs u l-invoices jigu mid-diversi sections tal-Projects and Development. Spjegat illi hemm il-head office, il-Works, l-Agrikoltura u CMU. Mis-CMU jircivuhom minghand George Pace. *Certified correct* isiru mill-*officer in charge* jew minn min ikun xtara l-oggett li jkun. Bhala procedura huma kull ma jaghmlu jikkonfermaw il-firem, u fejn ikun hemm bzonn il-firem tad-Direttur u jghaddu ghall-pagament. Ikun hemm bzonn il-firma tad-Direttur generalment meta l-pagament jaccedi il-€500. Jekk l-invoice tkun certified correct ma jkunx hemm queries fuqha. Mistoqsija x'inhuma payment vouchers tghid li biex ikun jista' johrog cekk is-section bhala accounts tohrog dokument li jissejjah payment voucher. Spjegat li l-code tad-dipartiment taghhom hija 98 u kull payment voucher li johrog jibda b'dan in-numru. Meta is-supplier jircievi c-cheque, hu jkun obbligat igib fiscal receipt u tigi attached ma'dak il-pagament partikolari. Filwaqt illi mis-sections l-ohrajn qabel jghaddu LPO jcemplu l-accounts, fil-kaz ta' CMU le u m'hemmx raguni partikolari ghal dan. Ikkonfermat illi Joe Cauchi qatt ma mar ikellimha dwar pagamenti.

**Denise Galea**[69] xehedet nhar is-26 ta' Awwissu, 2015, fejn qalet li tahdem bhala Assistant Principal fl-Accounts section mal-Projects and Development fil-Ministeru

[67] Fol. 507 tal-atti processwali.
[68] Fol. 510 tal-atti processwali.
[69] Fol. 516 tal-atti processwali.

t'Ghawdex u ilha hemm tlettax (13)-il sena. Xoghlha kien li jigu l-batches, fejn ikun hemm l-invoices kollha u l-payment vouchers, tiffajljahom u timxi fuq fiscal receipts. Tikkonferma li kienet ghaddiet certu dokumenti lill-pulizija u murija lilhom ikkonfermat x'inhuma.

**Alexandra Vella**[70] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qalet li tahdem il-Corporate Services bhala senior clerk fil-Ministeru t' Ghawdex. Spjegat illi hi taghmel il-*payment vouchers* biex johrog ic-ceque halli jithallas l-individwu, kif ukoll tahdem ir-*recurrent ta' department* 96, il-Corporate Services. Spjegat ukoll illi l-accounts maqsumin fi tlett dipartimenti, in-96 li hu Corporate, 97 il-Customer Services u 98 Projects. Xoghol mas-CMU ma jidhrilix li kellhom x'jaqsmu.

**Is-Sur Joe Cordina**[71] xehed nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qal li hu accountant u spjega kif tahdem is-sistema tas-supply tal-concrete gewwa Ghawdex. Fil-bidu tal-karriera tieghu kellu xi klijenti li xtaqu jaghmlu *joint venture*, fil-bidu kienu tlieta, u kienu tefghu tender u haduha. Il-Gvern jordna s-supply jew minghandu direttament jew minghand il-kuntratturi u fl-ahhar tax-xahar tinhareg invoice tas-supplies kollha li jkun hemm dak ix-xahar. L-invoice tmur il-Ministeru u l-Ministeru jhallsu u hu jqassam Il-flus skond il-kuntrattur min ikun ghamel is-supply. Fi zmien Debono jghid li fil-*consortium* kien hemm Gatt, Rotcif Limited, Joe Grima, Salvu Camilleri and Sons u P & J Debono Limited. Jippruvaw li kulhadd jiehu xoghol l-istess, perezempju jekk ikun xoghol qrib ix-Xewkija jghidu lil Gatt speci l-iktar kuntrattur li jkun qrib. Il-haddiema draw il-kuntratturi allura jcemplu direttament. Spjega illi jekk fl-ahhar tax-xahar jara li ezempju ordnaw hafna minghand Gatt, icempel CMU u jghidilhom ordnaw minghand xi haddiehor. Kull kuntrattur ghandu ktieb tad-delivery notes. Kopja ta'din id-delivery note tmur CMU jew Public Works, kopja tmur ghandu u kopja jzommha l-kuntrattur. Fl-ahhar tax-xahar johrog invoice, ituha CMU jewil-Public Works u dawn jghadduha t-Tezor imbghad xi darba jircievu l-flus. Qal li fuq il-lant tax-xoghol qatt ma mar u mas-Sur Debono qatt ma tkellem. Meta jkollu xi

[70] Fol. 519 tal-atti processwali.
[71] Fol 521 tal-atti processwali.

diffikulta' lil George Pace kien ikellem u l-ufficju tal-pagamenti tal-Ministeru ghal Ghawdex. Fl-ahhar indika lill-imputat fl-awla.

**Is-Sur Anton Mizzi**[72] xehed nhar is-26 ta' Awwissu, 2015 fejn prezenta traskrizzjonijiet ta' seba' DVDs immarkati bhala AD2, AD3, AD4, AD5, AD6, AD7, AD9. Dawn huma traskrizzjonijiet tal-interviews ta' Anthony Debono. Is-Sur Debono ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet lilu maghmula u dan ghaliex kien qieghed ihoss li din kienet loghoba politika.

**Assunta Debono**[73] xehedet nhar is-26 t' Awwissu, 2021 fejn qalet li hi clerk ma P&J Debono Construction li hija kumpanija li ilha tezisti ghoxrin sena u taghmel xoghlijiet ta' trinek, twahhal arbli, xoghol ta' konkos u materjal. Hija kumpanija ta' huta s-subien Peter u Joey u hi taghmel *bookkeeping*. Meta l-Gvern ikun irid ix-xoghol minghandhom icemplu lil huha dirett fuq il-mobile. X'hin johrog ix-xoghol, tohrog l-invoice, timxi dejjem mad-*delivery notes*. Meta jcemplu lil huha, ix-xufier li jkun sejjer ghax-xoghol jiehu d-*delivery note* u kemm tigi ffirmata fuq il-post tax-xoghol minn min ikun hemm. Jekk ma tigix iffirmata fuq il-post tax-xoghol imorru biha CMU u jekk ma jkun hemm hadd, kien jigi jigborha mill-ufficju. Is-CMU kien jiffirmaha Toni Debono li gharfet fl-awla.

Sabiex isir il-hlas hi tikteb id-data tad-*delivery note*, il-kwantita' u fejn mar ix-xoghol bin-numru tad-delivery note u tohodhom lil Joe Cordina. Hi gharfet id-*delivery note books* u l-invoices li gew elevati minn ghandhom.

**Joseph Buttigieg**[74] xehed nhar is-26 t' Awwissu, 2015 fejn qal li llum il-gurnata penzjonant imma kien jahdem bhala supervisor CMU minn 1987/1988 sa 2010. Xogholu kien li jaghti x-xoghol lill-haddiema fuq direzzjoni tal-imghallmin u jara

[72] Fol. 527 tal-atti processwali.
[73] Fol. 571 tal-atti processwali.
[74] Fol. 574 tal-atti processwali.

ghandhomx bzonn xi haga. Spjega li bdew xi hamsin (50) bhala supervisors u spiccaw lanqas tghoddhom fuq subajk.

Gharaf lil Anthony Debono bhala l-ahhar imghallem tieghu. Spjega li gili ffirma *delivery notes*.

**Joseph Buttigieg**[75] rega' xehed nhar is-7 ta' Ottubru 2015 u muri diversi dokumenti, jaghraf il-firma tieghu fuq dokument D386, D394 u D447, izda fuq id-dokumenti l-ohrajn mhux cert. il-firem l-ohrajn ta' hdejn tieghu qal li ma jarafhomx. Hu ghal dawn kien jiffirma sabiex jikkonferma li saru x-xoghlijiet.

B'referenza ghal document CFC03B minn folio D974 sa folio D983, muri xi firem jghid li huma tieghu, pero ma jiftakarx x'kien id-dokument. Id-dokument minn D994 sa D1002 jghid li hemm il-firem tieghu, kif ukoll fuq D1005 u D1012.

In kontro-ezami jikkonferma illi fl-ewwel batch ta' dokumenti li gie muri, hu ma setax jikkonferma dejjem jekk il-firma kienitx tieghu ghaliex il-firma l-ohra li kien hemm kienet tixbah hafna lil tieghu. Ikkonferma illi fejn hu ma kienx daqshekk cert kien hemm din il-problema tat-timbru ta' *certified true copy* li kienet qisu qed tahbi l-firma tieghu.

**Dottor Martin Bajada**[76] xehed nhar is-7 t' Ottubru 2015 fejn xehed li ha kampjun tal-firem u kitba ta' Anthony Debono, kampjun li esebixxa fuq Dok MB1 konsistenti minn hdax-il faccata. Talab il-Qorti sabiex jirtira l-istess document. Talab ukoll sabiex jirtira document JCC, document JC, document MG u document CF. il-Qorti awtorizzatu jaghmel dan.

**Dottor Martin Bajada**[77] rega' xehed nhar it-13 ta' Jannar 2016, fejnipprezenta ghaxar dokumenti kontinenti kaligrafija u firem ta' Joseph Cauchi, pprezentati bhala Dok. MB2 u l-Qorti awtorizzatu jirtirahom sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tieghu. Hu[78] xehed ukoll nhar it-13 ta' Jannar 2016, fejn ipprezenta ghaxar dokumenti kontinenti kaligrafija u firem ta' Joseph Cauchi, pprezentati bhala Dok. MB2 u l-Qorti

[75] Fol. 598 tal-atti processwali.
[76] Fol. 584 tal-atti processwali.
[77] Fol. 829 tal-atti processwali.
[78] Fol. 829 tal-atti processwali.

awtorizzatu jirtirahom sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tieghu. Ghal darba ohra hu[79] xehed nhar is-6 t' April, 2016, fejn informa l-Qorti li ghadu ghaddej fil-process tal-analizi koparattiv u finalment rega' xehed[80] nhar il-5 t' April, 2017, fejn qal li kien nominat sabiex jiehu kampju tal-firem ta' Anthony Debono u Joseph Cauchi u jaghmel ezami komparattiv tal-kitba u l-firem ma' dokumenti li hu kien eleva. Minn elf u disa' (1,009) firem, mitejn u tmienja (208) minnhom setghu saru minn Anthony Debono. Spjega illi Debono juza zewg firem, wahda ghal fini ta' xoghol u wahda ghall-hajja personali.

Il-konkluzjonijiet kienu illi mitejn u tmien (208) firma li nstabu fuq id-dokumenti fil-maggor parti li huma l-LPOs u c-certifikazzjoni tal-invoices huma ta' Anthony Debono. Il-kitba fuq document JC hija maqsuma fi tnejn – hemm kitba ta' Joseph cauchi u hemm kitba minghand Anthony Debono. Fejn dak kollu b' linka hamra nkiteb minn Cauchi u l-kumplament minn Debono. Fil-konfront ta' Cauchi kull ma rrizulta l-firma tieghu fuq ir-ricevuti fiskali u l-kitba b' linka hamra fuq document JC. Hu pprezenta r-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. MB1.

**l-allura Dr  Grazio Mercieca**[81] xehed nhar is-7 t' Ottubru 2015 fejn qal li kien konsulent mal-Ministeru t' Ghawdex. Lejn l-ahhar t' Ottubru 2014 kien gie mghajjat ghal laqgha, fejn prezenti kien hemm il-perm sec. John Borg, Marthese Attard, Amity Gauci, Christian Zammit u Joseph Cauchi. Lil dan ta' l-ahhar, maghruf bil-laqam ta' Is-Sansun,  kien jafu peress li kien klijent tieghu f'kawza civili snin qabel. Din il-laqgha damet madwar siegha fejn Cauchi beda jallega illi kellu jiehu madwar hamsin elf euro (€50,000) ghal xoghlijiet li kien ghamel that l-amministrazzjoni precedenti. Dan allega li gew invoiced li saru fi propjeta' pubblika meta fil-verita' dawn ix-xoghlijiet saru fi propjeta' privata. Cauchi kellu zewg files mieghu u meta beda jirrakonta qallu sabiex joqghod attent ghax jekk dan kien minnu setgha jinkrimina ruhu. Hu ftakar li ssemmew xi passaggi fit-toroq, xi garaxxijiet, isemma' l-Brookies restaurant, il-ground tal-futbol tal-Gharb u propjetajiet hekk.

[79] Fol. 929 tal-atti processwali.
[80] Fol. 1117 tal-atti processwali.
[81] Fol. 587 tal-atti processwali.

Harsa lejn id-dokumentazzjoni qal li ma jiftakarhomx u hu ma ha l-ebda azzjoni ghax hu advisor u ma jaghmilx parti mic-Civil. L-azzjoni sussegwenti ttihdet mill-perm. sec. Spjega li s-Sur Cauchi kien qalilhom li kien Anthony Debono, ir-ragel tal-ex Ministru ghal Ghawdex, li kien qabbdu jaghmel dawn ix-xoghlijiet. Qal li kien jaf li l-imputat jahdem mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u jafu di vista u gharfu fl-awla.

In kontro-ezami qal li kien ilu jokkupa l-pozizzjoni ta' konsulent fil-Ministeru ghal Ghawdex minn April 2013. Ikkonferma li Cauchi talab intervent minghandhom sabiex ikun jista' jithallas. Qal li ma jiftakarx li ssemma l-farm tal-Gvern. Wiegeb li ma jafx jghid kemm kienu ilhom pendenti dawn il-flus. Jista' jkun li qalilhom imma ma jiftakarx. Xi hadd kien qallu, mhux cert hux hu li jekk ix-xoghol sar fi propjeta' privata mhux ser ihallsuh. Meta hu wissa lil Cauchi li seta;+' jinkrimina lilu nnifsu, Cauchi sploda u iktar ried li dan il-kaz jitmexxa l-quddiem. Spjega li kien hu li qallu jekk jikwalifikax bhala *whistleblower*. Ma jiftakarx kienx baqa' jinsisti ghal hlas wara l-pozizzjoni tal-Ministru u lanqas jiftakar jekk qallux li ha jqabbad avukat.

**Saviour Farrugia**[82] xehed nhar is-7 ta' Ottubru, 2015 fejn qal li jokkupa l-kariga t' Assistant Principal fid-Dipartiment tal-Licenzji, Ghawdex. Spjega illi l-vettura JCD 200 hija Dutch 50 Series truck bil-high up li qieghed fuq Joseph Cauchi. Ilu fuq minn 15th November 2007. Ilha ggaraxjata mill-1 t' Ottubru 2007.

In kontro-ezami jghid illi mhux f'pozizzjoni li jghid x'vetturi ohra Cauchi ghandu rregistrati fuq ismu. Spjega li meta jghid igaraxxjata jigifieri li l-pjanci gew irritornati l-ufficju imma mhux il-vettura. Transport Malta ma tkunx tista' tkun taf jekk din il-vettura hux xorta qed tintuza.

**Saviour Farrugia**[83] rega' xehed nhar id-19 ta' Frar, 2020, in kontro-ezami fejn gab u esebixxa lista tal-vetturi li Joe Cauchi ghandu fuq ismu personalment, total ta' erbatax-(14) il vettura. Ivverifika illi s-sistema ma turikx il-karozzi li kellu l-persuna precedentament, izda li ghandu fil-prezent biss. Setgha jghid il-vettura JCD 200 ghand min kienet precedentament ghax ir-ricerka kienet saret bil-vettura u mhux l-individwu.

[82] Fol. 592 tal-atti processwali.
[83] Fol. 1337 tal-atti processwali.

**Mario Camilleri**[84] xehed nhar it-18 ta' Novembru, 2015, fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur fid-Direttorat Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u ilu f'din il-pozizzjoni ghal kwazi tlettax (13)-il sena.

Qal li gharaf l-imputat ghax kien jahdem bhala Principal mad-Direttorat, specifikament mas-CMU. Ix-xoghol iqassmu d-Direttur u s-CMU ma jaghmilx xoghol fuq xi skala kbira. Ix-xoghlijiet jinkludu *farm access roads*, passaggi fil-kampanja, bini ta' hitan tas-sejjieh u anke xoghlijiet go futbol grounds.

Fir-rigward tal-hlas, il-kuntrattur li kien ghamel ix-xoghol jipprezenta l-invoice tax-xogholijiet li jkun sar u jigi ccertifikat li sar skont ir-regoli u s-sena. Dan jigi ccertifikat mill-*officer in charge* li dak iz-zmien kien Toni Debono. Wara issir LPO, u jghaddi ghand id-Direttur ghal firma jew ghandu wkoll. Sussegwentament imur l-accounts li mbghad johorgu payment voucher. Minbarra l-officer in charge minghalih li kien ikun hemm xi senior technical officer li seta' jisupervizjona x-xoghol u jiccertifikah. Spjega li hu ma kienx jaf b'xi problemi illi seta' kien hemm fuq kif jitqassam jew x'jigi deciz ghax hu kien l-iktar fuq HR u management.

In kontro-ezami jikkonferma illi parti mix-xoghol tieghu kien li jhejji l-Performance Management Programme u c-certifikazzjoni dwar l-istess. Muri l-file personali tal-imputat mmarkat bhala AD11, jikkonferma illi jidher li huwa l-file tieghu li jinkludi *Performance Review Computation* mis-sena 2005 sa 2013. Hu kkonferma li dawn kollha ffirmahom hu. Ikkonferma illi kull sena kellu assessment finali B li tfisser illi *'his performance regularly meets the expectations as specified in the work plan.'*

**Reno Grech**[85] xehed nhar it-18 ta' Novembru, 2015 fejn qal li qabel kien jahdem id-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex u kien jokkupa l-kariga t' Assistant Direttur mit-2010 sa 2014.

Hu gharaf lill-imputat fl-awla u qal li hu r-ragel tal-ex-Ministru ghal Ghawdex. Qal ukoll li dan kien inkarigat mis-CMU mit-2010 sa 2014. Bhala problemi bejn id-Direttur

[84] Fol. 629 tal+atti processwali.
[85] Fol. 635 tal-atti processwali.

Portelli u Debono li kien hemm ghax dan ta' l-ahhar kien in charge m' CMU u l-issue dejjem kienet tal-period contracts ghax kien ikollhom ammont definit ta' supplies illi jistghu johorgu bhala finanzi u kien jinqabez. Ma kienitx issue tas-CMU biss. Il-problema kienet ghax once illi jinqabez jibqghu jsiru s-supplies u qisu tigi illi s-supplies illi jkunu over and above il-kuntratt jkunu jridu jigu awtorizzati bhala direct order. Imbghad kien jidhol fiha l-Perm Sec. Id-Direttur kien qallu sabiex jipprova jsolvi din il-problema tal-period contracts, imma direttament mas-CMU ma kellux x'jaqsam.

In kontro-ezami ikkonferma li din il-problema baqghet hemm anke wara li telaq is-Sur Debono.

**<u>Pietru Debono</u>**[86] xehed nhar it-18 ta' Novembru, 2015, qal li hu mechanic imma ghandhom x-xoghol tal-konkos, thaffir ta' trinek, tqeghid ta' arbli u affarijiet hekk relatati ma' dak ix-xoghol. Bhala servizz lill-Ministeru t' Ghawdex jghid li l-iktar jaghtu l-konkos.

Spejga li meta jigu ghax-xoghol, jircievi telefonata mis-CMU bl-ammont partikolari li jkunu jridu, jibghat lill-haddiem jghabbih u johrog ix-xufier. Hu gharaf l-imputat fl-awla u qal li kien jiehu hsieb is-CMU u normalment hu kien icempillu. Xogholhom kien biss ta' *supply* ta' konkos. Hu qal li jibghat id-delivery note max-xufier u jekk ikun hemm Debono jiffirmah hu u jekk le jghaddu bih is-CMU u jekk ma ssibux jmur l-ufficju jew il-plant. Wara tohrog l-ircevuta lil Joe Cordina u meta jhallas il-Gvern Cordina jqassam lill-tal-plants kollha. Qal li fil-*consortium* hemm xi hamsa jew sitta' u x-xoghol normalment jitqassam mis-CMU. Muri d-*delivery notes* qal li ma jarafx il-firem ta' fuqhom.

In kontro-ezami kkonferma illi ghadhom jissuplixxu l-concrete lill-Ministeru t' Ghawdex. Ikkonferma wkoll li prezentament ghadu kollox kif kien meta kien hemm Debono u ma nbidel xejn. Qal li hu qatt ma gie mitlub minn Debono sabiex johrog xi *voucher, delivery note* jew invoice ta' xi xoghol illi fil-fatt ma ghamilx. Sa fejn jaf hu fil-privat qatt ma ha konkos.

[86] Fol. 640 tal-atti processwali.

**Annette Zammit**[87] xehedet nhar it-18 ta' Novembru, 2015, fejn ikkonfermat illi nhar it-23 ta' April 2015 giet mitkellma mill-pulizija u dan minhabba bicca concrete fuq il-bicca ta' quddiem tal-post taghhom f'tas-Sellum tax-Xaghra. Din il-bicca tal-konkos ta' Carmel Bajada, u fejn sar hija parti mill-ghalqa. Qalet li ma tafx min ghamel ix-xoghol jew min ordnah.

In kontro-ezami ikkonfermat illi dan il-passagg jew sqaq taghti ghar-raba' li tinhadem. Qalet li ma tafx kienx hemm ilmenti min-naha ta' Bajada minhabba x-xita. Ikkonfermat illi fejn tidhol il-bicca tad-dranagg applikaw ghall-permess mal-MEPA, hallsu l-kontibuzzjonijiet u l-Gvern kellu jqabbad il-komunikazzjonijiet tieghu mal-komunikazzjoni taghhom, izda ghadha ma saritx.

**Anna Aquilina**[88] xehedet nhar it-18 ta' Novembru, 2015, u kkonfermat illi f' April 2015 giet mitkellma mill-pulizija dwar is-sistema tad-drenagg li ghandha fil-post taghha fi Triq il-Kanun, l-Ghasri. Qalet li kienet marret tkellem lill-Ministru Giovanna u lir-ragel taghha sabiex dan isirilha. Spjegat illi dan ma ghamluhx u llum il-gurnata ghamlu triq u tellghu fergha, imma ma tafx min ghamlu. Illum il-gurnata toqghod hi hemm.

In kontro-ezami tghid li sar meta tela' l-Gvern il-gdid. Ikkonfermat illi d-drenagg illi hi harget mid-dar taghha jitqabbad mal-main tal-gvern.

**Malcolm Scerri**[89] xehed nhar it-13 ta' Jannar 2016 fejn qal li hu jahdem bhala senior technical officer fit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern. Qal li gie mqabbad mill-pulizija sabiex jivverifika minn lista liema propjeta' hi tal-gvern u liema le.

- L-Gharb futbol ground fi Triq Tumas Cassar fl-Gharb huwa propjeta ta' Gvern mikrija lill-Gharb Local Council;
- Il-five-a-side ground Gharb Primary school hija propjeta' tal-Gvern ukoll.
- Cement platform f' Wied ta' Gulja, in Triq Birbuba, Virtu', Gharb ukoll propjeta' tal-Gvern;

[87] Fol. 652 tal-atti processwali.
[88] Fol. 652 tal-atti processwali.
[89] Fol. 715 tal-atti processwali.

- Cement road fl-area Ta' Garrija fejn Fontana Brothers Fireworks Factory limits of San Dimitri, Gharb, ukoll propjeta' tal-Gvern;
- Parking area Brigitta Von Otting fil-brackets 2, Meadowfields, Triq it-Trux, Gharb. Esebixxa ricerka kollha tal-propjetajiet li jindikaw hafna minnhom huma wkoll propjeta' tal-gvern;
- Hajt fi Triq l-Isqof Mikiel Molina, kantuniera ma Triq it-Trux, Gharb, ukoll propjeta' tal-Gvern. Il-propjeta' ndikata mis-Supretendent li mmarkaha b'ittra X ma sabx informazzjoni jekk hux tal-gvern. Ma kellux li hi propjeta' tal-gvern;
- L-art taht Triq ta' Sdieri, Gharb, maghrufa bhala tat-Tmintax, ukoll propjeta' tal-Gvern;
- Cement road fi Triq Wied l-Infern, Zebbug. Il-passagg hu propjeta' tal-Gvern imma l-propjeta' biswit dan il-passagg, le;
- Various Counrty Roads in Zebbug qallu li m'hemmx bzonn jiccekja;
- Numru 3, Triq il-Kanun, Ghasri. It-triq biswit il-propjeta' hija tal-Gvern imma l-propjeta' ma tirrizultax li hija tal-Gvern;
- Trejqet il-Harrub, Triq San Martin, Victoria, Fontana tidher li mhux tal-Gvern;
- Tac-Cawla Victoria, it-triq u l-passaggi biswit il-propjetajiet' huma kollha tal-Gvern;
- Passagg f'Wied il-Lunzjata Kercem jirrizulta li hu tal-Gvern amministrat mill-Ufficju Kongunt;
- Kercem Primary School hija tal-Gvern u l-propjeta' biswit l-iskola qedgha f'isem Antonia Calleja u allura mhux tal-Gvern;
- Sqaq Xirfi (Tan-Nahli), Kercem jirrizulta li l-passagg in kwistjoni huwa propjeta' tal-Gvern pero' mbghad il-passagg li jaghti ghall-propjetajiet ohrajn illi mhux tal-Gvern;
- Country lanes Ghadira San Rafflu, Kercem, jidher li huma kollha tal-Gvern;
- Concrete… leading to Dwejra ma giex imqabbad jirricerka fuqha;
- David (Tal-Lingi) Portelli farmhouse, it-triq biswita hija kollha tal-Gvern;
- Brookies Restaurant ma giex moghti struzzjonijiet sabiex jirricerka fuqu;
- Alley in Triq tas-Sellum Xaghra, il-propjetajiet huma maqsumin fejn hu tal-gvern u fejn le, dan indikat fil-pjanta;
- Reservoir fi Sqaq ta' Hatar, Qala, kemm l-isqaq u kemm l-ghalqa hija propjeta' tal-Gvern amministrata mill-Ufficju Kongunt.

In kontro-ezami jghid li hu beda jixhed ghan-num tal-Lands Department. Jikkonferma illi hija prassi li l-gvern meta ghandu artijiet li huma tieghu geberalment anke jekk dawk l-artijiet mhumiex in a lands registration area, xorta wahda jirregistrahom mal-Lands Registry. Qal li ma jafx x'xogholijiet saru f'dawn il-propjetajiet. Wiegeb li ma jafx x'inhu r-remit u l-budget ta' CMU. Ikkonferma illi sid fi propjeta' privata jista' jibni sakemm ma jidholx fir-road alignment li jaghmlu l-Gvern. Mistoqsi jekk fejn indika li kienet propjeta' privata ma jafx jekk per ezempju fejn gie indikat li saru xoghlijieteffettivament kinux it-tqieghid tat-triq qal li as such lanqas qal li hija propjeta' privata ghax kull ma qal li mhux propjeta' tal-gvern. Jekk mhux tal-joint office probabilta' li hi privata.

**Dottor Martin Vella**[90] xehed nhar it-13 ta' Jannar 2016 fejn qal li hu kien ser jixhed ghan-nom tar-Registratur tal-Artijiet. Spjega illi propjeta' numru 30002588, fond 63,64, Triq Sarg, Kercem, jidher li hi rregistrata f'isem Alexander u Karen Micallef. Intalab jipprezenta certifikat 300002888, Art Ta' Tenewt, Kercem, Ghawdex. Certifikat 30002115, Art Ta' Hbula tal-kejl 1050m$^2$ hija rregistrata fuq Mary Stella Sultana. 30003270, Art Tal-Gnien tal-kejl ta' 189m$^2$ hi registrata f'isem Emanuel Razikil. 30000787 Art ta' Kercem tal-kejl 143m$^2$ hi registrata fuq Maria Vella. Certifikat 30000776 art Ta' Kalandrijiet, Triq Sarg Kercem tal-kejl 331m$^2$.Certifikat 30002327, Art ta' Taht il-Blata, Kercem li hi rregistrata fuq hafna werrieta inkluz Simon Gatt, Anna Azzopardi, Maria Agius, Anton Mercieca, Thaddeus Gatt, Joseph Gatt, Francis Mizzi, Caroline Sant, Marita Sant u Cathrine Gatt. Certifikat 30001879 hi propjeta' registrata f'isem il-Gvern ta' Malta.

**Joseph Xiberras**[91] xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2016 fejn qal li hu Principal Technical Officer fi hdan id-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp. Hu jiehu hsieb il-haddiema, iqassmilhom ix-xoghol u jiehu hsieb ukoll il-*procurement* tal-materjal ghall-haddiema. Spjega li dak iz-zmien kien taht Joseph Portelli u meta x-xoghol kien jinvolvi certu

[90] Fol. 763 tal-atti processwali.
[91] Fol. 831 tal-atti processwali.

ammont ta' flus kien jghidlu imma f'affarijiet zghar bhal bankina, kien iddelegalu sabiex jihu decizjoni hu. Fir-rigward ta' progetti kbar, dejjem ried jimxi mal-proceduri u r-regolamenti tal-Financial Regulations.

Kompla jispjega illi kien responsabbli mill-Works branch, kellu s-*supervisors* tahtu, bin-nies tahtom u kien jassenja x-xoghlijiet relattivi. Il-haddiema tieghu, jahdmu xoghlijiet li jtihom hu. L-istores tal-Works u CMU, fejn kien jinzamm il-materjal, kienu separati imma gili saru transfers ta' xi affarijiet. L-istore officers kellhom sistema ta' ledgers.

Hu gharaf lill-imputat u qal li kien jiehu hsieb is-CMU bhala *officer in charge*. Spjega illi gili kellu xi xoghlijiet u uza xi nies minn taghhom. Kien icempel lis-supervisors u jghidilhom, isma' ghandi bzonn per ezempju jrid issir bankina jew per ezempju hemm hajt fit-triq waqa' u biex jinbena biex jevita' l-periklu jew hekk. Mistoqsi x' tip ta' rapporti kien jircievi lura jghid li xejn partikolari u minflok qed jahdmu ghalih, qed jahdmu ghal Debono imma fuq xoghol li huwa relatat li huma kienu obbligati jaghmlu.

**<u>Anthony Debono</u>**[92] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' manager tas-CMU u li ilu hemm minn Marzu 2013. Gharaf lill-imputat fl-awla u qal li jafu imma qatt ma hadem mieghu ghax kien fl-istess ufficju li llum jahdem fih hu.

Spjega li dan ma kienx tah handover. L-istess nies ghadhom hemm sa llum u bhala xoghol jaghmlu xoghol ta' *maintenance* u affarijiet hekk. Spjega wkoll illi jkollhom diversi requests mill-*Customer Care*, OPM, NGOs u ohrajn, illi jaqghu that il-kategorija kollha ta' fejn jahdem hu. Dejjem jara xi jkun hemm bzonn u jara hemmx gustifikazzjoni u jekk ikollhom cans imorru jaghmluhom. Hu qal li l-irwol tas-CMU jahseb li zdied minn zmien Debono.

Anthony Debono[93] rega' xehed nhar id-19 ta' Frar, 2020, in kontro-ezami fejn ikkonferma li hu kien mar is-CMU flok l-imputat izda li llum huwa rtirat. Hu ghamel hemm mill-2013 sa l-2019. Qabel li ta' kull sena l-Ministeru t' Ghawdex johrog rapport annwali li tahtu wkoll jaqa' is-CMU u parti minn dan ir-rapport titkellem ukoll fuq is-CMU. Qabel li huma bhala CMU kellhom vot fil-budget ghar-rigward ta' fondi.

[92] Fol. 840 tal-atti processwali.
[93] Fol. 1341 tal-atti processwali.

Ikkonferma li kien ikollhom jintervjenu fejn hitan jew hitan ta' lqugh jew waqghu jew qeghdin fi stat perikoluz. Spjega illi l-aghar meta kienet tkun ta' periklu ghan-nies u r-request tidhol mill-individwu. Ikkonferma wkoll illi retaining walls huma ezempju hitan li warajhom ikun hemm ir-raba'. Qal li bhala requests l-iktar li kien ikollhom meta hajt ikun waqa' diga'. Mistoqsi jekk kienx ikollhom requests meta hajt ikun fi stat perikoluz hu wiegeb li imbghad ikun hemm il-periti, li f'kaz li jkunu jistghu jaghmluh huma jigwidahom il-perit.

**<u>Joseph Portelli</u>**[94] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn qal li hu ufficjal fil-Procurement Unit fil-Ministeru t' Ghawdex. Gharf lill-imputat bhala li kien ufficjal inkarigat mis-CMU u li hu dak iz-zmien kien Direttur tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp. Hu ghamel direttur mill-1996 sa 2015.

Spjega illi fuq certu xoghlijiet kien jaghti struzzjonijiet hu u fuq xoghlijiet ohra kien jaghti stuzzjonijiet Debono. Kien jircievi wkoll talbiet minghand il-pubbliku ghax-xoghlijiet. Is-CMU kien jaghmel xoghlijiet ta' passaggi fir-raba', tiswijiet ta' hitan tas-sejjieh u diversi xoghlijiet ohra li mhumiex progetti kbar ghax progetti kbar kien jaghmilhom il-Public Works. Kien hemm xi xoghlijiet *overlapping* li gieli jaghmlu s-CMU u gieli l-Public Works. Ma jiftakarx kemm kellu nies is-CMU.

Meta kienu jsiru x-xoghlijiet Debono kien jendorsja l-kontijiet u jghaddihom sabiex isiru pagament. Kien ikun hemm l-invoice tal-kuntrattur, il-*purchase order* li tkun endorsjata mill-ufficjal inkarigat tas-sezzjoni u dik tghaddi ghall-hlas fid-direttorat fl-accounts.

Fejn jidhol concrete spjega illi kien ikun hemm tender li tkopri d-direttorat kollu. Kienet tohrog tender generali, dak li jisejjah *period contract.* Din qisu tohrog darba f'sena u kull sessjoni li jkollhom bzonn materjal, jaghmlu requisition ghall-materjal u l-kuntrattur li jforni l-materjal imbghad jissupplixxih fuq il-post. Dan fil-kaz tal-concrete, bhal fil-kaz ta' cement kien jinxtara stock bi quotation normalment. Kien jinzamm fl-istore u johrog mill-istore permezz ta' requisition lill-istore keeper.

---

[94] Fol. 843 tal-atti processwali.

Is-CMU u l-public works kellhom stores separati u f'kaz ta' sezzjonijiet li ma kellhomx store, kienu jaghmlu requisition lill-istore tal-Public Works u jinhareg il-materjal minn hemmhekk.

Spjega illi tenders ghal equipment kien hemm ukoll, izda jekk ammonti zghar ta' bejn elfejn (€2000) u (€3000) tlett elef euro tohrog quotation. Kien hemm period contact ghal tip ta' makkinarju bhal mini excavator u apparat simili u kien johrog dan it-tip ta' tender ghax id-dipartiment ma kellhomx dan it-tip ta' makkinarju. Meta kienet tohrog tender kien ikun hemm bzonn l-approvazzjoni tieghu. Sussegwentament tigi ppublikata u x'hin jaghlaq iz-zmien tat-tender hu jkun hatar il-bord jew inkella wara li jinghalqu jahtar il-bord tal-evalwazzjoni, jigu evalwati l-offerti u wara tohrog il-*letter of acceptance*. Hu ma kienx ikun membru fuq il-Bord izda jista' jkun li kien jahtar ufficjali inkarigati fuq il-bordijiet. Ghall-hlas normalment tghaddi *purchase order* mal-invoice li jkunu certifikati u jghaddu gol-file tal-procurement, jghaddi fid-direttorat u jmur l-accounts biex jithallas.

Ix-xoghol kien jiccertifikah is-Sur Debono, is-supplier jipprovdi invoice, il-local purchase orders kien jaghmilhom George Pace imbaghad wara johrog il-*payment voucher* li pjutost kien johrog mill-accounts. Hu kien jendorsja l-pagamenti normalment tal-fuq minn hames mitt euro (€500) u inqas kien jendorsjahom l-ufficjal inkarigat u jghaddu ghall-pagament.

Spjega li tender generalment kien johrog fuq talba ta' sezzjoni, jigifieri meta sezzjoni jaraw li ghandhom bzonn certu affarijiet, materjali jew makkinarju, is-sezzjoni kienu jaghmlu talbiet biex jinkera l-makkinarju. Seta' li kien hemm zmien li ma kienux ikun hemm tender jew quotation pero hemm il-possibilita' li wiehed jikri jew jixtri materjal within certain limits.

Sussegwentament qal li kull xoghol kellu jghaddi ghall-approvazzjoni tieghu qabel ma jigi mplimentat. Gili kien qal ukoll lil Debono dwar dan u baqa' ghaddej bl-istess mod. Kien anke kellem lil Ministru Giovanna Debono dwar dan hu hi kienet qaltlu li x-xoghol li jkun qed jaghmel Debono kellu l-clearance taghha.

Kien mar ikellmu Joe Cauchi ghall-habta ta' Settembru 2014 u kien qallu li kellu xi kontijiet pendenti ghal xi xoghlijiet li kien ghamel ghas-CMU. Dakinhar kien tkellem mieghu b'mod dirett. Dan maghruf bhala s-Sansun u kien ha diversi tenders. F'din il-

laqgha kien qallu li x-xoghlijiet li kien ghamel li l-hlasijiet taghhom kien ghadhom pendenti, ghamilhom fil-privat. Kien qallu li ghal dan huma ma jhallsux. Kien qal li qabbdu Debono jaghmel dan ix-xoghol, bhala perjodu ma jiftakarx imma. Iktar tard kien baghtlu email rigward xi pagament pendenti fuq xi xoghlijiet li saru gewwa l-farm tal-gvern. Din l-email kien uriha lil perm. sec. u kellu direzzjoni sabiex ihallsu ta' dan.

In kontro-ezami jikkonferma illi bhala direttorat kellu bosta sub departments u li kien ikun hemm kazijiet fejn kien ikun hemm il-bzonn ta' kollaborazzjoni. Ikkonferma wkoll illi meta kien jaghti l-approvazzjoni tieghu dan qatt ma hareg ordni bil-miktub. Ikkonferma dak li qal meta gie mitkellem mill-pulizija u cioe' li jekk qallu biex ma jaghmilx xi xoghol, jekk qallu hekk ikun qallu *in passing* u mhux sejjahlu u tah xi ordni. Ikkonferma wkoll li l-irwol ta' Debono kien *to manage* the CMU u kellu wkoll id-dritt *to assign proper duty to employees.* Qal li kien jafdah bhal ufficjal inkarigat minn unit u ma kellux raguni ghalxiex jahseb hazin fih. Li kien importanti ghalih li x-xoghlijiet jigu *through the proper channels*, ikunu approvati u jekk ikunu qed jaghmlu xi xoghol ghal dipartiment iehor, hu jkun jaf bih u ssir procedura li jigu rkuprati certu fondi tal-ispejjez li jkunu ntuzaw. Fic-chain li spjega lis-Sur Abdilla, hu kien jinvolvi ruhu fil-bidu jekk dahal ix-xoghol u effetivament fil-hrug o meno tal-pagamenti. In between kien jidhol biss f'kaz ta' problema li fil-kaz tas-CMU mhux tant li kien hemm.

Hu fehem li Debono hassu inkarigat mill-fergha u ried jimxi mal-Performance Management Programme. L-irwol tieghu kien: *'to manage the CMU the mangement and projects deprtment and co-ordinate all subsections of the unit ensuing that all sections provide services efficiently, assign proper duties to employees and deliver technical advice and instructions to supervisors and other staff'*. Ikkonferma wkoll illi parti mir-remit tieghu kien *'the deployment of staff to carry out work by direct labour according to priorities, co-ordinating with technical staff, ensuring that the works are carried out up to the required standards.'*

**Joseph Portelli**[95] rega' xehed nhar is-6 t'April, 2016, fejn ikkonferma li period contracts mill-2006 u l-2012 relatati mas-Sur Cauchi, milli ra mill-*accounting system,* ma sab xejn. Fid-Dipartiment seta' kien hemm kuntratti assenjati lil haddiehor. Xehed illi minn

[95] Fol. 930 tal-atti processwali.

2006 sa 2012 id-Dipartiment gie bzonn makkinarju bhal bob cats u skid steer loaders u nfatti kienu krew dawn minghand Joe Cauchi Developments jew inkella Joe Cauchi. Qal li whud minnhom setghu kienu jaqghu taht it-tender ta' 2006. Izda jkompli biex jispjegha illi l-kirjiet ta' 2009 u 2010 ma setghux kienu mal-period ontract ta' 2006 u li dawk kienu fir-remit tad-delega illi kellhom il-Heads of Section illi kellhom delega illi jistghu jqabbdu xoghlijiet sa hames mitt euro (€500) anke kienu fir-remit li hu kellu bhala Direttur skont il-Financial Regulations illi jistghu jitqabbdu xoghlijiet ta' natura simili sa limitu ta' hmasa u ghoxrin elf euro (€25,000). Ikkonferma li dawn ix-xoghlijiet baqghu johorgu b'*direct order* u li dan seta' jsir. Spjega illi wara li waqqfet it-tender, baqghu jordnaw fuq l-istess tender bl-istess prezzijiet. Stqarr li ma jidirlux li kien hemm decizjoni illi ma johorgux aktar tenders ghall-ebda zmien. Hu fakkar li kienu fi process illi jicentrelizzaw il-*procurement* tad-dipartiment u eventwalment hargu tender f' 2012 li kienet tkopri d-Dipartiment kollu u mhux limitata biss ghas-CMU. Ikkonferma illi period contracts ghal affarijiet ohra baqghu hergin. Pprezenta l-*acceptance letters* ta' Cauchi, li hlief ghal dik ta' 2012, huma kollha marbuta b'bicca xoghol partikolari.

Mistoqsi fuq Joseph Sciberras qal li kien Principal Technical Officer, bniedem tekniku u ghalhekk kategorija differenti minn dik tas-Sur Debono li kien Principal. Qal li gili kien hemm tilwimit bejniethom ghax per ezempju Sciberras kien ikun qed jaghmel certu xoghol u Debono kien jindahal. B'referenza ghax-xogholijiet fl-iskola ta' Kercem, jghid li kien waqqaf ix-xogholijiet u kien talbu jerga' jaghmel kollox kif kien lil Joe Cauchi. Qal li jekk jiftakar sew dan kien twaqqaf ghax min-naha tal-Edukazzjoni ma kienux awtorizzaw dan ix-xoghol sabiex isir. L-intenzjoni ghal dan ix-xoghol ma jafx x'kienet.

In kontro-ezami qal li jista' jkun li x-xoghlijiet l-ohra li kienu abbazi tal-*period contract* ma ndikawhomx u dan ghaliex id-dokument li pprezenta hu mehud mill-informazzjoni tad-Dipartiment tal-*Accounting System* u l-iskrivani mhux dejjem ikunu kitbu l-letter of acceptance. Ikkonferma illi jekk tkun se ssir order individwali t'iktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500), kien hemm il-bzonn li tohrog quotation. Ikkonferma wkoll li l-certi heads of section, kellhom ir-remit illi xogholijiet illi ma jaqbzux il-hames mitt euro (€500), setghu isiru permezz ta' struzzjonijiet taghhom. Spjega illi l-ligi tppermetti illi jista' jkun hemm orders, tal-istess natura tax-xoghol

minghand l-istess persuna, l-importanti li *over a period of six months*, ma jaqbizx hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000). L-ebda Head of Section, la permezz ta' *period contracts* u lanqas direct order li kellhom ta' hames mitt euro (€500), hadd minnhom ma qabez il-hamsa u ghoxrin elf (€25,000). Ikkonferma li m'hemm xejn li jmur kontra l-*procurement rules* u ghalhekk stabbilit illi m'hemm xejn irregolari bejn l-2006 u l-2012. Ikkonferma dak li qal Joe Sciberras li kien hemm kollaborazzjoni bejn is-sezzjonijiet fl-uzu tal-haddiema, fl-uzu tal-materjal sabiex dak li kellu jitwettaq, jitwettaq.

Joseph Portelli[96] ghal darba ohra xehed nhar il-15 ta' Novembru, 2017, fejn fakkar li hu Officer bi Scale 4 fil-Ministeru ghal Ghawdex. Spjega li kien hemm vot *'Farm Access Roads'* kien jismu. F'dawn il-kazijiet kien ikun hemm it-talba illi tghaddi ghas-Sezzjoni tal-Agrikoltura biex issir spezzjoni u rapport, pero' ma kellux dettalji fuq hekk u m'ghandux access ghal dak il-file. Ix-xoghol xorta taghmlu s-CMU. Dak ix-xoghol suppost johrog mill-*'Farm Access Roads'*. Fil-kazijiet tal-bqija tal-lista li gie pprovdut, jghid li ma kellux talbiet ghal dawn ix-xoghlijiet u ma jistax jghid sarux hlasijiet fuqhom. Hu ma processax pagamenti fuqhom. Din il-lista, hekk kif elenkata f' Dok. JP1, tirreferi ghall-wiehed u ghoxrin bicca xoghol li diga' gew indikati *supra.*

**David Apap**[97] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn qal li jahdem mal-Malta Tourism Authority u Sindku tal-Gharb ghal sbatax (17) -ilsena. Qal ukoll li jaf lill-imputat bhala r-ragel ta'-ex Ministru ghal Ghawdex u anke bhala l-kap tas-CMU.

Spjega illi fir-rigward tal-ground il-kbir tal-Gharb kellu bzon *maintenance* u kienu kitbu lil Ministeru ghal Ghawdex u wara kienu tkellmu wkoll mas-CMU biex jaraw kif jista' jsir ix-xoghol. Qal li kien kellem lil Debono rigward dan ix-xoghol u li x-xoghol kien ghamlu Joe Cauchi s-Sansun. Ma ftakarx jekk kienux marru kollha fuq il-post, imma kienu thaddtu u kien hemm qbil li l-Ministeru jew s-CMU kienu ha jghinu biex jinqala' l-hajt biex imbghad aktar tard jinbena hajt gdid u jsir fence gdid. Qal li x-xoghol kien sar parti minnu.

[96] Fol. 1147 tal-atti processwali.
[97] Fol. 862 tal-atti processwali.

Spjega wkoll illi sar jaf li Cauchi ma thallasx b'telefonata li kien ghamillu Cauchi wara l-elezzjoni. Hu kien qallu li dawn ix-xoghlijiet ma kienux assenjati lilu mill-Kunsill, pero' mhux ha jichad li x-xoghlijiet ghamilhom hu fil-verita'.

Mistoqsi kif rigward il-ground iz-zghir li dan jaghmel parti mill-iskola, kif kien dahal fiha l-Kunsill jghid li l-Kunsill flimkien mal-Gharb Rangers kienu talbu l-ghajnuna, kif kien hawn l-EU Funds jew UYF Funds li kienu gejjin min-naha tal-MFA u l-GFA u kienu qed isiru diversi grounds f' Ghawdex. L-intenzjoni kienet li barra li jitrennjaw fih l-Gharb Rangers juzawh ukoll l-iskola primarja. Dak inhar qal li jekk mhux sejjer zbaljat, hu kien is-Segretarju filwaqt li Joe Cauchi l-kuntrattur kien il-President tal-Gharb Rangers. Kemm il-Kunsill, kif ukoll l-Gharb Rangers ma kellhomx il-fondi bizzejjed sabiex jaghmluh u allura riedu jsibu alternattiva halli ma jintilfux il-flus u hekk dahlet is-CMU.

Fir-rigward tal-platform f'Wied ta' Gulja, jghid illi kien hemm benefattur li ghamel statwa gdida u l-kumitat tal-festa, kien qed jipprova jsib post fejn isir pedestall u kien deciz illli jaraw tistax issir fl-area illi saret illum. Qal li hu wkoll parti mill-kumitat tal-festa. Il-Kunsill Lokali kien ha l-inkarigu sabiex jitlob il-Ministeru t' Ghawdex biex dan isir. Stqarr li ghall-bidu ma kienx hemm permess tal-MEPA imma mbghad giet *sanctioned* u inghatat permess. Ix-xoghol kien ghamlu Joe Cauchi, imma l-elettriku ghamlu l-Kunsill.

In kontro-ezami kkonferma illi meta l-budget tal-Kunsill Lokali ma jkunx sufficjenti, dan jirrikorri ghall-Gvern centrali u f'1997 kien imur ghand il-persuna li kien hemm flok Debono. Il-Kunsilli kollha jitolbu ghall-ghajnuna biex isir xoghol fil-lokalita. Spjega ukoll illi l-ground tal-football ghamlu wkoll uzu minnu ta' San Lawrenz. Ikkonferma illi dan sar sabiex igawduh ir-residenti tal-Gharb u San Lawrenz.

Fir-rigward tal-five-aside ground, ikkonferma li dan apparti ground jibbenefikaw minnu l-istudenti fl-*breaks* u anke wara l-hin biex il-komunita' tgawdi kemm jista' jkun minnu. Spjega illi dan il-ground kien tal-Gharb Rangers ghax l-ewwelnett il-lokalita' tal-Gharb, it-tieni nett l-Gharb Rangers kienu tefghu l-applikazzjoni biex jiehdu dawn il-funds u allura kienu l-Gharb Rangers li riedu jsegwu illi jinstallaw dan il-grawnd.

Il-pedestall gie nstallat f' Wied ta' Gulja, wied pubbliku li jifforma parti mill-vilagg tal-Gharb. Sar embellishment u sar belvedere.

Ikkonferma illi sa llum il-gurnata ghadhom imorru ghand il-Gvern centrali ghall-ghajnuna. Id-differenza li sa 2013 kien imur ghand Debono ta' Giovanna u llum imur ghand Debono n-Niksu. Spjega li Kunsilli ohrajn jaghmlu hekk ghax is-Sindki jitkellmu bejniethom u jaf li saru xi xoghlijiet fil-ground ta' Kercem. Fir-rigward tat-tlett xoghlijiet imsemmija jghid li tkellmu dwarhom fil-laqghat tal-Kunsill u anke ghadda l-minuti lill-Ispettur.

Anthony Debono qatt ma talbu xejn, anzi dejjem sab kollaborazzjoni tieghu u tal-Ministeru. Ma kienx talbu li jivvota ghall-mara. Wara l-elezzjoni Cauchi kien ikkomunika mieghu biex jithallas ghal dawn it-tlett bicciet xoghol. Spjega kif Cauchi gholla l-vuci mieghu fit-telefonata u baqa' jinsisti li ried il-flus minn ghandhom. Qatt ma kienu rcevew kont minghandu u sar jaf dakinhar li cempillu. Cauchi qallu li jekk mhux ser jghinu, darb' ohra ma jitlax. Hu qatt ma kien ghinu, imma tah x'jifhem illi kien jghinu u issa mhux ser jghinu izjed. Fit-telefonata kien qal lil Cauchi li hu ma jinsabx wahdu fil-Kunsill u sabiex filkaz jiktbilhom, kif kien ghamel, u huma wiegbuh bl-avukat li huma ma kienux ikkummissjonawh sabiex jaghmel xi xoghol. Stqarr li lilu Cauchi qatt ma qallu li dan ix-xoghol sar fil-privat.

**David Apap**[98] rega' xehed nhar is-6 t' April, 2016, fejn gharaf il-kuntratt li kien sar bejn l-Gharb Rangers u l-MFA u l-firem kollha li kien hemm fuqu, inkluz tieghu. Gharaf ukoll id-dokument sabiex isir s-sanctioning tax-xoghlijiet ta' Wied Gulja u l-minuti tal-Kunsill, bil-firma tieghu u tas-segretarju ezekuttiv.

Ghal darba ohra, David Apap[99] xehed nhar l-24 ta' Gunju, 2020, in kontro-ezami qal li ghadu Sindku ta' l-Gharb u li s-sistema ghadha l-istess illum, jaghmlu request lill-Ministeru u l-Ministeru jqassam ix-xoghlijiet skont l-ezigenzi. Ilu Sindku mill-1997 u hekk kienet dak iz-zmien is-sistema u hekk ghadha.

Fir-rigward ta' 2016, 2020, l-Gharb bhala lokalita' kellha sitwazzjonijiet fejn ix-xoghlijiet li gew kummissjonati mill-Ministeru ghal Ghawdex inhaddmu mill-kumpanija jew mill-haddiema ta' Sansun. Dan ta' l-ahhar ikkonferma li hu armat b'diversi high ups u ingenji tal-kostruzzjoni. Spjega li t-telefonata li kien tah is-Sansun wara l-elezzjoni ta' 2013 baqa' jiftakarha ghax il-mod ta' kif kellmu kien agressiv sabiex

98 Fol. 958 tal-atti processwali.
99 Fol. 1558 tal-atti processwali.

il-Kunsill Lokali ta' l-Gharb ihallas dawn l-ispejjez. Qatt ma kien hemm xi azzjoni gudizzjarja ohra min-naha tieghu minn meta l-Kunsill baghtlu lura bl-avukat. Qatt ma rega' saqsih jew kellmu fuq din il-kwistjoni. Qal li fit-telefonata semmilu l-ammont ta' ghaxart elef (€10,000) jew hmistax-il elf (€15,000). Meta qallu hekk kien vag u ma qallux dak l-ammont ta' hekk u mhux t'hekk. Is-Sansun kien l-unika kuntrattur li talabhom il-flus ghal xoghlijiet li saru mill-Ministeru. Gili qabbdu jaghmel xoghol personalment ghalih u dan sar hafna qabel l-2013 u kien hallsu b'cheque. Spjega li hu u s-Sansun mhux tal-istess partit u li gili kellu xi atrgument mieghu ghax kien imur ghall-permessi l-kunsill u jippretendihom dak il-hin u huma kienu jimxu mar-regolamenti. Ikkonferma illi l-mini pitch kien ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea u mill-UEFA.

Finalment, hu[100] rega' xehed nhar id-9 ta' Dicembru, 2020, in kontro-ezami ikkonferma illi kemm ma Toni, kif ukoll mal-ex Ministru Giovanna Debono qatt ma kellu xi jghid u dejjem ikkollaboraw ma' xulxin u dejjem zammew l-patti li kien hemm bejniethom. Ikkonferma wkoll illi fl-elezzjoni ta' 2013 kien qed jikkanvassja ghaliha. Mistoqsi mill-Qorti jekk hux minnu li kien qed jikkanvassja lil Chris Said hu wiegeb illi hu dejjem kien disponibbli ghal dawk kollha li talbu l-ghajnuna tieghu. Sostna illi x-xoghol li kien twettaq mill-Ministeru ghal Ghawdex kien dejjem li ser jithallas mill-istess Ministeru. Toni Debono qatt ma talbu biex johorgu l-flus bhala Kunsill. Ikkonferma meta mistoqsi in ri-ezami illi x-xoghlijiet li kien qed jitkellem fuqhom kienu tal-ground tal-football, tal-platform u tal-ground iz-zghir fl-iskola primarja tal-Gharb.

**<u>Coronato Calleja</u>**[101] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn qal li meta kien jahdem, kien jaghti l-qatran fit-toroq. Jaf lill-imputat minn wiccu ghax kien r-ragel tal-Ministru li kellhom qabel. Spjega li habib antik tal-mara tieghu. Mistoqsi kienx kanvaser politiku jghid li kien ikun hemm il-meetings u kien imur u kien ikun hemm hi.

Spjega li l-mara tieghu, Antonia Calleja, wirtet bicca minn maqjel f'Kercem, qrib l-iskola u ma kellux minn fejn jidhol ghalih. L-access ghalih kien minn dak l-isqaq li hemm mal-genb tal-iskola. Meta nqasam bejn il-mara tieghu u huha, dan ta' l-ahhar ha l-bicca tal-access u l-bieb qieghed gewwa nett, fit-tarf tal-isqaq. Hu l-mara tieghu

[100] Fol. 1655 tal-atti processwali.
[101] Fol. 883 tal-atti processwali.

ma riedx itihom access u ghamlu erba' snin ma setghux jaccessawh. Kompla jispjega illi kien jaf li kien ser isir progett hemmhekk u mar ikellem lil Toni Debono biex jaghmillu pjacir forsi jkun jista' jaccessa dan il-maqjel. Debono kien qallu li jekk ikun jista' jirranga, jirranga izda ma sar xejn u sa 2013 kien ghadu minghajr access.

In kontro-ezami ikkonferma illi dan il-progett kien jirrigwardja gnien hdejn l-iskola u l-hajt tal-madwar. Ikkonferma wkoll illi parti minn dan il-progett kien illi passagg li kien ghaddej gon-nofs ta'dan il-gnien kien sejjer jitmexxa fuq in-naha tal-genb fejn hemm l-isqaq. It-triq li kienet proposta, kienet proposta fuq propjeta' pubblika u hu saqsa lil Debono jekk jistax jibqa' tiela' b'din it-triq biex isolvi l-problema tal-access. Ikkonferma li Debono la kien qallu iva u qas le, qas ma talbu flus u qas ma talbu jivvutalu ghall-mara. Hu rrabja li ma kien sar xejn u l-Ministru ma qditux.

**Maria Dolores Grima**[102] xehedet nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn ikkonfermat illi ghandha dar bl-isem Seagull, Triq ic-Cangall, Rabat li kienet giet ghandha b'wirt. Qalet li kienet marret il-Public Works sabiex jaghmlulhom it-triq bil-konkos. L-area fejn sar il-concrete qalet li hi tal-gvern. Xehedet illi ilha iktar minn tlett snin li saret it-triq. Spjegat illi kienet marret il-Works u kellmet lil Toni Debono li gharrfet fl-awla. Saret qabel l-elezzjoni generali u saret biss ftit qabel.

In kontro-ezami ikkonfermat li din il-propjeta' originarjament kienet tifforma parti mill-ghelieqi tal-papa taghha. Meta miet missierha qasmuha f'6 bicciet. Ikkonfermat ukoll li l-bicca li qed jirreferu ghaliha, l-perit qalilhom li hi tal-gvern. Il-permess tal-MEPA li kien hargilhom stabilixxa minn fejn ser tghaddi t-triq sabiex ikollhom access ghal propjeta' u hallsu wkoll r-road alignment. Kompliet tikkonferma illi kompliet tilmenta ghax ippretendiet li din it-triq pubblika ssir. Xehedet illi Debono qatt ma talabha xejn, la flus u lanqas biex tivvutalu ghall-mara.

**Mario Bugeja**[103] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2016, fejn qal li huma bil-barriera tal-gebel u gili ttenderjaw supply tal-gebel, ghal tender li hareg il-Ministeru t' Ghawdex. Spjega

[102] Fol 895 tal-atti processwali.
[103] Fol. 911 tal-atti processwali.

li jaf lil Debono ghax kien jaghtih l-ordnijiet mis-CMU biex nissupplixxi l-gebel. Din tkun bil-kwantita', icempillu, jordna, jihduwulhom u ssir id-delivery note normali.

In kontro-ezami jikkonferma li kienu hadu t-tender tas-supply tal-gebel ghal tlett snin in fila u kien jircievi ordnijiet varji minghand nies diversi li kienu jahdmu mal-Ministeru. L-ordni kien jirciviha hu, imbghad jibghad lix-xufier bix-xoghol. Hu ma jafx li Debono gili tah xi ordni biex jissuplixxi il-gebel fil-privat u l-invoices dejjem harighom skond id-*delivery notes*. Mistoqsi qatt hax xi xoghol ta' gebel fl-Gharb, ghid li ma jafx.

**<u>Joseph Grima</u>**[104] xehed nhar is-6 t' April, 2016, fejn qal li jahdem mad-Dipartimet tal-Edukazzjoni u li ghal xi zmien kellu x'jaqsam mal-Kunsill Lokali ta' Kercem, infatti kien Sindku. Infatti meta kien jokkupa din il-pozizzjoni il-kap tal-iskola kien gibidlu l-attenzjoni dwar cint li jdawwar parti mill-iskola ghax kien perikoluz u allura kien kellem lil Toni Debono biex dan jitranga'. Hu gharaf lil Debono fl-awla. Debono kien qallu li xtaq jembelixxjawh hemmhekk u kien qallu li minghandu zgur ma kienx ser isib oggezzjoni. Dan ix-xoghol baqa' qatt ma sar, ma jafx x'kellu jigri hemmhekk u bhala kunsill ma kienux gew ikkonsultati.

In kontro-ezami ikkonferma illi wara dan il-hajt hemm gnien, li kien abbandunat. Ikkonferma wkoll li Debono kien gie fuq il-post li kien qallu li mal-hajt, jaghmlu embellishment ta' dak il-gnien ukoll imbghad hu ma baqax Sindku. Ma jafx bediex jew twaqqafx dan ix-xoghol.

**<u>Mariano Zammit</u>**[105] xehed nhar is-6 t' April, 2016, fejn qal li f'2013 kien head teacher l-iskola ta' Kercem. Spjega illi fl-iskola kellhom gnien u wara l-vaganzi tal-karnival kien innota xi hamrija li giet spostata fil-gnien. Kien ikkuntatja s-Sindku u ma kien jaf xejn lanqas u allura cempel il-principal tal-Kullegg t' Ghawdex u din kienet taghtu parir jikteb lid-Direttur tal-Customer Care fil-Ministeru ghal Ghawdex. Hu waqaf hemm u minn dakinhar il-quddiem ma jaf xejn hlief li xi gimghat wara rega' tpogga

---

[104] Fol. 968 tal-atti processwali.
[105] Fol. 973 tal-atti processwali.

kollox kif kien u hu telaq imbghad. Qal li l-ground ma kienx intmess u la jaf min ghamel ix-xoghol u anqas min rega' ghamlu ghal kif kien.

In kontro-ezami qal li kien ilu erba' snin surmast hemmhekk. Ikkonferma li kien kellem lis-Sindku fuq il-boundary wall tal-iskola li kien perikoluz. Ikkonferma wkoll li dan il-boundary wall hu l-istess boundary wall tal-gnien. Kien sar biss spustjar ta' hamrija u ma twaqqu' l-ebda hitan sabiex jaghtu xi access lil xi hadd li ghandu l-ghalqa wara l-iskola.

**Joseph Grech**[106] xehed nhar is-6 ta' Lulju, 2016, fejn qal li jahdem il-Qorti t'Ghawdex u ghandu kariga ta' deputat registratur. Ipprezenta l-elenku tal-assi ta' Anthony Debono li ppreparah l-Avukat Dottor John Seychell Navarro. Hu qal li ma kellu l-ebda involvement ghat-thejjija ta' dan ir-rapport.

**John Seychell Navarro**[107] xehed nhar it-28 ta' Settembru, 2016, fejn xehed illi kien hu li prepara l-elenku tal-assi ta' Debono, esebit bhala Dok. XYZ. Spjega illi r-ricerki tar-registru pubbliku jigu mfittxija bl-isem u l-kunjom tal-individwu u tal-genituri taghhom u ghalhekk jista' jkun hemm inkluzi xi ricerki ta' persuna ohra. Mhux id-dokumenti kollha fl-ahhar ikunu tal-imputat u c-cedola ta' fidi ta' Maria Perrett kontra Anthony Debono, m'ghandiex x'taqsam mal-imputat. Ghalhekk importanti li jinqraw il-konkluzjonijiet tieghu li jkun ra r-ricerki.

**George Victor Vella**[108] nhar is-6 ta' Lulju, 2016 il-Qorti infurmatu illi kienu ser jittihdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant taghtu cans jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu qabel jixhed. Hu rega' deher nhar il-11 ta' Jannar, 2017, fejn peress li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu, dan ghazel li ma jixhidx.

[106] Fol. 1024 tal-atti processwali.
[107] Fol. 1045 tal-atti processwali.
[108] Fol. 1060 tal-atti processwali.

Vella[109] kien biddel fhemtu u xehed nhar irt-28 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti nfurmatu illi kellu l-ghazla li ma jixhidx peress li kienu nfethu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Hu ghazel li jixhed u qal li ghandu raba' t-triq tal-Qala. Kienu ghamlu triq bil-konkos u biex jilqa' l-ilma tax-xita ghamel giebja. Spjega li kien halla kollox f'idejn Toni Debono u indikah fl-awla u qal li kien l-imghallem tieghu. Qal li x-xoghol sar minn haddiema tal-gvern u kien ilu li sar madwar ghaxar snin.

In kontro-ezami kkonferma illi din l-ghalqa kienet ilha ghand il-familja tieghu ghal snin twal u kien jahdimha missieru li ilu madwar hdax-il sena mejjet. Hija ghalqa li kienet tal-joint office mbghad saret tal-Gvern. Hija l-ahhar wahda fl-isqaq. Ikkonferma wkoll li missieru kien inkwetat dwar problema tal-ilma li kienet ser iggib maghha t-triq lill-ghalqa. Wara din l-ghalqa hemm ghelieqi ohrajn li jinhadmu minn bdiewa ohrajn. Qal li hu biss jiehu l-ilma minn din il-giebja. Ikkonferma li hemm zewg gwiebi u li l-giebja in kwistjoni saret wara li tlesta l-isqaq bil-konkos.

Mistoqsi in ri-ezami f'liema zmien saru dawn il-gwiebi, hu wiegeb illi fi zmien sena saru.

**Carmelo Bajada**[110] nhar is-6 ta' Lulju, 2016 il-Qorti infurmatu illi kienu ser jittihdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant taghtu cans jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu qabel jixhed. Hu xehed nhar it-22 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti nfurmatu illi kellu l-ghazla li ma jixhidx peress li kienu nfethu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Hu ghazel li jixhed u dan wara li ha parir minghand l-avukat tieghu. Qal li hu jahdem full-time mal-Heritage Malta u rregistrat part-time fir-raba' bhala farmer. Ghandu r-raba' s-Sellum tax-Xaghra, li qabel kienet tan-nannu tieghu u nqasmet u ghamlu l-mghodijiet u l-passaggi. Spjega li kellu problema bit-triq u dan minhabba l-ilma tax-xita. Kien mar is-CMU jirraporta dan u baghtuh ikellem lil Debono li gharfu fl-awla. Kien qallu li jmur u jara. Xhur wara, bejn wiehed u iehor ghal Marzu, kien mar wara x-xoghol u bdew ituha l-konkos. Jaf li s-Sansun ghamel ix-xoghol u qal li baghtu Toni. Qal li saret it-triq imma l-hajt kien u ghadu hekk sa llum. Spjega wkoll li l-isqaq/triq huwa taghhom li jaghti ghar-raba' u ghar-razzett li hemm.

[109] Fol. 1174 tal-atti processwali.
[110] Fol. 1067 tal-atti processwali.

Hu ma hallas xejn ta' dawn ix-xoghlijiet. Sostna li hu ma kellux x'jaqsam max-xoghlijiet tad-dranagg ta' Anette Zammit.

In kontro-ezami ikkonferma illi dan l-isqaq/triq jaghti ghar-raba' tieghu, tan-nies u tal-gvern. Spjega li r-raba' tal-gvern qeghdin fl-gholi u l-ilma li jinzel minnhom iwaqqa' l-hajt. Ikkonferma illi mar il-Public Works ghax il-hsara li kinet qed issir fuq il-farm access road kienet qed issir minn propjeta' tal-Gvern. Ikkonferma li x-xoghol li sar irranga l-access ghall-bdiewa kollha u qed itaffi ftit mill-problema tat-tajn u tal-ilma. Spjega wkoll li missieru li llum ghandu wiehed u disghin (91) sena, jiftakar illi l-haddiema tal-Gvern kienu jidhlu jirrangawh mieghu fil-passat.

**George Formosa**[111] kien inizzjalment gie nfurmat illi ser johorgu akkuzi fil-konfront tieghu u kien ghazel li ma jixhidx. Madankollu dan biddel fhemtu u xehed nhar it-22 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti nfurmatu illi kellu l-ghazla li ma jixhidx peress li kienu nfethu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Hu ghazel li jixhed u kkonferma li ghandu propjeta' fi Triq l-Isqof Mikiel Molina, kantuniera ma' Triq it-Trux gewwa l-Gharb. Spjega illi kienu kellmuh il-pulizija rigward hajt li kellu u li kien fi stat perikoluz u li allura kellu jittranga. Hu kien mar ghand Toni Debono u kien qallu li hu lest li jaqlalu l-hajt u jtih il-gebel. Kien mar is-Sur Cauchi li jahseb li baghtu Debono u qalgha l-hajt. Ghall-gebel Debono kien qallu sabiex jikkuntatja lil Carmel Azzopardi l-Bies u hu u hutu bnew il-hajt. Stqarr li ghax-xoghol li ghamel is-Sansun u ghall-gebel hu ma hallas xejn. Qal li Debono ma talbu xejn u kien tah flixkun whiskey bhala hbieb ghax jafu sew.

In kontro-ezami ikkonferma li dan il-hajt li hu tieghu u tal-mara qed jaghlaq ghalqa li hu jahdem. Hu jkabbar il-ward, inxxfu u jbiegh iz-zerriegha tieghu. Ikkonferma wkoll li r-raba' tieghu iktar gholjin mit-triq ta' tahtom u ghalhekk il-hajt li qed izomm ir-raba' u li huwa ghola mit-triq isejhulu hajt li huwa fuq ir-rih. Wiegeb li ma kienx jaf li l-Gvern jipprovdi skema sabiex jghin fil-manutenzjoni taghhom u fiz-zamma taghhom, madankollu qal li jaf b'hitan ta' dan it-tip li gew trangati. Fir-rigward tal-

[111] Fol. 1085 tal-atti processwali.

flixkun whiskey jghid li hu nsista ma' Debono biex jihdu ghax dan tal-ahhar ma riedux u nzerta wkoll li kien zmien il-Milied.

**Sammy Camilleri**[112] nhar is-6 ta' Lulju, 2016 il-Qorti infurmatu illi kienu ser jittihdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant taghtu cans jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu qabel jixhed. Hu xehed nhar it-22 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti nfurmatu illi kellu l-ghazla li ma jixhidx peress li kienu nfethu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Hu ghazel li jixhed u dan wara li ha parir minghand l-avukat tieghu. Qal li l-pulizija kienu kellmuh fuq xi passaggi li saru fl-ghelieqi, kif ukoll fuq xoghlijiet li saru gol-barriera fi Trux Street. Specifika li kienu saru xi xoghlijiet ta' rampi u passaggi, fejn parti mix-xoghol kien ghamlu hu u xoghol iehor ghamlu Joe Cauchi s-Sansun. Kien ukoll inghata xi concrete li kien gie provdut mir-Road Construction. Hu kien talab lis-CMU, lil Toni Debono li gharaf fl-awla sabiex jirrangaw dawn il-passaggi ezistenti. Saru xi erba' jew hames rampi u zewg passaggi. Ghal dawn ix-xoghlijiet li saru fir-raba' hu ma hallas xejn.

Fir-rigward tax-xoghol fil-barriera, specifikament ix-xoghol tad-dranagg mid-dar qal li ghamlu Joe Cauchi. Kien qabbdu hu stess u hallsu hu wkoll. Kien sar excavation mal-basement tal-garage u ta'dan lil Cauchi wkoll hallsu hu.

Fir-rigward il-barumbara u t-triq li taghti ghaliha, riedet titwessa rampa u kien talab lil Toni Debono sabiex dan isir u dan sabiex wiehed ikun jista' jitla' bl-ingenji ghar-raba' li hemm. Il-concrete kien ipprovdut mir-Road Construction. Spjega li kienu saru zewg rampi ohra f' Wied Mielah, izda ma jafx dan ix-xoghol sarx mis-Sansun ghax kien talab ukoll il-Kunsill Lokali ghall-ghajnuna f'dan ir-rigward. Stqarr li sa fejn jaf hu qieghed square mas-Sansun u m'ghandu jtih ta' xejn iktar.

In kontro-ezami jikkonferma li certu rampi saru f'Wied Fonzu u tas-Sisien li huwa area f' Ghawdex mizghuda raba' li tinhadem. Il-parti t'isfel tar-raba' li hemm vicin il-Wied hi tal-Joint Office. Ikkonferma wkoll illi b'dawn ix-xoghlijiet qieghed jinghata access jew tjieb l-access lill-bdiewa ghal dawn ir-raba'. Dawn ir-rampi huma fil-fatt toroq fir-raba', li jaghtu minn ghalqa ghal ohra.

[112] Fol. 1095 tal-atti processwali.

Fir-rigward ta' Wied Mielah jikkonferma illi dan ukoll mizghud raba' li tinhadem allura x-xoghol li sar mis-CMU sar f'dawn it-toroq li jaghtu accessi ghar-raba' u ghall-bdiewa. Xoghol min-naha tas-CMU fil-barriera tieghu ma sar xejn.

Fir-rigward tar-rampa fejn il-barumbara ikkonferma li din taghti access ghall-ghelieqi ohra. Qal li ma jiftakarx ezatt kienx l-ewwel mar ghand il-Kunsill u l-Kunsill irreferihx ghas-CMU jew kienx Cauchi stess li rreferih hemm. B'xi mod jghid li sar jaf li dawn it-tip ta' xoghlijiet tista' titlob ghajnuna minnhom min-naha tas-CMU. Ghac-cheque li kien hareg lil Cauchi, kien qallu sabiex jaghmlu fuq ismu u jiffirmah. Qal ukoll li ma sabx ircevuta fiskali

In ri-ezami ghal fuq ix-xoghol tal-barriera kellu x'jaqsam biss mas-Sansun u li l-istess barriera hi kollha kemm hi tal-joint office, mbghad hu kien xtara r-residenza ta' go fiha.

**Sammy Camilleri**[113] rega' xehed nhar id-9 ta' Dicembru, 2020, in kontro-ezami fejn qal illi Anthony Debono qatt ma mar ghandu sabiex jghinu jew jaghtih xi flus sabiex jghaddihom lil Joe Cauchi.

**Il-Perit Richard Aquilina**[114] xehed nhar it-23 ta' Mejju, 2018, fejn pprezenta r-relazzjoni tieghu li fiha kontegg tax-xoghlijiet skont kif mitluba kif ukoll pjanti li juru l-estensjoni u l-lokalita' tax-xoghol. Saru zewg accessi fuq il-propjetajiet koncernati.

**Marcel Tabone**[115] xehed nhar il-11 ta' Dicembru, 2019, fejn qal li hu Senior Executive mal-Jobsplus u pprezenta employment history tal-imputat Anthony Debono.

**L-Ispettur Bernard Charles Spiteri**[116] xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2021 fejn qal li missieru kellu laqam tal-Gidri jew Tal-Baqri u li miet f' Novembru 2016. Ikkonferma

---

[113] Fol. 1658 tal-atti processwali.
[114] Fol. 1196 tal-atti processwali.
[115] Fol. 1332 tal-atti processwali.
[116] Fol. 1729 tal-atti processwali.

li ghandhom ir-raba' li kien jahdmu missieru u issa anke jahdmu hu u huh. Hu muri pjanta qal li ghandhom ir-raba' il-Qasam ta' San Gorg.

**Anton Grima**[117] xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2021 u qal li ghandu r-raba' f' Wied Siekel u li xtrah dan l-ahhar xahar minghand hutu, izda kien ilu madwar tletin (30) sena jiehu hsiebu. Ikkonferma li hemm iktar raba' f'Wied Siekel u raba' tajjeb ghax ghandu l-ilma. Sabiex dawn l-ghelieqi ma jfurux bl-ilma hemm gandott. Fil-passat dan gili kien ifur u l-ilma kien jaqbez ghal go l-ghelieqi tieghu. Spjega li anke terrapien gili gie imma llum din issolvit billi nbena hajt madwar ghaxar snin ilu u anke twessa' l-kanal. Hu kien talab l-ghajnuna minghand il-Gvern u l-Ministeru ghal Ghawdex sabiex dawn ix-xoghlijiet jigu mwettqa u kienu marru haddiema tas-CMU. L-ewwel spjega li kien twessa l-gandot u l-problema kienet baqghet hemm u allura sussegwentament inbena l-hajt.

In kontro-ezami qal li ma jiftakarx min ghamlu dan ix-xoghol u hu ma kienx ikun hemm.

**Francis Saliba**[118] xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2021 fejn ikkonferma li ghandu r-raba' f' Tal-Hamra u li tasal ghalihom billi tghaddi minn go Wied l-Infern. Spjega li hemm problema ghax jaqa' hafna ilma, jigi minn tal-muntanja u jaghlaq it-triq bit-tajn u kollu jaqa' ghan-naha taghhom. Iccara li gholja mhux muntanja, Ta' Kuljat. Spjega wkoll li dan l-ilma kien waqqalu l-hitan erba' darbiet u kienu saru xi xoghlijiet madwar seba' jew tmien snin ilu fit-triq sabiex din tigi solvuta. L-ilma qed jinqaleb ghal gol-wied issa flok ghar-raba'. Hu jghid li kien ilmenta mal-Ministeru jew ma tal-Agrikoltura u x-xoghol kien sar mill-Gvern.

In kontro-ezami jghid li ma rahomx jaghmluh ix-xoghol. Fir-raba' hu sigar ghandu u allura ma jmurx kuljum. Qal li mhux cert izda jahseb li l-Ministeru kien mar sabiex jitlob l-ghajnuna u l-persuna li kellem kien ragel Ghawdxi, madankollu, meta hares

[117] Fol. 1732 tal-atti processwali.
[118] Fol. 1742 tal-atti processwali.

harsa madwaru fl-awla sabiex jara jarafx lil din il-persuna, dan qal li m'hu jgharaf lil hadd.

**<u>David Portelli</u>**[119] xehed nhar it-13 ta' Jannar, 2021 fejn qal li l-familja tieghu ghandha laqam tal-Lingi. Muri xi ritratti, kkonferma li huma tar-residenza tieghu. Ikkonferma li l-pulizija kienu saqsewh fuq hajt li huwa parti mill-gnien tieghu u li qieghed taht it-triq. It-triq hija pubblika f'Santa Lucija, Limits of Kercem. Hu qal li kien qabbad lil certu Frank Excavations sabiex jghamillu xoghlijiet ta'excavations, garr u sejjieh fl-2004 u fl-2005 u ghandu wkoll l-ircevuti. Leli Farrugia tal-Midiel kien bnilu l-hajt. Ma jidirlux li sar xoghol ta' thammil fit-triq pubblika. Spjega li lis-Sansun jafu imma ma kienx qabbdu jaghmel xogholijiet.

Sojega wkoll li kellhom ir-restaurant tal-Brookies. Missieru kien imur filghodu, hu kien chef u huh kien imexxi r-restaurant fuq barra. Qal li kellhom problema fejn ir-restaurant beda jimtela bl-ilma mit-triq u jaghmel il-hsara fil-kamra tal-generator li kienet mat-triq, mat-terrazin fuq it-triq. Dan il-generator kien go bir prattikament. Spjega li gol-Brookies kien hemm xi hamest ibjar. Kien hemm kwistjoni li kien hemm min beda jallega illi dan it-terrazin kien tal-Gvern u anke kien hemm kawza. Il-problema tal-ilma kienet indirizzata u giet partly solved. Kif giet solvuta ma jafx ghax missieru kien jiehu hsieb. Il-wine cellar m'ghandu x'jaqsam xejn mal-bir ta' fejn hemm il-generator. Il-wine cellar kien sar fl-ghar li kien diga jezisti fil-bini u huma kemm naddfuh u ksewh biss.

In kontro-ezami spjega illi l-kisi u l-madum u kollox ghamlu wiehed minn Ta' Sannat Salvu li llum mejjet u tifel mix-Xaghra, Noel Zammit. Hu jaf lil Joe is-Sansun u sa fejn jaf hu la s-Sansun u qas il-familja jew il-kumpanija tieghu m'ghamlu xoghol fil-Brookies jew fid-dar tieghu, li jaf bih hu. Mistoqsi jekk Joe Cauchi ghamilx xi xoghol f'dik it-triq tal-propjeta' tieghu ta' thammil jew tindif, hu wiegeb li qatt ma rah 'l hemm lil Joe Cauchi u ma jafx li ghamel xoghol hemmhekk.

---

[119] Fol. 1748 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-atti, inkluz ix-xhieda kollha, jirrizulta illi l-kaz jitratta dwar persuna bl-isem ta' Joseph Cauchi, maghruf ukoll bhala s-Sansun, illi kien irraporta li ghadu ma thallasx ghal xi xoghlijiet li l-imputat, Anthony Debono kien qabbdu sabiex jaghmel meta kien ghadu *officer in charge* gewwa l-Construction and Maintenance Unit (CMU), fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sur Cauchi li anke ha c-certifikat ta' *whistleblower* allega illi dawn ix-xoghlijiet bdew isiru minghajr tenders u fil-privat. Allega wkoll illi l-invoices illi hu kien qed johrog, fuq struzzjonijiet specifici tal-imputat, kienu foloz u dan ghalxiex ma kienux jirriflettu x-xoghlijiet fejn vera kienu qed isiru. Hu sahansitra stqarr ukoll li certu xoghlijiet bdew isiru sabiex in-nies li kien qed isirilhom ix-xoghol, jivvutaw ghall-mara tal-imputat u cioe' l-ex Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono. Il-prosekuzzjoni ressqet diversi provi, fosthom ix-xhieda kollha sucitati.

Tajjeb illi jigi enfasizzat illi l-akkuzat m'ghandu jipprova xejn u hija biss il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u dan sa livell 'l hinn minn kul dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**[120] fejn gie ritenut li:

> *"Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.* ***Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,'*** *kif gie deciz fil-kawza "Pulizija vs Bugeja", tas-26 ta' Marzu, 1987.* ***Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.***

[120] Deciza nhar l-24 ta' April 2003.

*Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u* ***f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.***

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer**" deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni.* ***Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.*** *Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown**[121] jgħidu s-segwenti :

[121] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being **"sure"**, in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, **are sure that the accused is guilty.** Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Meta jigi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi procedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi ghal dal-kuncett bhala **l-prinċipju tas-sikurezza**. Hekk per ezempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta**,[122] dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-kaz, in bazi ghall-provi migjuba quddiemha hija setghet tasal b'sikurezza ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jigi pruvat in bazi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre, jekk id-dubju veru, bazat fuq ir-raguni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cioe **d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stharrig dettaljat u b'attenzjoni, b'diligenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu gew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza li mbaghad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jinghad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ma jkunx intlahaq; u li allura bhala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkuzi migjuba kontrih**.[123]

Ghaldaqstant sabiex din il-Qorti issib htija fl-imputat Anthony Debono, trid taccetta dak li xehed Joseph Cauchi, bhala x-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni, sal-grad rikjest mill-ligi. Illi kif diga' gie ndikat *supra*, is-Sur Cauchi allega illi fuq tnejn u ghoxrin (22) post saru xoghlijiet li ma kellhomx isiru. Id-difiza rribattit dan u pprezentat rapport annwali tas-sena 2011[124] li jikkontjeni fih ta' x'inhu r-remit tas-CMU. L-oggettiv ewlieni tas-CMU qieghed imnizzel bhala '***that of rendering services in the***

[122] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957.
[123] Ara wkoll **Il-Pulizija vs William Mifsud**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2020.
[124] Esebit fol. 154 et seq. tal-atti processwali.

***construction and maintenance areas to the general public, voluntary organisations and other government entities.***'[125] Oltre minn hekk huwa specifikat ukoll illi:

> ***The CMU is also responsible for the improvement and maintenance of farm access roads, passages and ramps in fields and surrounding areas. Repair works, levelling and surfacing of passages leading to fields were given priority in order to provide proper access to farmers.***

Fl-istess rapport hemm ukoll li s-CMU taghmel xoghlijiet **f'football grounds, u facilitajiet sportivi ohrajn fosthom il-*hourse racing track* u *Bocci pitches*, filwaqt li tghin ukoll lill-Kunsilli Lokali**. Dan ir-remit tas-CMU kien ikkollaborat minn diversi xhieda fosthom George Pace, Joseph Sciberras, Anthony Debono n-Niksu u Joseph Portelli. Min-naha l-ohra s-Supretendent Abdilla, meta xehed in kontro-ezami stqarr illi qatt ma ra d-dokument li esebiet id-difiza u cioe' l-Annual Reports of Government Departments tas-sena 2011.

Il-bicciet ta' xoghol mertu ta' dawn il-proceduri jinkludu:

a. il-ground tal-football tal-Gharb;
b. il-five-a-side pitch tal-iskola tal-Gharb;
c. il-pedestall gewwa l-Gharb ta' Wied Gulja,
d. Cement roads limits of San Dimitri, l-Gharb,
e. direction to Ta' Garrija Fontana Brothers Fireworks Factory;
f. il-private parking area tal-klijenta Brigitta gewwa Triq it-Trux;
g. tnehhija ta' hajt li kien fit-Triq l-Isqof Mikiel Molina fl-Gharb;
h. rampa fi triq ta' Sdiri, Gharb li hi maghrufa wkoll bhala tat-Tmintax;
i. *farm access* roads gewwa Wied l-Infern;
j. Xoghol ta' konezzjoni ta' drenagg gewwa triq il-Kanun, Ghasri; xoghol fi triq San Martin, Trejqet il-Harrub;
k. concrete road gewwa tac-Cawla, Rabat Ghawdex;
l. xoghlijiet f' Wied il-Lunzjata Kercem;

[125] Fol. 161 tal-atti processwali.

m. xoghlijiet fl-iskola ta' Kercem; concrete paths leading to Dwejra fosthom Sqaq ta' Xirfi u l-Ghadira ta' San Raflu;
n. Concrete path fit-triq tas-Sellum u gibjun gewwa l-Qala.

A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti wara li evalwat l-atti kollha, inkluz izda mhux limitatament ghax-xhieda sucitati u l-verbali tal-accessi fuq l-istess postijiet, hija tal-fhema li dawn it-tip ta' xoghlijiet kienu jaqghu fir-remit tas-CMU hekk kif deskritt iktar il-fuq u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala xoghol li sar fil-'privat'.

Min-naha l-ohra xoghlijiet li semmew f'dawn il-proceduri u li saru lil Sammy Camilleri personali, dan xehed b'mod car illi ghax-xoghol li hu kien ingagga lil Joseph Cauchi, hu kien hallsu u sabiex jissostanzja dan, sahansitra pprezenta kopja ta' l-istess cheque li hu hallsu bih. David Portelli xehed ukoll illi sa fejn jaf hu la s-Sansun u qas il-familja jew il-kumpanija tieghu m'ghamlu xoghol fil-Brookies Restaurant jew fid-dar tieghu. Mistoqsi jekk Joe Cauchi ghamilx xi xoghol f'dik it-triq tal-propjeta' tieghu ta' thammil jew tindif, hu wiegeb li qatt ma rah 'l hemm lil Joe Cauchi u ma jafx li ghamel xoghol hemmhekk. Portelli sahansitra enfasizza li l-wine cellar kienet diga' fil-propjeta' tal-Brookies u ma kellha bzonn xejn ghajr tindif u kisi u xejn thammil. Hu ssostanzja dak li xehed sahansitra b'ismijiet ta' individwi li ghamlu x-xoghol, kif ukoll b'ircevuti. Ghaldaqstant it-testimonjanza ta' dawn iz-zewg xhieda tikkuntrasta u tiddiskredita dak li qal Joseph Cauchi fix-xhieda tieghu.

Kif diga gie ritenut, argument iehor li Cauchi beda jghid li ma thallasx ghal dawn ix-xoghlijiet minhabba l-fatt li ma kellux *tender* jew *period contract.* Madankollu mill-atti rrizulta illi kien hemm period contracts fis-snin 2004, 2005, 2006 u anke 2012. Huwa minnu li bejn is-snin 2007 u 2012 ma kienx hemm *tenders* jew *period contracts*, izda kemm Joseph Portelli kif ukoll Joseph Sciberras xehedu illi meta bicca xoghol tkun tiswa inqas minn hames mitt euro (€500.00) l-*officer in charge* setgha jaqbad u jipprocedi bix-xoghol. Joseph Portelli xehed ukoll illi anke kien fir-remit li hu kellu bhala Direttur skont il-Financial Regulations illi jistghu jitqabbdu xoghlijiet ta' natura simili sa limitu ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000). Ghalhekk la dan kien fir-remit tieghu, hu kien japprovahom wara li jkun hemm il-firem tal-ufficjal inkarigat.

Spunt iehor li din il-Qorti nnutat hu li fuq il-maggorparti ta' dawn ix-xoghlijiet, Joseph Cauchi ma kienx ikun l-unika kuntrattur u kien ikun hemm min jissuplixxi materjal. Fosthom kien hemm Pietru Debono li xehed f'dawn il-proceduri u li sahansitra Joseph Cauchi qal li gili ssuplixxih bil-*concrete* f'dawn ix-xoghlijiet mertu ta' dawn il-proceduri. Hu xehed illi qatt ma gie mgieghel sabiex jaghmel xi voucher jew xi delivery note ta' xoghol li ma ghamilx u tenna wkoll illi sa fejn jaf hu ma hadux konkos fil-privat.

Fit-rigward tal-invoices, il-Qorti fehmet illi Joseph Cauchi kien jnizzel dettalji partikolari fil-wokings tieghu, kif jifimhom hu, per ezempju, fejn kien kiteb illi hadem ghand il-Gidra, dan kien hadem Qasam San Gorg, Kercem. Rinfaccat b'diversi mistoqsijiet matul il-kontro-ezami tieghu Cauchi qal iktar minn darba wahda li ma kellux spjegazzjoni ghal dak li beda jghid l-avukat tad-difiza specjalment meta beda jitolbu spjegazzjoni kif invoices li skontu ivvintati bdew jaqblu mal-*workings* tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti jidhrilha illi gie sodisfacentament ippruvat sal-grad tal-probabli illi permezz tal-ezercizzju li ghamlet id-difiza fejn qabblet il-workings u l-invoices in kwistjoni, tqajjem id-dubbju jekk hux vera minnu jekk Cauchi kienx diga thallas ta' certu xoghlijiet.

Oltre minn hekk kif diga' gie ndikat *supra*, ma kienux biss David Portelli u Sammy Camilleri li kkontradixxew dak li xehed Joseph Cauchi. David Apap innega li qatt argumenta mal-ex Ministru Giovanna Debono jew mal-imputat u dan kuntrarjament ghal dak li qal Cauchi meta insinwa li l-imputat ma setax jigbor flus minghand Apap ghax dawn 'xellfuha'.

Il-motivazzjoni li kellu Cauchi, kif qal hu stess fix-xhieda tieghu, kienet li jithallas ghax-xoghol li kien ghamel. Tant kemm hu hekk li dan mar ghand diversi nies, fosthom politici sabiex jigbor flusu. Meta ra li min-naha tal-Ministeru dan ma kienx ser jigbor flus, apparti li kien baghat ittra ghall-hlas lis-Sindku tal-Gharb dan kien anke mar fuq Brigitta, l-persuna ta' nazzjonalita' barranija li kien ghamel ix-xoghol hdejn il-propjeta' taghha gewwa Triq it-Trux, u din kif xehed Cauchi stess kienet hallsitu tax-xoghol li hu kien ghamel u mhux talli hekk, talli lilha kien talabha iktar flus milli kien

talab lis-CMU u l-ispjegazzjoni tieghu kienet ghax fil-privat jithallas iktar. Mistoqsi fuq kif kien talab il-hlas kemm mill-Ministeru u kemm minghand is-Sindku tal-Gharb, hu rrimarka illi meta tkun trid tigbor flusek, tara kif tigborhom. Oltre minn hekk, meta d-difiza stess ippruvat tigbidlu l-attenzjoni illi dawn ma kienux proceduri civili izda proceduri kriminali, kienet il-Qorti stess li ndirizzat lid-difiza bil-kliem *'Avukat ma huwiex ser jifimha d-differenza. Allura nistiednek tkompli l-kontro-ezami'*.[126]

Tajjeb li wiehed jifhem illi Joseph Cauchi inghata l-istatus ta' *Whistleblower* jew Informatur. Kapitolu 527 tal-ligijiet ta'Malta jidefinixxi t-terminu ta' informatur billi jghid li dan ifisser:

> *kull impjegat li jiżvela lill-uffiċjal li jirrapporta dwar żvelar ta' informazzjoni protetta jew lill-unità dwar rapporti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, skont il-każ, kemm jekk l-informazzjoni tikkwalifika jew ma tikkwalifikax bħala żvelar protett taħt dan l-Att;*

Is-Sur Cauchi kien jikkwalifika bhala 'impjegat' taht Kapitolu 527 u dan stante l-fatt li huwa kuntrattur li jaghti servizz lill-Ministeru t' Ghawdex. Huwa inghata c-certifikat ta' *Whistleblower* bis-sahha ta' Artikolu 5(4) ta' Kap. 527 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinsab esebit a fol. 209 tal-process u jghid illi Cauchi qieghed jigi ezentat minn proceduri kriminali li jinkludu izda mhux limitati ghall-frodi, serq, l-approprijazzjoni indebita, l-gehmil ta' dikjarazzjonijiet foloz u kull reati jew kommessi minn Joseph Cauchi bejn is-sena 2006 u Marzu 2013 biex:

> a) *Iwettaq, kif fil fatt wettaq, xoghlijiet ghall-beneficcju ta' individwi jew persuni privati u biex ta' dawk ix-xoghlijiet jibghat kontijiet/invoices li jirreferu ghal, u biex imbghad jithallas ta', xoghol li kien jidher li jirreferi ghal xoghol fuq propjeta' pubblika u li jidher li sar ghall-Gvern u/jew ghall-Ministeru ghal Ghawdex, meta dan ma kienx il-kaz;*

[126] Fol. 1617 tal-atti processwali.

b) *Iwettaq, kif filfatt wettaq, xoghlijiet fi propjetajiet ohra li ma kienux tal-Gvern u/jew tal-Ministeru ghal Ghawdex jew responsabbilita' taghhom li skont l-istruzzjonijiet li kellu, kellhom ghal skopijiet ta' kontijiet jigu ndikati bhala li jirreferu ghal xoghol tal-Gvern u/jew tal-Ministeru ghal Ghawdex liema xoghol indikat fil-kontijiet ma kienx dak li kien jigi attwalment inkarigat biex jaghmel, u ma kienx attwalment xoghol tal-Gvern u/jew tal-Ministeru ghal Ghawdex, u biex jibghat kontijiet/invoices li jirreferu ghal, u biex imbghad jithallas ta' xoghol li jidher li sar ghall-Gvern u/jew ghall-Ministeru ghal Ghawdex meta dan ma kienx il-kaz;*

c) *Jithallas tax-xoghlijiet appena deskritti tramite tender li nhareg wara li Joseph Cauchi kien diga' ghamel dawn ix-xoghlijiet, u liema tender inhareg ghal ghanijiet diversi mix-xoghlijiet li thallsu abbazi tieghu.*

In breve, dan ic-certifikat kien soggett ghall-kundizzjoni esplicita illi Joseph Cauchi kellu jassisti bis-shih il-pulizija, jirilaxxa stqarrija u jixhed skond il-ligi b'mod esplicitu u inekwivoku. Minkejja dawn il-kundizzjonijiet cari, jidher illi x-xhieda tas-Sur Cauchi m'ghandix mis-sewwa u dan specjalment jispikka meta rinfaccat b'certu mistoqsijiet mid-difiza illi hu ma ddejaqx jghid li m'ghandux spjegazzjoni ghalihom.

Sfortunatament, kif diga' gie ritenut *supra* l -intenzjoni li kellu Cauchi kienet wahda, li jigbor flusu. Sahansitra, jghid bl-iktar mod car fix-xhieda tieghu, illi kieku thallas ma kienx jasal fejn wasal b'dawn il-proceduri. Ghalhekk johrog b'mod car illi l-ghan ewlieni tieghu zgur ma kienx li jiggieled il-korruzzjoni, izda li jithallas ghax-xoghlijiet li kien ghamel ghax kieku dan kien thallas ghalihom zgur ma kien ha jghid xejn. **L-istatus ta' informatur hu importanti hafna ghax huwa strument sabiex jassigura governanza tajba. Dan jinkombi responsabliita' kbira kemm fuq min jaghti dan l istatus kif ukoll fuq min jircevih u ghaldaqstant m'ghandux jigi abbuzat biex wiehed jirkupra flusu.**

Fit-tieni qari tal-*Whistleblower* Bill, il-Ministru Owen Bonnici rrimarka s-segwenti:

> *Imbagħad, Sur President, hemm kategorija ta' persuni li l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna mhux talli mhuwiex qed jipproteġihom talli hawnhekk qed indaħħlu reat kriminali ġdid fil-konfront tiegħu.* ***Hawn qed nirriferi għal dawk il-każijiet ta' meta xi ħadd ikun ta informazzjoni mhux korretta mhux għax ikun ħa żball ġenwin imma jiddeċiedi li jagħmel a whistleblowing act xjentement kontra l-prinċipal tiegħu biex jagħmel il-ħsara, dak li nsejħulu bħala "mens rea".*** *Fih innifsu, dak se jkun reat kriminali, u allura avviso ai naviganti; aħna se nipproteġu lil min hu in good faith, se nipproteġu anke lil min kien in good faith u intavola l-ilment tiegħu f'unit differenti minn ieħor kif se nipproteġu wkoll lil min kien in good faith u wara rriżulta li dak li kien jaħseb li huwa korrett ma kien korrett xejn. F'dawn il-każijiet li għadni kemm semmejt ma ġara xejn għax dawn se jkollhom il-protezzjoni kollha* ***imma min se juża din il-liġi biex ipatti jew biex jagħmel att ta' ħażen, ta' krudeltà jew ta' tpattija kontra xi ħaddieħor, dak se jiġi meqjus bħala reat kriminali. Għalhekk hawn irrid nerġa' nenfasizza li filwaqt li aħna disposti li nipproteġu lill-whistleblower onest, lil min jikxef lil ħaddieħor li jkun għamel il-ħażen miegħu u lil min jieħu żball ġenwin, min-naħa l-oħra min jagħżel li jikxef xi informazzjoni bl-intenzjoni li jweġġa', li jwettaq att ta' vendikazzjoni jew li jwettaq att ta' tpattija, f'dak il-każ dak se jiġi meqjus bħala reat kriminali.***[127]

**Ghaldaqstant jista' jinghad illi dan l-istatus ta' Informatur ghandu jigi rivedut u jekk ikun hemm il-bzonn anke jittiehdu l-passi kriminali necessarji fil-konfront tal-persuna li ma tkunx qed tagixxi *in good faith u cioe biex tizvela xi korruzzjoni u mhux biex tipprova tiehu xi vantagg monetarju kif donnu gara fil-ka zodejrn.***

---

[127] Seduta numru 46, 8 ta' Lulju, 2013, p. 238

Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti ma hiex sodisfatta sal-grad li trid il-ligi u cioe' 'l hinn minn kul dubbju dettat mir-raguni li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuzi taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni setghet tressaq iktar xhieda, fosthom il-haddiema li kienu jahdmu ma' Joseph Cauchi bl-ismijiet ta' Giovanni, Gori u sahansitra anke hu l-istess Joseph Cauchi. Xhud iehor li ma telghax jixhed kien certu Joseph Refalo li kien prepara d-dokument lil Joseph Cauchi u gie esebit in atti minnu stess, b'kollox imnizzel ta' x'kellu jiehu bhala flus.

Jintqal li "fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja" – **Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo**.[128] Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda moghtija minn Joseph Cauchi la hi versomili u lanqas plawsibbli b' mod li tinduci fil-Qorti dik "ic-certezza morali" li tippreciza d-decizjoni. Mill-apprezzamernt tal-provi li hemm traskritti fl-atti, din il-Qorti tara li l-evidenza mressqa mill-prosekuzzjoni hija wahda debboli, specjalment tenut kont li x-xhieda ta' Cauchi mhiex kredibbli w affidabbli, u li x-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni ma jikkolobroawx dak li qal l-istess Joseph Cauchi. Jista' jghati l-kaz li hemm suspetti jew possibilitajiet li l-appellat ghamel dak li allegatament ghamel. Izda, kif hu ben saput, il-Qorti qatt ma tista' ssib htija f'xi hadd meta l-provi jistghu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bazi ta' suspetti biss. Il-provi li hemm fl-atti jwasslu biss sal-grad tas-suspett infondat jew mhux provat, jibqghu biss allegazzjonijiet kontra l-appellat mhux provati sal-grad rikjest mill-ligi, dak tal-konvinciment morali. Hu f'dan is-sens allura illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet wahda '*safe and satisfactory*' u ghalhekk ghandha tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qedgha tichad l-appell tal-Avukat Generali u ghaldaqstant qedgha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha fejn ma sabitx lill-appellat Anthony Debono hati tal-akkuzi kollha kontra tieghu u konsegwentament tilliberah minnhom.

[128] Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet fir-rigward ta' frizar u sekwestru tal-assi tal-appellat, fir-rigward tal-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti u fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti, liema talbiet saru fic-charge sheet migjuba fil-konfront tal-appellat, u dana stante li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef